# Id-dinja ta' ġo fija

Ktieb ta' għajnuna għat-tagħlim tar-reliġjon fit-tieni klassi tal-iskola sekondarja

Pubblikazzjoni tas-Segretarjat għall-Katekeżi tal-Arċidjoċesi ta' Malta 2012
Xogħol ikkummissjonat u awtorizzat mill-Kummissjoni Kateketika Nazzjonali

© 2012 Segretarjat għall-Katekeżi, Malta

Kitba ta' Jonathan Laferla, Jacob Portelli u Brian Sultana.

*Dan il-ktieb qed jinbiegħ bil-kundizzjoni li ma jistax jinsilef, jerġa' jinbiegħ jew jingħata b'xejn f'xi għamla oħra jew legatura ħlief kif inhu ppubbilkat. Ma jista' jsir fih ebda tibdil. Ebda silta minnu ma tista' tkun ppubblikata jew maħruġa f'mod fotostatiku, elettroniku, mekkaniku jew b'xi mod ieħor mingħajr il-permess bil-miktub tas-Segretarjat għall-Katekeżi.*

Disinn ta' Alan Bonello
Illustrazzjonijiet oriġinali ta' Daniel Bretas

Ħajr lill-membri tal-Bord għat-Tagħlim tar-Reliġjon fi ħdan is-Segretarjat għall-Katekeżi, fost l-oħrajn lil Mariosa Micallef u lil Sr Alexandra Chircop, lis-Segretarjat għall-Edukazzjoni fi ħdan l-Arċidjoċesi ta' Malta, lir-Rev. Dr Hector Scerri u lil Rev. Dr René Camilleri għall-pariri esperti tagħhom, lir-rivista Xehda Għasel għad-drittijiet fuq numru ta' ritratti u illustrazzjonijiet u lil Robbie Mamo għall-qari tal-provi.

Nihil Obstat
31 ta' Ottubru 2012
Dun Hector Scerri
Cens. Theol.

Imprimatur
31 ta' Ottubru 2012
+ Pawlu Cremona, op
Arċisqof ta' Malta
President tal-Konferenza Episkopali

Stampat mill-Gutenberg Press, Malta

ISBN 978-99957-0-352-3

# Contents


## Iż-żerriegħa li tagħti l-frott . . . . . . . 1

Trid tmut biex tgħix . . . 2
Il-Magħmudija . . . 4
Il-Griżma tal-Isqof . . . 6
Is-siġra trid tinżabar . . . 8
Id-dawl u l-ilma . . . 10
Jagħmlu ħafna frott . . . 12

## Ninżlu fil-fond . . . . . . . . . . . 15

Il-fażijiet tal-ħajja . . . 16
L-esperjenza reliġjuża . . . 18
Għaliex? . . . 20
Ħadd mhu waħdu! . . . 22
Naqsmu dak li nemmnu . . . 24
Mużika u Poeżija . . . 26

## Matul il-mixja ta' ħajjitna . . . . . . . 29

Ir-reliġjon u l-bniedem . . . 30
Ħarsa lura . . . 32
Ulied Abraham . . . 34
Lil min tammira? . . . 36
Ġesù bħala mudell . . . 38
L-esperjenza miktuba . . . 40

## Gambetti u tfixkil . . . . . . . . . . 43

Mhux dejjem minn fuq . . . 44
Ġesù fid-deżert . . . 46
It-tiġrib fil-ħajja . . . 48
L-iskuża tal-libertà . . . 50
Il-libertà vera . . . 52
Il-vjaġġ ta' Mosè . . . 54

## Alla kif ikellimna? . . . . . . . . . 57

Alla hu mħabba . . . 58
L-istorja ta' Ester . . . 60
Kemm naf nikkomunika? . . . 62
Naqraw is-sinjali . . . 64
Kif nitlob? . . . 66
Imħabba tal-Ġenn! . . . 68

## Salib it-toroq . . . . . . . . . . . 71

Żmien ta' deċiżjoni . . . 72
Awtonomija u kunflitti . . . 74
X'inhu jiġri ġo fija? . . . 76
Meta niżra' l-vizzju . . . 78
Meta niżra' l-virtù . . . 80
Il-vjaġġ ġewwieni . . . 82





# Iż-żerriegħa li tagħti l-frott

**ĦEJJI RUĦEK:**

Qatt ħsibt dwar kif żerriegħa tant żgħira tikber fi pjanta sabiħa bil-frott jew fjuri?

Taħseb li l-ħajja tagħna tixbah din iż-żerriegħa?

**IMMARKA ✓ ĦDEJN IL-KLIEM LI TAF XI JFISSER:**

- ☐ Pjan
- ☐ Bidla
- ☐ Emozzjonijiet
- ☐ Proċess
- ☐ Tfulija
- ☐ Adolexxenza
- ☐ Magħmudija
- ☐ Griżma tal-Isqof

# Trid tmut biex tgħix



Tgħidx kemm nieħu gost immur għand in-nanniet tiegħi u meta nkun hemm l-hena tiegħi ndur man-nannu fir-razzett antik tagħhom, inpoġġu l-frott li jkun għadu kemm qata' ġol-kaxxi. Illum x'ħin wasalt, sibt lin-nannu fil-bitħa li għandhom fid-dar jirranġa qsari vojta ħdejn xulxin biex fihom ikun jista' jiżra' l-ħwawar tal-kċina u xi pjanti oħra. Qalli kemm hu tajjeb li jkollok dejjem il-ħwawar friski biex it-togħma tal-ikel tkun aktar bnina. Kelli seba' mitt sena biex nara x'jagħmel biex ikollu l-ħwawar. Għentu jimla l-qsari bil-ħamrija, imbagħad daħħalni fil-kamra żgħira li għandu fil-bitħa u wrieni diversi pakketti mimlija żrieragħ ta' kull tip li kellu fuq il-mejda. In-nannu qalli li dawn iż-żrieragħ kien ġabarhom minn xhur qabel biex issa jkun jista' jiżragħhom. F'moħħi bdew għaddejjin diversi mistoqsijiet dwar dawn iż-żrieragħ... jekk ilhom dawk ix-xhur hemm fil-boroż, dawk issa nixfu u mietu u mhux se jikbru ħwawar minnhom! U kif jista' jkun minn dik iż-żerriegħa ċkejkna se jikbru l-ħwawar? In-nannu rani ftit imħasseb u staqsieni x'kien għaddej minn moħħi. Malli spjegajtlu dak li kont qed naħseb, ħa f'idejh ftit żrieragħ, poġġa bilqiegħda fuq kantun żgħir li kien ħdejn il-bieb tal-kamra u beda jispjegali l-proċess li tgħaddi minnu ż-żerriegħa.

"Iż-żerriegħa qisha bħal bagalja! Ġo fiha hemm dak kollu meħtieġ biex meta tkun fl-ambjent tajjeb tagħha, tibda l-proċess sabiex issir tursina, karfusa jew kwalunkwe xitla oħra. Il-qoxra ta' barra tkun qiegħda tipproteġi lil dak li hemm ġewwa biex ma ssirlux ħsara. Meta ż-żerriegħa tinżera' u jkun hemm il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa biex tibda tikber, iż-żerriegħa



## Idħol fil-fond

"...jekk il-ħabba tal-qamħ ma taqax fl-art u tmut, hi tibqa' weħidha; imma jekk tmut, tagħmel ħafna frott" (Ġw 12, 24). B'dan il-kliem Ġesù kien qed jipprepara lid-dixxipli għall-mewt tiegħu. Madankollu Ġesù ried iwassal messaġġ ieħor ukoll. Biex aħna nagħmlu "l-frott" irridu nagħmlu sagrifiċċji. Kieku ż-żerriegħa tibqa' dejjem żerriegħa din ma tagħtix frott, imma hi tinbidel – tmut – biex tagħti l-frott. L-istess aħna, irridu ninbidlu biex insiru aħjar.

tnibbet, il-qoxra tinfetaħ, u jibda jikber għerq u jinżel 'l isfel fil-ħamrija biex isib l-ilma u nutrijenti oħra. Tibda tifforma wkoll ix-xitla li tinbet minn taħt il-ħamrija u tikber 'l fuq lejn id-dawl. Wara ftit ġranet jibdew jiżviluppaw il-weraq. Bl-għajnuna tad-dawl tax-xemx u sustanzi oħra fil-ħamrija, maż-żmien din iż-żerriegħa tiżviluppa fil-ħxejjex jew f'siġar tal-frott."

Jiena bqajt imbellaħ nisma' lin-nannu jispjega kif ġo żerriegħa li bilkemm tidher, hemm dak kollu miġbur fiha. In-nannu ħallieni b'dan il-kliem u kompla fuq xogħlu jiżra' ż-żrieragħ: "Kieku ż-żerriegħa ma taqax fil-ħamrija u tmut, tibqa' weħidha mingħajr ma tagħti frott".

Jiena bqajt nirrifletti dwar dak li qalli n-nannu. Indunajt kemm kollox huwa ppjanat b'mod perfett għal dik id-daqsxejn ta' żerriegħa. Imma jekk xi ħadd bħali ma jindunax bil-pjan li għandha mfassal għaliha din iż-żerriegħa u jħalliha fuq l-ixkaffa, qatt mhu se joħroġ il-potenzjal li hemm moħbi fiha. Biex jiena jkolli karfusa, tursina jew kwalunkwe pjanta oħra, jiena rrid nidfen din iż-żerriegħa biex tkun tista' tibda l-proċess ta' tibdil tagħha. Kull ħaġa fil-ħajja ta' din iż-żerriegħa għandha tifsira. F'moħħi ġie wkoll dak li nafuh bħala d-dudu tal-ħarir, li jingħalaq fil-fosdqa u jinbidel f'farfett! X'meravilja ta' ħolqien! Kollox bil-pjan tiegħu, jeħtieġ li jkun hemm it-tibdil, u kull pass li jseħħ fil-proċess ta' tibdil għandu tifsira u ma jistax jinqabeż jew jitħalla barra.

Aktar ma naħseb fuq dan il-proċess aktar ninduna kemm ħajti tixbah lil din iż-żerriegħa u lid-dudu tal-ħarir. Donnu hemm proċess ta' żvilupp li jibda u għandu tmiem. Qisu hemm mixja fejn xi ħadd qed ifittex teżor moħbi. Trid issegwi ħjiel wara ħjiel biex issib it-teżor. Meta f'idejja jkolli l-ewwel ħjiel, ma jkollix idea fejn se jwassalni l-aħħar ħjiel, imma nimxi pass wara l-ieħor sakemm nasal għat-teżor. Kull ħjiel huwa importanti biex ikun jista' jwassalni għall-pass li jmiss.

Dan huwa l-mod kif tiżvolġi ħajti u din hija wkoll il-mixja ta' fidi tiegħi. Mhux faċli li jiena nsir naf lil Alla. Lil Alla nsiru nafuh ftit ftit. Imma Alla juri lilu nnifsu f'tant affarijiet li jien niltaqa' magħhom u lili jgħinuni niżviluppa. Alla jagħmel lilu nnifsu preżenti f'ħajjitna fl-imħabba li nirċievu, pereżempju mill-ġenituri u ħbieb, fir-relazzjonijiet bejnietna kemm meta jmorru tajjeb u meta jmorru ħażin u anke f'ħafna emozzjonijiet li ngħaddu minnhom fl-iżvilupp tagħna. F'din il-mixja sikwit nitfixklu meta per eżempju xi ħadd li nafu jimrad jew xi ħadd li nħobbu jmut. Alla mhux faċli tarah fl-ikrah jew fl-uġigħ. Imma anke l-fidi tagħna tiżviluppa bl-istess mod kif iż-żerriegħa minn tikka kważi ma tidhirx tikber fi pjanta.

Ma rridx naqta' qalbi imma rrid inkompli nfittex lil Alla. Ma rridx inħalli emozzjonijiet bħar-rabja, il-biża', id-dwejjaq u l-ħsibijiet jaqtgħuli qalbi. Dawn l-emozzjonijiet huma l-proċess naturali tal-ħajja tiegħi li jgħinuni nagħraf Alla min hu u Alla fejn hu.

# Il-Magħm



Nikodemu kien raġel minn fost il-grupp tal-Fariżej u kien ukoll wieħed mill-kbarat tal-Lhud. Darba waħda mar għand Ġesù billejl u qallu: "Rabbi, aħna nafu li inti Mgħallem mibgħut minn Alla; għax ħadd ma jista' jagħmel is-sinjali li qiegħed tagħmel int jekk ma jkunx Alla miegħu." U Ġesù wieġbu: "Tassew tassew ngħidlek li jekk wieħed ma jitwelidx mill-ġdid, ma jistax jara s-Saltna ta' Alla." Nikodemu tbissem x'ħin sema' din it-tweġiba u qal lil Ġesù "Imma kif jista' jkun li wieħed jerġa' jitwieled wara li jkun xjieħ? Jista' forsi jerġa' jidħol f'ġuf ommu u jitwieled?" Ġesù wieġbu: "Tassew tassew ngħidlek, li jekk wieħed ma jitwelidx mill-ilma u l-Ispirtu, ma jistax jidħol fis-Saltna ta' Alla."

Meta ż-żerriegħa tintefa' fil-ħamrija jibda l-proċess sabiex tibda ħajja ġdida. Dan hu li jseħħ fina permezz tal-magħmudija ... jibda l-proċess lejn ħajja ġdida eżatt kif jiġri fiż-żerriegħu li taqa' fl-art u fid-dudu tal-ħarir li jinbidel f'farfett. Il-magħmudija tagħtini ħajja ġdida, dik li ngħidulha l-ħajja tal-grazzja. Hi din il-ħajja tal-grazzja fina li tgħinna nikbru u niżviluppaw fil-fidi tagħna.

Il-magħmudija hija l-ewwel mis-seba' sagramenti li nirċievu għax permezz tal-grazzja tiftaħ quddiemna din it-triq li hija mixja. Fl-ewwel żminijiet tal-Knisja, il-magħmudija kienu jirċevuha dawk li kieni jissejħu 'katekumeni', u ġeneralment meta dawn kienu jkunu diġà

# udija



## Din kont tafha?

Is-sagrament tal-magħmudija huwa mimli simboli li jgħinuna nifhmu l-qawwa ta' dan is-sagrament.

**L-ILMA** huwa sinjal tal-ħajja u allura huwa s-simbolu tal-ħajja ġdida li qegħdin nirċievu. L-ilma, bħal fid-dilluvju, huwa wkoll sinjal li jeqred kull ħażen fina u madwarna.

**L-ABJAD** tal-libsa huwa simbolu ta' safa u jrid ifakkarna li fil-magħmudija aħna nilbsu lil Kristu li fittex f'ħajtu li jagħmel ir-rieda tal-Missier.

**IL-BLANDUN** jirrappreżenta lil Ġesù ħaj u x-xemgħa li tinxtegħel mill-blandun ifisser id-dawl tal-fidi li fil-magħmudija nirċievu.

**IŻ-ŻEJT** tal-katekumeni juri l-qawwa u l-fejqan u l-fwieħa taż-żejt tal-griżma turi l-ferħ u l-grazzja li qegħdin nirċievu bħala l-magħżulin tal-Mulej.

adulti. Il-battisteru kien ikun kbir għaliex il-magħmudija kienet issir bl-immersjoni u allura kien ikun meħtieġ li min se jitgħammed jinżel kollu kemm hu fl-ilma. Kien ikun forma ta' qabar bit-taraġ fuq kull naħa u mimli bl-ilma. Il-katekumenu kien jinżel taħt l-ilma min-naħa u jitla' min-naħa l-oħra. Dan biex joħroġ ċar li bħalma ż-żerriegħa trid taqa' fl-art u tmut biex tagħmel il-frott, hekk in-nisrani jmut fl-ilma biex jitwieled mill-Ispirtu s-Santu. Il-'mewt' tan-nisrani hija l-esperjenza li ssieħbu fil-mewt u l-qawmien ta' Ġesù Kristu. Il-katekumenu kien ikun għażel f'ħajtu li jimxi wara Ġesù u issa l-magħmudija se tgħinu biex jgħix ta' dixxiplu ta' Ġesù u jsir jixbhu. Hekk dak li ġara f'Ġesù meta bħall-ħabba tal-qamħ ħa l-passjoni u miet biex seta' jqum rebbieħ, kif wegħedna hu stess, jista' jibqa' jseħħ fina kull darba li aħna nkunu art tajba u allura nagħtu frott fix-xhieda tagħna.

Aħna l-magħmudija rċevejnieha meta konna trabi. Il-ġenituri għażlu li jgħammduna biex minn kmieni tinżera' fina ż-żerriegħa tal-fidi. Fis-sagrament tal-magħmudija hemm ħafna sinjali li għandhom tifsira li ġejja mill-ewwel żminijiet tal-Knisja: l-ilma, iż-żejt tal-katekumeni u tal-griżma, il-libsa l-bajda u d-dawl tal-blandun. Kollha huma sinjali li jfissru l-bidla li tista' tibda sseħħ f'ħajjitna jekk dik iż-żerriegħa tal-fidi nieħdu ħsiebha u nikkultivawha.

L-isfida tagħna hi kif ser nikkultivaw din iż-żerriegħa li rċevejna u kif il-qalb tagħna se tkun art tajba għaliha. Il-magħmudija hija l-bidu ta' dan il-proċess li matulu aħna nikbru biex dak li rċevejna jibdilna f'insara maturi. In-nisrani matur huwa l-pjanta li kibret minn dik iż-żerriegħa u l-frott ta' din il-pjanta huwa l-frott tal-Ispirtu. Il-frott tal-Ispirtu skont San Pawl huma: l-imħabba, l-hena, is-sliem, is-sabar, il-ħniena, it-tjieba, il-fidi, il-ħlewwa u r-rażan (Gal 5, 22-24). Dawn huma l-kwalitajiet li iktar ma nikbru fihom, iktar ikun jidher fina t-twelid ġdid mill-magħmudija li għal Nikodemu deher tant diffiċli, imma li l-qawwa tal-Ispirtu s-Santu tagħmel possibbli fina.

# Il-Griżma tal-Isqof



In-nannu kien semmieli li ż-żerriegħa hija bħal bagalja li tiġbor fiha dak kollu li jagħmilha possibbli biex tinbidel fi pjanta. Fil-magħmudija nżergħet fina din iż-żerriegħa u beda l-proċess taħt il-ħamrija. Issa, permezz tal-Griżma, din iż-żerriegħa tinbet u tibda tikber u tiġi kkultivata.

Qabel tela' s-sema, Ġesù wiegħed lill-Appostli li se jibagħtilhom l-Ispirtu s-Santu biex iwettaqhom b'qawwa speċjali, biex il-Kelma ssir laħam anke fihom kif kien ġara f'Marija, biex il-biża' issa jinbidel f'kuraġġ u hekk ikunu jistgħu jitkellmu f'ismu quddiem id-dinja. Meta l-Ispirtu s-Santu niżel fuq l-Appostli fil-festa ta' Pentekoste, din kienet l-ewwel 'dilka' bl-Ispirtu. 'Griżma' fil-fatt tfisser dilka. Fil-ktieb tal-Atti tal-Appostli nsibu miktub li l-ewwel insara kienu jiġu mgħammda u mbagħad l-Appostli kienu jqiegħdu jdejhom fuqhom, u huma kienu jirċievu l-Ispirtu s-Santu. Is-suċċessuri tal-Appostli li huma l-Isqfijiet, illum ukoll iqiegħdu jdejhom fuq dawk l-insara li jkunu se jirċievu s-sagrament tal-Griżma u jitolbu lill-Ispirtu s-Santu sabiex jinżel f'dik il-persuna. Dan ifisser li bħall-Appostli, jiena li issa rċevejt dan is-sagrament, se nkun ikkonfermat mill-ġdid fl-Ispirtu biex ikun jidher Kristu fija fil-mod kif ngħix u fix-xhieda li nagħti għal dak li nemmen fih.

**NITOLBU**

Spirtu s-Santu ejja fija
imlieni bl-GĦERF
biex nagħraf aħjar lili nnifsi
u l-kobor tal-imħabba ta' Alla;
żejjinni bil-FEHMA biex nagħraf aħjar
is-sejħa tiegħi bħala nisrani;
dawwalni bl-GĦAQAL
biex nagħraf nagħżel bejn it-tajjeb u l-ħażin;
saħħaħni bil-QAWWA biex ma nibżax
inkun ta' xhieda tal-imħabba kbira
ta' Alla l-Missier;
kattarli x-XJENZA biex nibqa' dejjem
nitgħallem iżjed fuq Alla;
sebbaħni bil-PIETÀ biex nitlob aktar
u nikber fl-imħabba tiegħi lejn Alla
u lejn il-proxxmu;
fawwarni bil-BIŻA TA' ALLA
sabiex nagħraf li lil Alla biss
għandi nħobb fuq kollox
u lil Ibnu Ġesù li ġie fid-dinja
biex isalvana.
Ammen.



Issa li rċevejt il-Griżma m'għadnix tarbija kif kont meta tawni l-magħmudija. Issa qed nikber, iż-żerriegħa bdiet tinbidel fi pjanta u iktar ma nikber iktar se jkun hemm bżonn li tissaħħaħ. Il-bidwi jikkultiva il-pjanta, jagħmel minn kollox biex iħarisha mill-insetti u mill-maltemp li jagħmlulha l-ħsara u li jistgħu anke joqtluha. Is-sagrament tal-Griżma lili jagħtini l-qawwa u l-għerf biex nagħraf il-perikli li jfixkluni fil-mixja tiegħi u nkun kapaċi negħleb u nirbaħ il-ħażen li jeżisti. Imma rrid inkun il-ħin kollu għajnejja miftuħa għalih biex ma nitfixkilx u nkompli nikber.

Is-sagrament tal-Griżma jsaħħaħni biex nibqa' b'fedeltà insegwi lil Ġesù bħala dixxiplu tiegħu. Ġesù offra lilu nnifsu fuq is-salib biex isalvani u anke lili jagħmilli l-istess stedina li għamel lil kull min irid ikun dixxiplu tiegħu: stedina biex nerfa' jien ukoll is-salib tiegħi u nimxi warajh. Il-Griżma lili tagħtini l-qawwa biex nibqa' nsegwih, biex ma negħjix, biex ħajti b'dak kollu li ngħaddi minnu ngħixha f'rabta miegħu. L-Ispirtu li jikkonfermani fil-Griżma jagħtini rieda qawwija biex inxandar il-fidi tiegħi b'mod għaqli lil dawk ta' madwari. Fil-Griżma nirċievi s-seba' doni tal-Ispirtu li huma l-kwalitajiet li kull nisrani u dixxiplu ta' Ġesù jeħtieġ mhux biss biex jgħix ta' nisrani tassew imma wkoll biex ikun dawl, melħ u ħmira għall-oħrajn.

Uħud minna jifakru sew dak il-mument meta l-Isqof poġġa jdejh fuqna sabiex jitlob lill-Ispirtu s-Santu jinżel fuqna u waqt li dilkilna moħħna biż-żejt tal-Griżma qal il-kliem "Ħu s-siġill tad-don tal-Ispirtu s-Santu." Memorja sabiħa li tfakkarna li sirna nsara adulti u li issa għandna r-responsabbiltà li nkunu xhieda tiegħu quddiem id-dinja kollha.

Illum nista' nara iktar biċ-ċar kif is-sagrament tal-magħmudija huwa marbut mas-sagrament tal-Griżma tal-Isqof. Fil-magħmudija jiena twelidt mill-ġdid u sirt iben Alla, tpoġġiet fija iż-żerriegħa tal-fidi bħalma ż-żerriegħa titpoġġa fil-ħamrija biex minn hemm jibda l-proċess tagħha. Fil-Griżma, din iż-żerriegħa tidħol f'fażi oħra, tibda tinfetaħ, trabbi l-għeruq u tinbet sabiex bil-mod il-mod issir pjanta sabiħa. Dak li jiena rċevejt fil-magħmudija hija l-ħajja nisranija u permezz tal-Griżma tal-Isqof, il-ħajja nisranija tiegħi se tibda tissaħħaħ u timmatura sabiex issir siġra b'saħħitha li kapaċi tagħmel il-frott, frott li jidher fl-imġiba tiegħi u li juri l-ħidma tal-Ispirtu fija minkejja li jien, bħal kulħadd, ikolli d-dgħufija u d-diffikultajiet tiegħi.



# Is-sigra trid tinżabar

Iż-żerriegħa issa żviluppat u saret pjanta. Imma biex din il-pjanta tikber ħajja u b'saħħitha, għandha bżonn kontinwament ta' diversi affarijiet bħalma huma l-ilma u d-dawl tax-xemx. Għandha bżonn ukoll li kull ċertu żmien, il-bidwi jiżborha u jnaddfilha l-ħamrija u jekk ikun hemm bżonn jagħtiha wkoll il-vitamini. Mingħajr din il-kura bażika, il-pjanta ma tistax tkompli tikber b'saħħitha.

## Idħol fil-fond

Peer pressure hi meta oħrajn ta' tamparna, li jistgħu jkunu sħabna stess, jinkoraġġuna u xi drabi bi sforz, li nbiddlu l-mod kif inġibu ruħna, il-valuri u l-attitutni tagħna. Dawn joħolqulna sfida. X'ser nagħmel meta oħrajn iħajruni ma nidħolx għal xi lezzjoni jew naqbeż ġurnata skola; meta jħajruni npejjep jew nigdeb biex ma nammettix żball li nkun għamilt u b'hekk niffranka xi kastig? Aktar ma nikber aktar ser niltaqa' ma okkażjonijiet fejn irrid nieħu deċiżjoni. Mhux kull deċiżjoni hi faċli, aktar u aktar meta għandi pressjoni żejda minn oħrajn ta' kif jien għandi niddeċiedi. X'taħseb li għandek tagħmel meta tiltaqa' ma' sitwazzjonijiet bħal dawn?

## Din kont tafha?

Il-bidwi jiżbor is-siġar tiegħu biex jagħtihom is-saħħa. Ma jaqbadx jaqta' kif ġie ġie iżda bil-galbu jneħħi z-zkuk mejta, morda jew miksura. Xi kultant ikollu jneħħi wkoll xi parti li hija ħajja u qiegħda tagħtih il-frott. Dan jagħmlu għax ikun jaf li qed toħnoq il-bqija tas-siġra minħabba li ma tkunx qed tħalli jidħol biżżejjed dawl jew ma jkunx hemm ċirkolazzjoni ta' arja. Dan jagħmlu b'ħafna galbu, biex is-siġra tkompli tikber u ssir aktar b'saħħitha.



L-istess prinċipji japplikaw għall-ħajja tagħna, jekk irridu nikbru f'saħħitna, u għall-ħajja ta' fidi fina. Mhux biżżejjed li nkunu rċevejna s-sagramenti tal-magħmudija u tal-Griżma tal-Isqof. Bħall-pjanta, aħna wkoll għandna l-bżonn kontinwu ta' min jiżborna minn żmien għal ieħor sabiex inkomplu nikbru b'saħħitna bħala persuni maturi. Issa aħna sikwit nistaqsu lilna nfusna x'inhuma dawk l-affarijiet li jgħinuna biex nimmaturaw. X'inhi l-kura kontinwa li jien neħtieġ biex il-fidi fija ma tmutx imma tagħti frott? It-tweġiba suppost mhix daqshekk diffiċli, imma fl-istess ħin mhux dejjem inkunu moħħna hemm biex nikkultivaw lilna nfusna sew u biex l-attitudnijiet it-tajba jibqgħu jikbru fina. L-esperjenzi personali li ngħaddu minnhom kuljum huma importanti, jekk ma niqfux u ma nippruvawx nifhmu xi jkun qed jiġri. Nistgħu ngħixu aljenati, u allura jiġru ħafna affarijiet li qatt ma jgħinuna tassew biex nikbru. Mhux kulma jiġri f'ħajjitna awtomatikament isir esperjenza li tgħallimna. Tant li ħafna nies, jgħaddu minn xiex jgħaddu, qishom qatt ma jitgħallmu.

L-esperjenza tal-ħajja hija dejjem imżewqa. Ngħaddu minn mumenti sbieħ u minn esperjenzi koroh li nixtiequ, kieku jiddependi minna, qatt ma jkunu ġraw. Imma kull esperjenza, pożittiva jew negattiva, lilna tista' tgħinna biex nitgħallmu minnha u hekk nikbru, nimmaturaw, u nkunu dejjem iżjed b'saħħitna biex naffaċċjaw il-ħajja b'dak kollu li jiġri ġo fina u madwarna. L-istess bħall-pjanta li jekk issib min jikkuraha bis-serjetà, tkun tassew b'saħħitha anke meta l-elementi tan-natura jaħbtu magħha. Kollox hekk fil-ħajja. Bħal dik l-irħama lixxa li l-iskultur jibda jnaqqaxha daqqa daqqa bl-iskarpell biex minnha joħroġ l-istatwa li diġà jkun qed jimmaġina. L-esperjenzi huma dawk id-daqqiet żgħar jew kbar tal-iskarpell mill-iskultur imma li huma meħtieġa biex tifforma l-istatwa.

Il-magħmudija u l-griżma tal-Isqof, u magħhom l-ewkaristija, huma t-tliet sagramenti li jkomplu jdaħħluna fil-ħajja nisranija fi proċess twil li ma jistax jieqaf. Dan il-proċess ma jseħħx jekk aħna maqtugħin mill-oħrajn. Aħna nistgħu nikbru tassew bħala nsara fil-fidi tagħna flimkien ma' oħrajn. Dik li jsejħulha l-'peer group pressure' mhijiex biss xi ħaġa negattiva, qisu l-ħbieb jistgħu jinfluwenzawna biss biex nagħmlu l-ħażin. Flimkien ma' sħabna nistgħu ngħinu lil xulxin b'ħafna modi.

Liema huma l-ispazji fejn aħna l-iktar niltaqgħu mal-ħbieb tagħna? Kif inqattgħuh il-ħin tagħna flimkien? X'nagħmlu l-iktar meta jkollna ħin liberu flimkien? Kemm kapaċi nkunu attenti għal dak li kull wieħed u waħda minna nkunu għaddejjin minnu? Jew kultant lanqas biss nindunaw li xi ħadd minna jkun għaddej minn żmien diffiċli? Forsi mdejjaq jew forsi mweġġa'. Forsi għaddej minn żmien diffiċli d-dar. Kemm nindunaw b'dan kollu biex inkunu tassew preżenti f'sens pożitiv fil-ħajja ta' xulxin? Lesti mhux niġġudikaw imma ngħinu u nsostnu lil xulxin. Dawn huma l-ħbiberiji ta' veru! Dawn huma r-relazzjonijiet bejnietna li tassew jgħinuna biex nibnu lil xulxin. B'dan il-mod, għalkemm kultant inkunu differenti minn xulxin fil-karattru u t-temperamenti, il-mixja ta' fidi tagħna tpoġġina f'mixja waħda fejn nistgħu niskopru s-sabiħ tal-fidi f'Ġesù, speċjalment meta nkunu preżenti għal xulxin, l-iktar għal dawk fil-bżonn.

# Id-dawl u l-ilma



**Fittex**

Ara jirnexxilekx issib liema huma l-erba' virtujiet kardinali u xi jfissru. Fl-aħħar nett ara kif dawn il-virtujiet jistgħu jgħinuna nkunu persuni aħjar.

L-iktar elementi essenzjali għall-pjanta meta tkun tikber huma l-ilma u d-dawl tax-xemx. Mingħajr dawn, il-pjanta ma ssibx mnejn tieħu saħħitha, u tkun dgħajfa biex tissielet mal-istess elementi tan-natura li sikwit ikunu b'saħħithom wisq fuqha. Bħall-pjanta, jien għandi bżonn l-enerġija biex nikber f'saħħti u rrid niskopri x'inhuma għalija f'ħajti l-ilma u d-dawl tax-xemx li mingħajrhom iż-żerriegħa tal-fidi fija tmut. Permezz tal-magħmudija tiegħi jiena ġejt mogħti ċ-ċavetta sabiex inkun nista' nirċievi b'abbundanza d-dawl u l-ilma li huma l-Ewkaristija u l-Kelma t'Alla. Aktar 'il quddiem, permezz tal-griżma tal-Isqof, jiena ġejt ikkonfermat fil-qawwa tal-Ispirtu li jnissel fija d-doni tiegħu biex, issa li qed nikber u nkun bdejt diġà niffaċċja ħajti, inkompli nissaħħaħ f'dawk il-virtujiet li lili jagħmluni l-ewwel u qabel kollox bniedem b'karattru sod, u mbagħad nisrani li dawk il-virtujiet kapaċi jgħixhom fil-konkret u l-iktar fir-relazzjonijiet mal-oħrajn.

In-nannu tiegħi m'għallimnix biss kif jikbru l-pjanti minn daqsxejn ta' żerriegħa, imma kien ikellimni wkoll fuq dak li lili jagħmilni nisrani. Sikwit kien ifakkarni bil-mod prattiku tiegħu li għalkemm iż-żminijiet illum inbidlu u ma ngħixux l-istess stil ta' ħajja kif kienu jgħixu huma meta kienu għadhom tal-età tiegħi, imma ċerti affarijiet jibqgħu meħtieġa u aħna importanti nibqgħu nagħtuhom l-importanza tagħhom. Anke n-nannu kien ikellimni per eżempju fuq il-ħtieġa tal-Ewkaristija jew tal-qari tal-Bibbja għax, tinbidel kemm tinbidel il-kultura, dawk jibqgħu l-għajn tal-enerġija spiritwali tagħna bħala insara. In-nannu kien isaħħarni kif kien jirnexxilu jkellimni fuq Alla u fuq l-esperjenzi ta' ħajtu qisu qed jitkellem fuq xi ħaġa maqgħuda, dak li kien jgħaddi minnu u l-fidi tiegħu minsuġa flimkien u magħġuna b'mod li l-fidi kienet tassew tgħinu jikber u jiffaċċja l-ħajja b'mod prattiku. Bi kliemu u bil-mod kif kien jgħix kien jurini ċar li t-twemmin għalih kien l-ilma li jagħtih il-ħajja: l-Ewkaristija u l-Kelma t'Alla għalih kienu tassew għejun ta' ħajja u ta' enerġija spiritwali fil-ħajja tiegħu ta' kuljum. Għalkemm kellu l-età, xorta kien għadu jfittex f'ħajtu u jiskopri l-imħabba t'Alla li qisha t-teżor li fil-mixja ta' ħajjitna jkollna ħjiel wara ħjiel biex niskopruha bil-mod, imma li iktar ma niskopruha iktar tagħmel differenza fil-mod kif nifhmu lilna nfusna, lil ħajjitna, u dak li jkun jiġri madwarna. Dan għalija kien mod ċar u konkret kif in-nannu kienet ħajja fih il-griżma tal-Isqof li kien irċieva sebgħin sena qabel. Għalija in-nannu mhux biss kien raġel ta' fidi, imma kien għaqli anke fil-mod kif kien iġib ruħu magħna u fit-tattika li kellu magħna meta jkellimna dwar problemi konkreti tal-lum. Għalhekk in-nannu għalija kien il-hero tiegħi u nixtieq inkun bħalu meta nasal ikolli l-età tiegħu!

## Din kont tafha?

Il-kelma kardinali ġejja mill-Latin li tfisser ċappetta, li l-bieb tħallih jinfetaħ u jingħalaq sew. Għalhekk dawn l-attitudnijiet lilna jigwidawna biex ninfetħu għat-tajjeb. Inkun persuna li nħaddan dawn il-virtujiet mhux meta xi darba nikkontrolla lili nnifsi milli niekol kejk sħiħ! Wieħed ma jkunx footballer tajjeb għax xi kultant jirnexxilu jdaħħal gowl, imma għax dejjem jagħmel ħiltu u jibqa' jmur għat-training u l-logħob.



# Jagħmlu ħafna frott



Naf li mhux dejjem faċli inkun bħan-nannu. Biex ngħix bħalu irrid nieħu ħsieb tiegħi innifsi u nikkultiva fija dak li rċevejt. Jiena quddiemi għandi mixja twila u li għad tgħaddini minn ċirkustanzi li jinbidlu l-ħin kollu. Bħall-pjanta li xi darba tikber, jiena żerriegħa li ntefgħet fil-ħamrija, u l-proċess fija għadu fil-bidu tiegħu. Sakemm nixref 'l fuq mill-ħamrija u nibda nikber l-ewwel fi pjanta żgħira u mbagħad pjanta li tiżviluppa f'siġra b'saħħitha li tagħti l-frott għad irid jgħaddi ħafna żmien u għad irrid ngħaddi minn ħafna esperjenzi. Mit-tfulija rrid nasal għall-adolexxenza, imbagħad nidħol fiż-żgħożija tiegħi sakemm insir persuna adulta. Imma bħal kull proċess ieħor fil-ħajja, din il-mixja ta' ħajti tista' tidher twila u mhux faċli, f'mumenti iżjed minn oħrajn. Il-pjanta sakemm qed tikber trid tiffaċċja ir-riħ qawwi, in-nixfa u n-nuqqas ta' ilma, u kultant anke xi dudu li jiekol minnha jew iġib xi mard. Dawn huma l-isfidi tal-pjanta u bħalhom hemm ukoll l-isfidi tiegħi li rrid negħleb kuljum biex dak li rċevejt fil-magħmudija u fil-griżma tal-Isqof ma nitilfux. Dawn l-isfidi jistgħu jkunu ta' kull xorta : kultant jiġu minni stess, bħal meta nkun imdejjaq u ma nafx għaliex, jew meta niffrustra ruħi għax nixtieq xi ħaġa u m'għandix paċenzja nistenna. Kultant jista' jkolli sfidi anke minn

sħabi stess, meta ma naqblux, jew meta ma ngħinux lil xulxin u minflok, anke fejn tidħol il-fidi tagħna, inwaqqgħu lil xulxin għaċ-ċajt. Hu importanti li anke fiċ-ċrieki tal-ħbieb inkunu sodi fejn jidħlu ċerti prinċipji u fejn ikun meħtieġ li nżommu sod bħala karattri. Inkella nispiċċaw qisna pjanta li tixxejjer mar-riħ skont mnejn ikun jofoħ. Bilfors bħala ħbieb ninfluwenzaw lil xulxin; imma jiddependi minn kemm inkunu b'saħħitna kemm se ninfluwenzaw lil xulxin għat-tajjeb jew għall-ħażin.

Aħna llum iktar minn qabel qed ngħixu f'soċjetà u kultura fejn ninfluwenzaw ħafna lil xulxin. Madwarna hemm it-tajjeb imma hemm il-ħażin ukoll. Jien irrid inkun b'saħħti u għaqli biex nagħmel id-differenza bejn it-tajjeb u l-ħażin, u biex ma ninġarrx b'ħeffa minn dak li jien nemmen li ma jgħoddx għalija. Jiena rrid inżomm f'moħħi li qed ngħix f'dinja fejn mhux kulħadd jaħsibha l-istess u jemmen fl-istess affarijiet. Irrid nitgħallem nirrispetta lil kulħadd, imma jrid ikolli s-sens biex dak li hu ħażin, anke jekk jiġi ppreżentat lili bħala tajjeb, nibqa' ngħidlu ħażin. Din hi sfida qawwija għalija llum u għal kull min jixtieq jgħix ta' nisrani biex dak li rċieva fil-magħmudija u fil-griżma jagħmel tassew frott li jidher u jinħass.

Ħajti hija mimlija għażliet u jiena rrid niddeċiedi b'mod matur. Il-futur tiegħi se jiġi ffurmat minn kull għażla li se nagħmel waqt li jien qed nikber. Ma rridx naqta' qalbi meta nkun żbaljajt. Dik ukoll hija parti minn ħajti u hija normali li tiġri. Dejjem nista' ninduna fejn u għaliex żbaljajt u ndawwar ir-rotta. Kultant tajjeb nitgħallem infittex ftit mumenti ta' skiet waħdi miegħi innifsi, biex 'il bogħod minn dak kollu li jista' jinfluwenzani nagħraf xi jkun qed jiġri f'ħajti u kif inkun qed nirreaġixxi għalih. Dan qed ngħidu għaliex diġà kelli esperjenzi żgħar ta' rtir ta' nofs ta' nhar, darba mat-teacher u darb'oħra mal-katekist, li swieli ħafna tajjeb għaliex skoprejt kemm hu tajjeb u sabiħ li kultant toqgħod ftit waħdek, titlob jew tirrifletti. Anzi issa qed niskopri wkoll kemm hu utli li anke d-dar kultant noqgħod ftit waħdi fil-kwiet fil-kamra tiegħi għal ftit mumenti mingħajr it-television u l-kompjuter u l-ipad. Sirt inħobbhom mumenti żgħar bħal dawn għax jgħinuni niltaqa' miegħi nnifsi.

Is-siġra nindunaw li hija tajba meta din tibda tagħmel il-frott. Jekk is-siġra ma tagħtix frott ifisser li hemm xi ħaġa mhix sewwa. Jiena nagħmel il-frott meta nkun kapaċi nwassal lil dawk ta' madwari l-valuri li jiena rċevejt u li b'kull ħaġa li nagħmel inkun qed inwassal il-messaġġ ta' Ġesù lil dawk ta' madwari.

F'dan il-proċess kollu ta' tibdil m'għandi qatt naqta' qalbi għax il-bidwi, li huwa Alla, qatt mhu se jħalli l-pjanta weħidha. Hu qiegħed dejjem hemm jistennieni sabiex nissaqqa bil-Kelma tiegħu. Meta jara li l-pjanta se jiġrilha l-ħsara minħabba l-maltemp, huwa jorbtilha zokk magħha sabiex ma ssirilha l-ebda ħsara u hekk tikber siġra b'saħħitha li tagħti ħafna frott. Kemm hu mimli għerf kliem in-nannu meħud minn dak li qal Kristu: "Jekk il-ħabba tal-qamħ ma taqax fl-art u tmut, hi tibqa' weħidha; imma jekk tmut, tagħmel ħafna frott" (Ġw 12,24).

Kieku jiena ma rċevejtx ħajja ġdida permezz tal-magħmudija, u ma saħħaħtx din il-ħajja bis-sagrament tal-griżma tal-Isqof, jiena ma stajtx nagħraf l-imħabba kbira li biha jħobbni Alla minkejja l-ħafna sfidi li niltaqa' magħhom u d-dubji li kultant jgħaddu minn moħħi u qalbi.



## Itlob

Sib ftit ħin biex toqgħod fil-kwiet waħdek. Aqra s-silta Galatin 5, 22-23, aħseb ftit f'dawk il-kwalitajiet imsemmija u ara hemmx xi kwalità li tixtieq li jkollok u qed isibha diffiċli li tgħixha. Itlob l-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu u matul din il-ġimgħa għid it-talba kuljum u agħmel ħiltek biex din il-kwalità ssir parti minn ħajtek.



### NARAW X'TGĦALLIMNA

**A KLIEM IMPORTANTI**
Ikteb sentenza li tfisser fil-qosor x'nifhmu b'dan il-kliem:
- Magħmudija
- Griżma tal-Isqof

**B IDEAT PRINĊIPALI**
Ikteb paragrafu dwar dawn:
- Spjega kif is-sagramenti tal-magħmudija u tal-griżma ser jgħinuna fil-ħajja tagħna.
- X'inhuma l-isfidi li niltaqgħu magħhom fid-dar, fl-iskola, mal-ħbieb?
- Ikteb dwar kif il-ħajja tagħna tixbah lil dik ta' żerriegħa.
- Ikteb dwar xi personaġġ li laqa' l-isfida u ma tilifx dak li rċieva fil-magħmudija u l-griżma.

**Ċ AĦSEB B'MOĦĦOK**
Uża dak li tgħallimt biex twieġeb dawn:
- Alla lilna jagħtina l-għajnuna tiegħu biex nilqgħu u negħlbu l-isfidi li niltaqgħu magħhom. Kif nirċevuha din l-għajnuna?
- Min dak li tgħallimt u tkellimt dwaru, x'taħseb li għandhom ikunu l-kwalitajiet li għandek tara li jkollok?

**D IDDISKUTI D-DAR**
Tkellem mal-membri tal-familja dwar dawn:
- Xi jfisser għalina li rċevejna l-magħmudija u l-griżma tal-isqof?
- Kif nistgħu ngħinu lil xulxin biex ngħixu dak li jitolbu minna dawn is-sagramenti?
- Fid-dar għandna xi rokna li nistgħu nirranġawha bħala post għat-talb?

# Iż-żerriegħa li tagħti l-frott



# Ninżlu fil-fond

**ĦEJJI RUĦEK:**

Jistgħu l-fidi u r-raġuni jimxu id f'id?

Illum għadna nistgħu nitolbu bis-salmi?

**IMMARKA ✓ ĦDEJN IL-KLIEM LI TAF XI JFISSER:**

- Salmi
- Komunikazzjoni
- Valuri
- Komunità
- Ċelebrazzjoni
- Esperjenza reliġjuża
- Fenomenu reliġjuż

2

# Il-fażijiet tal-ħajja



Fost il-Kotba tat-Testment il-Qadim insibu l-Ktieb ta' Koħelet li hu parti mill-kotba tal-Għerf. Dawn huma kotba li mhux neċessarjament jitkellmu fuq Alla jew dwar il-fidi, imma jirriflettu l-għerf ibbażat fuq ir-raġuni tal-bniedem. Dan għaliex il-fidi u r-raġuni jmorru flimkien fil-mixja ta' ħajjitna li hija wkoll mixja ta' tfittxija ta' Alla u tas-sinjali tiegħu.

Fit-tielet kapitlu tal-Ktieb ta' Koħelet insibu silta li tirrifletti verità kbira dwar il-ħajja u dak li ngħaddu minnu.

*"Kollox għandu żmienu, u kull ħaġa għandha waqtha taħt is-sema: Żmien li titwieled, u żmien li tmut; żmien li tħawwel, u żmien li taħsad l-imħawwel; żmien li toqtol, u żmien li tfejjaq; żmien li ġġarraf, u żmien li tibni; żmien li tibki, u żmien li tidħak; żmien li tagħli, u żmien li tiżfen; żmien li tgħannaq, u żmien li tiċċaħħad mit-tgħanniq; żmien li tiskot, u żmien li titkellem; żmien li tħobb, u żmien li tobgħod; żmien it-taqbid, u żmien il-paċi."*

(Koħelet 3, 1-3)

## Din kont tafha?

Il-Ktieb ta' Kohelet jitkellem fuq bniedem għaref li wara ħajja twila u mimlija jirrifletti fuq l-esperjenzi tiegħu u fuq id-dinja ta' madwaru. Għaliex l-għorrief ibatu bħalma jbatu l-kumplament tan-nies? Għaliex xi minn daqqiet it-tajbin jgħixu ħajja ta' tbatija waqt li l-ħżiena jagħmlu suċċess? Għaliex fil-ħajja mhux kulħadd jieħu dak li ħaqqu? Dawn il-mistoqsijiet iressqu lil Kohelet lejn Alla li hu t-tama ta' dawk li jintelqu f'idejh.

Minn din is-silta nindunaw kemm il-bniedem jgħaddi minn fażijiet differenti fil-ħajja. Qatt tajt kas ta' dawn il-fażijiet? Alla jagħtina ż-żmien biex nikbru, niskopru, nitgħallmu u nġarrbu x'inhi l-ħajja u x'jagħmilha sabiħa jew kerha. Hu fiż-żmien li nitgħallmu x'inhi l-imħabba kif ukoll għaliex hawn il-mibegħda fid-dinja. Hu fiż-żmien li nitgħallmu napprezzaw jew nistmerru dak li hu tajjeb, ħażin, sabiħ jew ikrah. Tul il-ħajja niġu lkoll wiċċ imb wiċċ mal-ferħ u n-niket, mat-tama u mal-qtigħ il-qalb. Ħafna drabi l-ferħ u n-niket għandhom wiċċ, jiġifieri niltaqgħu magħhom f'nies li jkunu ferħanin jew imnikkta. Qawl Malti jgħid, ir-rota dejjem iddur, daqqa tkun minn fuq u daqqa minn taħt. U fil-fatt hekk hi l-ħajja.



L-isfida ta' min jemmen f'Alla hi propju din: li l-fidi f'Alla tibqa' hemm, sew jekk inkunu minn fuq u sew jekk inkunu minn taħt. Il-fidi f'Alla fil-fatt tagħtina l-kapaċità li tkun xi tkun il-fażi li nkunu għaddejjin minnha, nibqgħu nfittxu lil Alla biex nifhmu u niskopru fejn hu u anke x'jista' jkun qed jgħidilna permezz tal-esperjenzi li nkunu għaddejjin minnhom. Mhux faċli tibqa' temmen f'Alla quddiem il-ħażen u t-tbatija. Mhux faċli tibqa' tfaħħar u tirringrazzja lil Alla meta l-affarijiet ma jkunux favur tiegħek u ma jkunux qed jiġuk sew. L-Ittra lil-Lhud għandha silta interessanti ħafna: "*Insejtuha għal kollox il-kelma ta' twissija li qalilkom ta' wlied li intom: 'Ibni la twarrabx it-twiddib tal-Mulej, u la taqtax qalbek meta jċanfrek. Għax il-Mulej iwiddeb lil min iħobb, jolqot lil kull min jilqa' b'ibnu'. Hu għall-edukazzjoni tagħkom li intom qegħdin tbatu. Alla qiegħed jimxi magħkom ta' wlied. Min hu dak l-iben li missieru ma jwiddbux? Jekk intom tibqgħu bla twiddib, bħalma kellhom l-ulied kollha, intom tkunu qiskom tfal ta' ħaddieħor, mhux ulied*". (Lhud 12, 5-8)

Interessanti li Alla, kuntrarju għal dak li sikwit ħafna jemmnu, mhux qiegħed hemm biex jikkastiga, jew inkella ma jagħtix kas xi jkun jiġri f'ħajjitna. Ħafna affarijiet fil-ħajja jiġru għax aħna ngħixu fil-limitazzjoni taż-żmien. Allura nimirdu, inweġġgħu u nweġġgħu lil xulxin, inbatu u nġiegħlu lil min ibati, ma nifhmux u ma narawx biżżejjed fil-bogħod. Alla f'dan kollu mhux sempliċement spettatur, li qed jara u jagħżel li ma jagħmel xejn. Alla qiegħed hemm biex fid-dgħufija u t-tbatija tagħna jsostnina, jekk inħalluh ikun preżenti u nfittxu l-preżenza tiegħu. Il-preżenza tiegħu ma teliminax l-ħażen u t-tbatija, imma ssostnina biex ma nispiċċawx vittmi tagħhom.

X'inhuma l-fażijiet li l-bniedem jgħaddi minnhom f'ħajtu? Il-ħajja dejjem fi proċess, dejjem tinbidel u dejjem tippreżenta esperjenzi ġodda. Il-problema ta' ħafna hija li xi drabi m'aħniex kapaċi nieqfu u naħsbu, kif ukoll nesprimu dak li nħossu. Jekk irridu nkunu bnedmin sħaħ irridu nkunu kapaċi nagħtu isem għal dak li nkunu għaddejjin minnu. Fl-età li qegħdin bħalissa fiha, aħna nibdew inħossuna li m'għadniex tfal, li issa qed nikbru u naħsbu b'mod differenti. Nibdew ukoll inħossu fina ċerti sentimenti li qabel qatt ma ħassejna. Xi kultant inkunu ferħanin se ntiru u mumenti oħra jaqbduna dwejjaq mingħajr ebda raġuni jew spjegazzjoni. Dan huwa l-proċess naturali tal-ħajja li fil-fażi tal-adolexxenza probabbli jkun jagħfas iżjed fuqna. Kemm din l-esperjenza f'dan iż-żmien partikulari se tgħinna nikbru u nimmaturaw, jiddependi minn kif naffaċċjawha. Dan jista' jkun żmien mill-isbaħ ta' opportunità biex ninżlu iżjed fil-fond tal-fidi tagħna.

# L-esperjenza reliġjuża

Illum qed ngħixu f'soċjetà li ngħidulha 'pluralista', jiġifieri mhux kulħadd għandu l-istess twemmin, l-istess valuri, u mhux kulħadd jaħsibha l-istess anke fil-mod kif inħarsu lejn il-ħajja u nifhmu u ninterpretaw ċerti esperjenzi tal-bniedem. Kien hemm żmien meta konna naħsbu li l-bniedem min-natura tiegħu stess għandu element reliġjuż fih. Imma mhux kulħadd jaqbel magħha din. Fl-istess ħin, kull bniedem, jemmen x'jemmen, iġorr fih ċerti mistoqsijiet dwar ħajtu u dwar l-eżistenza ta' kollox. Hemm min jipprova jispjega kollox bir-raġuni, hemm min jara x-xjenza bħala dik li tista' tispjega r-raġuni tal-affarijiet u kif jiġru, imma hemm ukoll min f'dan kollu għadu jara l-preżenza ta' Alla. Sfortunatament l-istorja għaddietna minn żminijiet fejn ir-raġuni u l-fidi kienu kontra xulxin, u fejn kważi konna naħsbu li x-xjenza ma tħallix spazju għall-fidi.

Illum jidher li l-bilanċ hu possibbli. Ir-raġuni u x-xjenza ma jeliminawx il-fidi. Il-bniedem irid juża r-raġuni f'kulma jagħmel u l-iskoperti tax-xjenza jrid jiċċelebrahom bħala skoperti li lill-bniedem ikattrulu l-għarfien tiegħu nnifsu u tad-dinja madwaru. Il-fidi f'dan kollu xorta għandha l-ispazju tagħha, għaliex tispjegalu kemm tispjegalu affarijiet ix-xjenza, il-bniedem



xorta jibqa' jistaqsi l-mistoqsijiet il-kbar f'ħajtu li x-xjenza u r-raġuni waħedhom mhumiex biżżejjed biex jissodisfawh. Il-bniedem barra moħħ għandu qalb ukoll u l-qalb, iktar milli spjegazzjoni tal-affarijiet trid tifhem. Il-qalb għandha r-raġunijiet tagħha, kien qal ħafna żmien ilu Blaise Pascal li kien fost l-oħrajn bniedem tax-xjenza. U Santu Wistin, li hu magħruf fl-ewwel sekli tal-Kristjaneżmu għalkemm għamel mistoqsijiet u pprova jiskopri r-raġuni ta' kollox, jibqa' magħruf għall-istqarrija tiegħu li : "Qalbna Mulej hi maħluqa għalik u ma tistrieħx jekk mhux fik".

L-esperjenza reliġjuża hi l-esperjenza li jgħaddi minnha l-bniedem meta minkejja l-akkwisti u l-iskoperti kbar li għamel, jibqa' jfittex lil Alla u jiskopri li Alla hu tassew preżenti fil-ħajja u fid-dinja ta' madwaru. Anzi aħna, fid-dawl tal-fidi nisranija, nemmnu li l-fidi f'Alla lill-bniedem mhux tnaqqaslu xi ħaġa imma tgħinu jħares lejn ħajtu b'mod sħiħ. Kulħadd f'xi ħin jew ieħor isib ruħu f'sitwazzjoni fejn jistaqsi dwar l-iskop tal-ħajja u dwar ir-realtà li naffaċċjaw fil-ħajja ta' kuljum. Ir-reliġjon dejjem tipprova tindirizza l-mistoqsija 'għaliex?' (why?), waqt li x-xjenza tipprova tindirizza il-'kif?' tal-affarijiet (how?). Biex nieħdu eżempju, il-fatt li d-dinja ddur max-xemx, huwa fatt li ħadd ma jista' jmerih għax huwa fatt ippruvat bħala veru mix-xjenza. Mhuwiex xogħol il-fidi jew il-Bibbja li jispjegawlna kif dan iseħħ. Il-fidi u l-Bibbja jgħinuna biex quddiem il-kobor tal-univers, u bla ma nippretendu li nafu kollox, ħajjitna nifhmuha bħala frott l-imħabba t'Alla li ħalaq kollox u mhux sempliċement bħala frott il-kumbinazzjoni.

Li aħna nemmnu f'Alla ħallieq ta' kollox ma jfissirx li aħna bħala bnedmin ma jibqax ikollna l-għatx biex insiru nafu iżjed u biex niskopru s-sbuħija tad-dinja madwarna. L-impenn tagħna bħala bnedmin biex bl-iskoperti tax-xjenza nsiru nafu iżjed ma jmurx kontra l-fidi tagħna f'Alla. Kien Alla stess li żera' fina din ix-xewqa li nagħrfu u niskopru, hija parti mill-istess natura tagħna bħala bnedmin. Din hija kurżità li tpoġġina f'mixja ta' għarfien li fl-istess ħin ma teskludix li f'mumenti konkreti fil-ħajja ta' kuljum, nagħmlu esperjenza tal-qawwa ta' Alla.

Tajjeb f'dan il-punt nippruvaw nifhmu allura x'inhi l-esperjenza ta' Alla u x'tista' tfisser meta xi ħadd jirrakkonta kif lil Alla f'ħajtu jħossu preżenti. Irridu nistaqsu lilna nfusna qattx kellna esperjenza ta' dan it-tip. Nistaqsu x'inhi esperjenza reliġjuża u jekk naqblux li kulħadd, f'xi mument jew ieħor f'ħajtu, jgħaddi minn dan it-tip ta' esperjenza. Għax anke min ma jemminx f'Alla xorta waħda jiffaċċja l-mistoqsijiet il-kbar tal-ħajja.

Li tħalli spazju għall-fidi f'ħajtek, għall-esperjenza reliġjuża, hija attitudni tajba li tressqek lejn Alla u tagħmel il-fidi fiħ possibbli. Ejja nimmaġinaw bir. Ikun kemm ikun kbir il-bir, tagħmel kemm tagħmel xita, xorta ma jimteliex jekk dan ma jkunx miftuħ. Aħna nieħdu l-istess attitudni. Jekk fl-esperjenza ta' ħajjitna ma nħallux spazju għal Alla, Alla jibqa' 'l bogħod u faċli naslu għall-konklużjoni li nsiena jew li ma jeżistix.

**ESPERJENZA RELIĠJUŻA**

## Turik int min int

### Turik x'inhu l-iskop ta' ħajtek

## Iddaħħlek f'relazzjoni ma' min ħalqek

### Twasslek għal relazzjoni iktar mill-qrib miegħek innifsek

## Tressqek lejn l-oħrajn

Biex dan iseħħ irridu nagħmlu spazju għalih f'ħajjitna. Metodu sempliċi li jista' jgħinna huwa li kuljum f'xi ħin partikolari nieqfu u naraw minn xiex aħna għaddejjin, naraw kif qed inħossuna, naraw kif qegħdin nirreaġixxu għal dak li qed jiġrilna, u noħolqu spazju għal Alla li jista' jkun ta' talb jew ta' riflessjoni anke bl-għajnuna tal-Kelma t'Alla jew forsi xi kotba oħra. Alla jurina fis-skiet dak li fl-istorbju aħna ma nisimgħu qatt. F'dan kollu, importanti u meħtieġ li nkunu moħħna hemm, attenti, kapaċi nisimgħu. Għalhekk San Pawl fl-Ittra tiegħu lir-Rumani jgħidilna li "Il-fidi tiġi mis-smigħ". Li tisma' bil-widnejn tal-qalb iwasslek tiskopri affarijiet dwar ħajtek u dwarek innifsek li ma ssibhomx fil-kotba u li forsi ħadd ma jista' jgħidhomlok.



**Fittex**

F'din il-lezzjoni issemmew Blaise Pascal u Santu Wistin ta' Ippona, nies li użaw l-għerf u t-talenti tagħhom biex jersqu lejn Alla. Sib nies oħra bħal dawn li f'ħajjithom użaw it-talenti tagħhom u fittxew lil Alla.

# Għaliex?

Qatt ħarist lejn nemla? Dejjem bieżla għaddejja fil-ġranet tas-sajf, tiġri 'l hawn u 'l hemm, tfittex u tħuf biex issib il-bċejjeċ żgħar tal-ikel. Malli ssib xi ħaġa araha ddur lura lejn il-bejta tagħha biex teħodha u taħżen l-ikel. Imbagħad terġa' toħroġ u tfittex, issib u terġa' tistiva. Proċess mgħaġġel b'rutina waħda dejjem l-istess. Imma dan kollu għalfejn? In-nemla x'qed tagħmel? Sempliċement tinħela f'ġenn għall-ikel? X'inhu l-valur tagħha wara dan kollu? In-nemla trid taħseb għal rasha għal meta tiġi x-xitwa u ma tkunx tista' toħroġ mill-bejta biex tfittex l-ikel. Il-valur li qed tgħix għalih hu l-valur tal-ħajja, il-valur li jekk twarbu ssib il-mewt! Altru li mhix miġnuna!

Jekk nisimgħu l-kbar jitkellmu, xi kultant nisimgħuhom jargumentaw fuq il-valuri. Imma xi jkunu dawn il-valuri li tant nitkellmu dwarhom u li llum nisimgħu li qegħdin fi kriżi? Oġġett għandu valur fih innifsu u jkollu wkoll il-valur li nagħtuh aħna. Kultant hemm affarijiet f'ħajjitna li għandhom valur imma ma nistmawx dak il-valur, u hemm affarijiet oħra li m'għandhomx fil-fatt il-valur li nagħtuhom. Ħares ftit lejk innifsek. X'tagħmel minn x'ħin tqum sa x'ħin torqod? Għalfejn tagħmel dak li qed tagħmel? Għal xiex qed tgħix? Hemm affarijiet li tagħmilhom għax vera tħobb tagħmilhom, oħrajn ftit inqas u oħrajn ma turi l-ebda tip ta' entużjażmu imma taf li huma neċessarji u jridu jsiru. Niddejqu nqumu kmieni filgħodu, imma jekk ma nqumux ma nkunux





fil-ħin għall-iskola! Fil-ħajja ma nistgħux nimxu bl-aptit. L-aptit ħafna drabi joqtol il-prijorità tal-valuri, għax jekk nispiċċaw nagħmlu dak li għandna aptit biss, jew nispiċċaw ma nagħmlu xejn minn dak li suppost nagħmlu jew inkella nispiċċaw nagħmlu biss dak li forsi mhux tabilħaqq meħtieġ.

Jien immur l-iskola għax nara valur fl-istudju u fl-edukazzjoni. L-ikel għandu valur għax jgħinna nikbru u ngħixu f'saħħitna. L-indafa hija valur għax importanti li nżommu ruħna ndaf kemm għas-saħħa personali tagħna kif ukoll fir-relazzjonijiet mal-oħrajn. Jien nistudja għax l-istudju hu valur importanti fl-iżvilupp personali tiegħi kif ukoll biex inħejji lili nnifsi għall-futur meta jien ukoll ikolli bżonn naħdem biex naqla' l-għejxien tiegħi.

L-affarijiet għandhom valur f'ħajti għax jagħtuni skop għalfejn ngħix, għalfejn nagħmel dak li nagħmel. Imma barra dawk il-valuri li għalihom ngħixu bħala bnedmin, hemm ukoll valuri li huma essenzjali fil-ħajja nisranija. Per eżempju, mhux dejjem tiġina naturali li naħfru. Imma l-maħfra hija valur fil-ħajja tan-nisrani għax hija kwalità li jagħmilna bnedmin sħaħ u nixbhu iktar lil Ġesù li tiegħu aħna dixxipli. L-istess l-imħabba. Li tħobb lil min iħobbok hija xi ħaga naturali. Imma Ġesù jgħolli l-livell ta' kif ngħixu l-imħabba billi jistedinna mmorru lil hinn minn dak li hu naturali biss. Hemmhekk tidħol dik il-qawwa tal-Ispirtu li diġà tkellimna fuqha u li twassalna fejn weħedna mhux faċli naslu.




**Fittex**

Esopu huwa magħruf għal ħafna stejjer ta' annimali jitkellmu u jirraġunaw qishom bnedmin. Kull storja fiha tagħlima ta' kif aħna nistgħu ngħixu aħjar. Fittex u aqra xi storja ta' Esopu u ara x'tista titgħallem minnha.

# Ħadd mhu waħdu!

"No man is an island" hija frażi użata għall-ewwel darba minn John Donne, poeta, avukat u kjeriku fiċ-*Church of England*. Għalina llum din il-frażi saret kważi prinċipju bażiku fil-ħajja propju għaliex illum aktar minn qatt qabel qed insiru dejjem iżjed konxji minn kemm ma nistgħux ngħixu maqtugħa minn xulxin. Id-dinja llum, bid-distanzi kollha tagħha, saret network wieħed u t-teknoloġija pprovditilna għodda li kapaċi telgħeb b'mod straordinarju d-distanzi bejn pajjiż u ieħor, bejn lingwa u oħra, bejn kultura u oħra u saħansitra bejn reliġjon u oħra. Id-differenzi li jifirduna baqgħu, forsi f'xi aspetti żdiedu wkoll. Imma sirna ngħixu f'dinja fejn niddependu wisq iżjed minn xulxin.

Id-dinja llum, u anke s-soċjetà li ngħixu fiha, saru realtajiet pluralisti. Il-bniedem jibqa' bniedem, huma x'inhuma l-kulur, ir-razza, il-kultura, u r-reliġjon li jiddistingwuh. Lil hinn minn dawn id-differenzi, hemm il-bniedem li jistaqsi, li jbati u li quddiem it-tbatija jitfixkel. Hemm il-bniedem li għandu kurżità u jrid jiskopri. Hemm il-bniedem li jħoss u jrid jifhem. Hemm l-esperjenza umana li hija l-art komuni għal kulħadd. L-isfida f'dinja pluralista, f'dinja li għadha kbira imma li ċkienet bit-teknoloġija tal-komunikazzjoni, hija kif id-differenzi nibqgħu narawhom bħala valur mingħajr il-ħtieġa li jnisslu firdiet bejn in-nies u bejn il-popli.

Aktar ma ninżlu fil-fond tal-qalb tal-bniedem, aktar niskopru l-umanità li tgħaqqadna. Aktar ma niksbu għerf u għarfien tal-affarijiet, aktar nindunaw kemm il-mistoqsijiet fil-qalb tal-bniedem huma l-istess dejjem u kullimkien. Il-kulturi u t-tradizzjonijiet reliġjużi żviluppaw sa minn żmien 'il bogħod ħafna f'rabta ma' dawn il-mistoqsijiet u ma' din it-tfittxija min-naħa tal-bniedem li dejjem ried jifhem. Għandna l-Mitoloġiji mill-iktar antiki li



**Fittex**

Il-frażi 'No man is an island' hija l-ewwel vers ta' poeżija ta' John Donne li nkitbet fl-1624. Fittex il-poeżija u ikteb fil-qosor x'taħseb li l-poeta jrid iwassal fil-poeżija.




## Idħol fil-fond

B'ritwal nifhmu sett ta' azzjonijiet li għandhom tifsira simbolika. Kull komunità għandha r-ritwali partikolari tagħha. Għalkemm jeżistu ritwali personali, bħal meta naħsel snieni qabel ma norqod, ġeneralment ritwal isir fi grupp. Wieħed mill-aktar ritwali famużi fl-isport huwa tat-tim tar-Rugby tan-New Zealand *All Blacks* li jiżfnu l-Haka. Hemm imbagħad ritwali reliġjużi, li jvarjaw mir-radd tas-salib għar-rit ta' sagrament.

huma frott l-immaġinazzjoni stess tal-bniedem li ħoloq rakkonti biex jispjega u jifhem u jfiehem. Għandna r-reliġjonijiet il-kbar li żviluppaw fi tradizzjonijiet ta' għerf u li żejnu tant kulturi waqt li servew biex il-bniedem tul iż-żmien jesprimi sentimenti reliġjużi li ħass li kellu jesprimi quddiem il-kobor tan-natura jew ta' allat li kien jadura. Sakemm niġu għar-reliġjonijiet li huma iktar qrib tagħna u tal-kultura tagħna: il-Ġudaiżmu, il-Kristjaneżmu, u l-Iżlam. F'dawn ir-reliġjonijiet il-bniedem għamel qabża 'l barra mill-esperjenza tiegħu u ħass u emmen li hemm Alla personali li ta bidu għal kollox u li hu parti integrali fl-għaġna tal-esperjenza tal-bniedem tul l-istorja.

Il-bniedem għalhekk fl-istorja mhuwiex iżolat, la fil-mistoqsijiet u lanqas fit-tweġibiet. Fl-esperjenza tiegħu mhuwiex waħdu, u fit-tfittxija għat-tweġiba u għat-tifsira, hu parti waħda minn tradizzjoni sħiħa. Tkellimna fuq l-esperjenza tal-bniedem in ġenerali u fuq l-esperjenza reliġjuża. Il-proċess tal-edukazzjoni tagħna fil-fatt hu proċess ta' kif aħna nirċievu dik it-tradizzjoni li tagħtina identità. Dan il-proċess bil-mod il-mod jgħinna nħossuna parti minn soċjetà, minn reliġjon, minn komunità ta' nies li magħhom naqsmu ħafna affarijiet komuni. Hu mis-soċjetà fejn ngħixu li nirċievu dawk il-valuri li jgħaqqdu dik is-soċjetà. Imma fl-istess ħin imbagħad, is-soċjetà stess tiddependi mill-impenn ta' kull wieħed u waħda minna biex dawk il-valuri jissarrfu u aħna li aħna ħafna, bid-differenzi tagħna, inkunu nistgħu ngħixu flimkien u fil-paċi.

F'pajjiżna per eżempju qed naraw quddiem għajnejna realtà soċjali, kulturali u reliġjuża li nbidlet ħafna u li għadha qed tinbidel b'ritmu mgħaġġel. Malta sa ftit ilu kellna soċjetà li l-valuri li kienu jgħaqqduha kienu prinċipalment valuri ġejjin mir-reliġjon Kattolika. Ir-reliġjon kienet kważi l-kultura tal-Maltin. Imma llum dan qed jinbidel għaliex anke f'Malta jeżisti pluraliżmu ta' ideat, ta' kulturi, u anke ta' twemmin. Din id-diversità tista' tbeżżagħna mal-ewwel daqqa t'għajn u malajr nibdew nippanikkjaw għax naħsbu li dak li kienu jemmnu fih ta' qabilna spiċċa fix-xejn. Imma mhux bilfors hu hekk. Il-proċess li għaddew minnu pajjiżi oħra aħna rridu ngħaddu minnu wkoll. Malta għadha gżira imdawra bil-baħar, imma kulturalment u soċjalment u reliġjożament m'għadhiex gżira maqtugħa mill-kontinent li tagħmel parti minnu. Id-diversità bħall-kuluri tal-qawsalla m'għandiex tbeżżagħna. Id-diversità anzi rridu nitgħallmu niċċelebrawha. Hekk nitgħallmu anke nirrispettaw lil min hu differenti minna u jaħsibha mod ieħor jew jemmen mod ieħor.

# Naqsmu dak li nemmnu



## Idħol fil-fond

Bl-Ewkaristija nifhmu l-qsim tal-ħobż, il-fatt li hemm qsim jidher li hemm ikla ma' ħafna. Fl-Ewkaristija Ġesù jsejħilna biex nieklu flimkien miegħu. Waqt l-Ewkaristija l-ħobż u l-inbid jinbidlu fil-ġisem u d-demm ta' Kristu, imma ma tiqafx hawn, trid issir bidla oħra, aħna li nkunu preżenti rridu ninbidlu fil-ġisem ta' Kristu. Dan hu sagrament li jgħaqqadna lkoll bħala familja waħda mingħajr differenza u distinzjoni.

Meta jkollna xi ħaġa vera għal qalbna ma nkunux kuntenti qabel ma nuruha u naqsmuha ma' sħabna u dawk li huma qrib tagħna. Hekk jiġri meta naqilgħu xi rigal li nkunu ferħana se ntiru bih. Il-ferħ, bħad-dwejjaq, ħafna drabi nkunu rridu naqsmuhom. U dan hu s-sabiħ tal-ħbieb li aħna jkollna, għax fost il-ħbieb ikollna dejjem xi ħadd jew xi wħud li magħhom inkunu iktar qrib u nħossuna nistgħu iktar nifttħu qalbna u nitkellmu. Għax f'qalbna nġorru affarijiet li huma intimi u personali, li huma marbuta ma' min aħna, mal-identità tagħna.

Il-fidi rridu nifhmuha fuq dan il-livell. Il-fidi mhijiex biss id-duttrina jew il-katekiżmu li tgħallimna, imma hija xi ħaġa ferm iktar personali. Iktar ma niskopru l-fidi tagħna fuq dan il-livell, iktar nistgħu nifhmu kemm hu importanti li fil-fidi tagħna u bħala nsara nikbru flimkien. Aħna nistgħu ninfluwenzaw lil xulxin anke fil-fidi, f'dak li nemmnu u kif nemmnu. U daqskemm nistgħu ninfluwenzaw lil xulxin pożittivament, daqstant ieħor nistgħu nkunu ta' influwenza negattiva. Fil-gruppi tal-ħbieb tagħna nistgħu ngħinu lil xulxin biex qalbna tkun miftuħa għal dan ir-rigal li tana Alla. Bħal kull rigal ieħor nistgħu naċċettawh jew nirrifjutawh. Xi ħadd per eżempju li jkun għaddej minn żmien diffiċli jew ikrah nistgħu ngħinuh mhux bilfors bi kliemna, anzi kultant l-istess preżenza siekta tagħna tkun biżżejjed.

Hemm diversi modi kif aħna naqsmu ma' ħaddieħor dak li nemmnu, u l-preżenza fis-skiet f'mument ta' tbatija jew ta' wġigħ hija waħda minnhom. Aspett bażiku tal-fidi nisranija hija l-imħabba. Għalhekk kif jgħid

San Ġwann, Alla hu imħabba. L-imħabba vera tkabbar f'qalbna l-attitudnijiet it-tajbin li jiftħuna għall-oħrajn. Aħna lkoll għandna bżonn inħobbu u nkunu maħbuba. Imma min ma jħobbx, diffiċli jinduna bl-imħabba ta' ħaddieħor. Dak hu n-negattiv tal-individwaliżmu. L-individwaliżmu jimblukkana milli nħobbu u ma jħalliniex nirċievu l-imħabba ta' min qed jipprova jħobbna. U meta aħna ningħalqu b'dan il-mod għall-oħrajn nkunu qed ningħalqu wkoll għal Alla. Alla hu mħabba, u fl-imħabba biss juri ruħu. L-imħabba, sew meta nagħtuha, kif ukoll meta nirċevuha, tibnina bħala karattri, bħala persuni u tibni wkoll is-sens ta' komunità bejnietna. B'hekk ma nkunux biss ħbieb li faċilment nistgħu nibqgħu iżolati minn xulxin, imma ħbieb tassew li kapaċi niċċelebraw il-ħbiberija tagħna. Hu biss fil-kuntest ta' komunità li jagħmel sens niċċelebraw kull ritwal marbut mal-fidi tagħna. Kif iwissi ħafna drabi Ġesù lill-Fariżej u l-Iskribi, jekk mhemmx din l-imħabba vera meta niġu flimkien bħala komunità fiċ-ċelebrazzjonijiet tagħna faċli ħafna nkunu ipokriti u superfiċjali. Ir-reliġjon li nħaddnu qiegħda biex tiftaħna għall-oħrajn u għal Alla. Jekk ma sservix għal dan il-għan, hi biss ritwal vojt li ma jfisser xejn. Ġesù jgħid ċar: "Jekk inti tkun tiela' bl-offerta tiegħek, u hemmhekk tiftakar li ħuk għandu xi ħaġa kontrik, ħalli hemm l-offerta tiegħek u l-ewwel mur u rranġa ma' ħuk." Ġesù jridna nkunu sinċieri, nies ta' veru.

Nistgħu nqabblu l-għaqda ta' bejnietna ma' strument bil-kordi, bħal pereżempju kitarra, biex nistgħu nifhmu iżjed. Jekk ikun hemm korda waħda skurdata, il-melodija kollha ħa tinstema' skurdata. Min-naħa l-oħra jekk l-kordi kollha huma kkurdati b'mod sew, il-melodija toħroġ b'armonija li tpaxxi lil min qed jisma'. L-istess nistgħu ngħidu dwar id-diversità li teżisti bejnietna. Permezz tal-imħabba nkunu kapaċi nagħrfu u nirrispettaw lil xulxin bid-differenzi kollha tagħna. Din l-armonija hi frott l-imħabba u fl-istess ħin tkompli tkabbar l-imħabba fil-komunità. Hekk il-Knisja tkompli tikber f'komunità vera fejn in-nies huma tassew attenti għall-bżonnijiet ta' xulxin. Ħafna drabi b'karità nifhmu tagħti l-flus jew nagħtu ħwejjeġ u ikel biex ngħinu lil xi grupp tal-missjoni. Din hija ħaġa sabiħa u pożittiva ħafna. Imma kultant qajla nindunaw li fost dawk l-aktar qrib tagħna jkun hemm min ikollu bżonn ftit ħin u attenzjoni wkoll. Li nagħtu mill-ħin tagħna kultant jiswa aktar mill-flus. Nistgħu wkoll nagħmlu xi xogħol ta' volontarjat u nagħtu ftit mill-ħin tagħna b'mod regolari biex ngħinu lil dawk li huma fil-bżonn. Dan jista' anke jkun mod kif aħna niskopru lilna nfusna u t-talenti tagħna u żgur li dawn l-esperjenzi jimmarkawna u jgħinuna nikbru f'persuni maturi.

"Imħabba ikbar minn din ħadd m'għandu, li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu." M'aħniex imsejħin biex nagħmlu affarijiet kbar u straordinarji, imma l-ordinarju b'imħabba kbira. Ġesù jgħidilna dak li għamiltu ma ħutkom fil-bżonn għamiltuh miegħi.



## Din kont tafha?

Kont taf li hawn kitarri b'numru differenti ta' kordi? Minbarra dik ta' sitta, jeżistu wkoll kitarri b'erba', seba', tmien, għaxar, ħdax, tnax, tlettax u saħansitra wkoll bi tmintax-il korda! L-eqdem stampa ta' kitarra hija waħda minquxa fil-ġebel 3,300 sena ilu.

# Mużika u Poeżija

Hemm ħafna modi kif dak li nħossu u nemmnu nesprimuh u ngħadduh lill-oħrajn. Kull meta nkunu flimkien, aħna ngħaddu lil xulxin ideat, valuri, twemmin, sentimenti, u emozzjonijiet.

Mhux l-ewwel darba tisma' l-ġenituri, jew xi persuni oħrajn ikbar minna, jargumentaw u jgħidu li d-diski ta' żmienhom kienu isbaħ u jagħmlu aktar sens minn dawk tal-lum. Forsi mhux dejjem naqblu magħhom, imma jista' jkun li hemm raġuni għaliex kull ġenerazzjoni tintrabat mal-mużika ta' żmienha! Ċerti diski, mhemmx dubju kapaċi jqanqlu fina emozzjonijiet u sentimenti qawwija. Il-mużika u l-lirika minn dejjem kienet rifless tal-kultura taż-żmien li pproduċietha u fl-istess ħin dejjem tkompli tagħġen il-kultura. Il-mużika u l-lirika għandhom seħer kif jesprimu sentimenti u emozzjonijiet, u kif jindirizzaw dak li kultant aħna stess inkunu għaddejjin minnu.

Fost il-kotba tal-Għerf insibu l-Ktieb tas-Salmi. Dan kien il-ktieb uffiċjali tal-Kant tal-Lhud. Bħal-lirika ta' kull żmien, is-Salmi jesprimu sitwazzjonijiet differenti li l-Lhud kienu jgħaddu minnhom. Illum iservu biex aħna, nidentifikaw mas-sentimenti u l-emozzjonijiet li jibqgħu dejjem komuni fil-ħajja tal-bniedem.

**FOST IS-SALMI NSIBU**

- Salmi ta' ferħ u ta' ċelebrazzjoni
- Salmi ta' tifħir u ta' ringrazzjament
- Salmi li jakkumpanjaw pellegrinaġġ
- Salmi ta' disperazzjoni
- Salmi ta' abbandun totali f'idejn Alla
- Salmi ta' tama
- Salmi ta' mistrieħ f'Alla





**Agħmel**

Sib xi diski kemm mill-passat u kemm minn dawk tal-lum u pprova oħroġ il-messaġġ ta' kull diska kif ukoll l-effetti li jista' jkollhom fuqna.



Is-Salmi huma ġabra ta' poeżiji maqsumin f'ħames sezzjonijiet. Għalkemm ħafna jaħsbu li s-Salmi kitibhom David, bosta minnhom huma biss attribwiti lilu u kienu miktubin minn awturi differenti.

Is-Salmi kienu dejjem jiġu kantati u kienu jintużaw diversi strumenti ta' akkumpanjament. Fil-fatt fis-Salmi stess insibu ħafna riferimenti mużikali, bħall-arpa, iċ-ċetra, it-tnabar u strumenti tan-nifs differenti.



Il-kant u l-mużika huma forma mill-iktar sabiħ ta' talb. Santu Wistin jgħid 'Meta tkanta tkun qed titlob darbtejn!' Għalina l-Insara s-Salmi dejjem kienu għodda mill-isbaħ biex nesprimu l-fidi u s-sens reliġjuż fil-fond tal-qalb. Il-Knisja llum għadha tgħożż u tuża s-Salmi kuljum fit-tifħir tagħha lil Alla. Iktar ma nitgħallmu nużaw is-Salmi u nitolbu bihom, iktar insiru midħla tal-Kelma t'Alla u nħallu l-Kelma t'Alla tkellimna u ddawwal l-esperjenza tagħna.

Iktar ma niskopru s-Salmi f'atmosfera ta' talb u flimkien ma' oħrajn, iktar naraw fihom espressjoni ta' dak li jiġri fil-qalb ta' kull wieħed u waħda minna u iktar nindunaw kemm l-esperjenza tal-bniedem tmur lil hinn miż-żmien u l-kulturi u r-reliġjon. Fis-Salmi hemm kull tip ta' emozzjoni, sentiment, xewqa li kienu jimmarkaw lill-poplu Lhudi fir-relazzjoni tiegħu ma' Alla u li għadhom jistgħu jitfgħu dawl fuq it-tfittxija tagħna ta' Alla. Fis-Salmi nsibu faraġ u tama għal kull niket u qtigħ il-qalb. Dan juri kemm tabilħaqq il-Kelma t'Alla għadha sal-lum isservi ta' aħbar tajba.

It-tama nisranija li s-Salmi jistgħu jnisslu fina hija l-garanzija li Alla joffrilna biex qatt ma naqgħu vittmi ta' dak li jiġri ġo fina jew madwarna.

## Itlob

Salm 139 juri jemm Alla jaf lil kull wieħed u waħda minna, u kemm iħobbna, wkoll qabel ma nitwieldu!

"Mulej, int tgħarbilni u tagħrafni; int taf meta noqgħod u meta nqum.. Fejn immur 'il bogħod mill-ispirtu tiegħek? Jew fejn nista' naħrab minn quddiem wiċċek? Jekk nitla' fis-smewwiet, hemm int; jekk nimtedd f'qiegħ l-art, int hemm ukoll... Raw għajnejk l-għemejjel tiegħi: kollha nkitbu fil-ktieb tiegħek; u jiemi kienu ġa magħduda meta ebda wieħed ma kien għad hemm."



## NARAW X'TGĦALLIMNA

**A KLIEM IMPORTANTI**

Ikteb sentenza li tfisser fil-qosor x'nifhmu b'dan il-kliem:

- Fażijiet differenti f'ħajti
- Pluraliżmu
- Esperjenza reliġjuża

**B IDEAT PRINĊIPALI**

Ikteb paragrafu dwar dawn:

- Għalfejn Alla jippermenti li ngħaddu minn esperjenzi differenti f'ħajjitna, anke minn esperjenzi koroh?
- Kif tista' x-xjenza tgħinni nkabbar il-fidi tiegħi?
- Xi jfissru l-valuri f'ħajjitna?
- Għalfejn l-individwaliżmu għandna naħarbuh?

**Ċ AĦSEB B'MOĦĦOK**

Uża dak li tgħallimt biex twieġeb dawn:

- Jista' jkun li qrajna jew smajna dwar esperjenzi reliġjużi li kellhom nies bħal Tereża t'Avila jew Mosè. Aħna la aħna Santa Tereża u lanqas Mosè, imma xorta jista' jkollna esperjenza reliġjuża. Iddiskuti kif.
- Kif tista' tuża s-salmi biex jgħinuk tersaq aktar qrib ta' Alla?

**D IDDISKUTI D-DAR**

Tkellem mal-membri tal-familja dwar dawn:

- Kif qed ngħinu lil xulxin biex insaħħu l-valuri nsara bejnietna?
- Hemm xi mod li bħala familja nagħtu ftit ħin biex inkunu ta' għajnuna għall-oħrjan? Pereżempju nżuru xi qraba li ilna ma naraw u li jgħixu waħedhom, ngħinnu fil-parroċċa bħala abbatini, fil-kor, letturi, animaturi waqt il-quddies.

# Ninżlu fil-fond



# Matul il-mixja ta' ħajjitna

**ĦEJJI RUĦEK:**

Il-bniedem dejjem emmen u fada f'xi poter aqwa minnu?

Taf li Abraham huwa importanti mhux biss għall-Insara iżda wkoll għall-Musulmani u għal-Lhud?

**IMMARKA ✓ ĦDEJN IL-KLIEM LI TAF XI JFISSER:**

- ☐ Umanità
- ☐ Monoteiżmu
- ☐ Kotba Mqaddsa
- ☐ Tradizzjoni
- ☐ Reliġjonijiet primittivi
- ☐ Għerf
- ☐ Kristoċentriku

3

# Ir-reliġjon u l-bniedem

Il-qalb tal-bniedem iġġorr fiha ħafna xewqat u mistoqsijiet. Sa mill-bidu tal-eżistenza tiegħu l-bniedem dejjem ittawwal il-barra minnu biex ifittex tweġibiet għall-mistoqsijiet l-iżjed profondi dwar għarfien sħiħ tiegħu nniffsu, dwar min ħalqu u dwar l-iskop tal-eżistenza tiegħu. L-arkeoloġija llum tgħallimna ħafna kif kien jgħix il-bniedem sa minn żmien il-qedem, dwar x'kien jemmen u kif kien jesprimi dak li kien jemmen fih, speċjalment it-tfittxija lil hinn mid-dinja tiegħu ta' realtà 'l fuq minnu. Ir-reliġjonijiet primittivi jeħduna lura eluf ta' snin u huma xhieda ta' dan kollu.

X'kien l-iskop li l-bniedem jonqox, ipinġi jew joħloq xbihat u li lilhom kien jagħti qima? Minn fejn ġej dan is-sens ta' tfittxija u s-sens ta' stagħġib li donnu hemm ħallieq li ta bidu għal dak kollu li jeżisti? Dan hemm min isejjaħlu l-istint reliġjuż fil-bniedem tant li għal





ħafna żmien kienu jemmnu li l-bniedem huwa min-natura tiegħu stess ‘reliġjuż’. Imma hemm ukoll min dan ma jaċċettahx u jikkonkludi li r-reliġjon, ladarba titkellem dwar dak li ma nistgħux naraw u nesperimentaw, hija biss fantasija.

F’pajjiżna għandna tempji u siti li llum huma meqjusa wirt tal-umanità għat-tifsira tagħhom u għal dak li jixhdu għalih tul medda ta’ sekli. M’hemmx dubju li huma postijiet ta’ qima. L-istatwa tal-mara l-ħoxna hija simbolu marbut ma’ dawn u ma’ tant sejbiet oħra li jeħduna lura fiż-żmien u jikkonfermaw dan is-sens reliġjuż li dawn il-postijiet jirrappreżentaw.

Dan is-sens reliġjuż hu universali, imur lil hinn minn kulturi, razez u popli. Jekk insemmu pereżempju l-poplu *Inca* u tribujiet Afrikani, naraw li għalkemm espressament ma kinux jesprimu xi twemmin f’xi alla kif nafuh u nemmnu fih aħna, xorta waħda kienu jemmnu f’xi ħadd li hu aqwa minnhom u li għandu kontroll ta’ affarijiet li l-bniedem qatt ma jista’ jkollu. Ħafna drabi kienu jassoċjaw l-allat mar-realtà tan-natura, u t-tibdil jew it-taqlib fin-natura għalihom kien sinjal mingħand l-allat.

Fl-Amerika t’Isfel hemm indikazzjonijiet simili dwar tribù li bħal ħafna tribujiet oħrajn kien jadura lix-xemx bħala alla tagħhom. Hemm elementi qawwija ta’ xejra reliġjuża li dawn it-tribujiet kienu diġà qed jaraw u jqisu l-ġlieda bejn id-dawl u d-dlam fin-natura bħala taqbida li tista’ titfa’ dawl fuq dak li l-bniedem iġarrab fil-ħajja tiegħu ta’ kuljum.

## Din kont tafha?

Kont taf li l-eqdem struttura reliġjuża hija Göbekli Tepe fit-Turkija? Wara dawn imbagħad insibu t-tempju tal-Ġgantija, ix-Xagħra, Għawdex. Dawn l-istrutturi huma eqdem mill-piramidi fl-Eġittu.

## Fittex

Għall-poplu Maya r-reliġjon kien ħajtu, ta’ kuljum kien jagħti l-qima tiegħu lill-allat huma msejjsa fuq il-fenomeni li kienu jaraw madwarhom. Fittex ftit aktar dwar ir-reliġjon tal-popli tal-qedem fl-Amerika t’isfel bħall-Maya u l-Incas.



# Ħarsa lura...

Minn meta konna tfal żgħar dejjem indunajna li jekk għamilna xi ħaġa tajba jkun jistħoqqilna rigal, filwaqt li nkunu nistennew kastig jekk nagħmlu l-ħażin. Din l-attitudni dejjem tinbeda l-ewwel f'relazzjoni mal-ġenituri. Huwa interessanti però li nindunaw li din l-attitudni hija bbażata wkoll fuq ir-raġuni u li tagħmel sens għal kulħadd. Għalhekk meta l-bniedem ikun f'relazzjoni ma' Alla jinduna li din l-attitudni hija wkoll preżenti.

L-istint reliġjuż primittiv, jurina li l-bniedem kien iħoss li lil alla trid tagħtih xi ħaġa, ħalli b'hekk jagħtik xi ħaġa lura. Jekk iġġib ruħek tajjeb, alla jista' jippremjak, però jekk ma tagħtix lil alla dak li jistħoqqlu allura malajr jirrabja u jpatti lura b'vendikazzjoni. Dan il-ħsieb jidher ċar fil-poeżija 'Il-Ġgantija t'Għawdex' li l-poeta Ġorġ Pisani kiteb b'riflessjoni fuq t-tempju tal-Ġgantija.

**Fittex**

Fittex il-poeżija ta' Ġorġ Pisani 'Il-Ġgantija t'Għawdex' u aqra dwar it-tfajla "xuxitha tad-deheb" li tat ħajjitha biex pajjiżha ma jibqax isofri mill-ġuħ.





## Din kont tafha?

Il-Griegi kienu jemmnu li l-allat kellhom karatteristiċi umani għalkemm kienu immortali u kellhom qawwiet straordinarji. Dawn l-allat kienu jgħixu fuq l-ogħla muntanja tal-Greċja, il-Muntanja ta' Olimpu. Huma kienu jagħmlu ħafna ċelebrazzjonijiet għall-unur ta' dawn l-allat. Pereżempju jingħad li biex jiċċelebraw lil alla Żews kienu saru l-ewwel logħob olimpjadi, fis-sena 776 Q.K.

Din il-poeżija, għalkemm frott tal-fantasija tal-poeta, xorta turina realtà li kienet ħajja fost il-poplu bikri ta' gżiritna. Sabiex nifhmu aħjar nistgħu nagħtu titwila ħafifa fuq il-mitoloġija tal-Greċja.

Il-Griegi u aktar tard ir-Rumani, flimkien ma' popli oħra ma kinux jemmnu li jeżisti alla wieħed biss, imma ħafna, u għalhekk ngħidu li dawn in-nies kienu politeisti. Kienu jemmnu f'diversi allat u kienu jirrikorru għandhom għall-għajnuna. Kienu joffru offerti jew sagrifiċċji ta' annimali biex jogħġbu lill-allat tagħhom u jieħdu minn għandhom dak li jixtiequ.

F'dan iż-żmien ma kinitx teżisti l-idea ta' relazzjoni personali ma' Alla, anzi dawn l-allat kienu minn xi daqqiet jarawhom bħala entitajiet li faċilment ikunu vendikattivi u allura kienu jagħmlu minn kollox biex jiksbu l-ħniena tagħhom.

# Ulied Abraham

Il-kelma monoteiżmu ġejja minn żewġ kelmiet griegi: 'monos' li tfisser wieħed u l-kelma 'theos' li tfisser Alla. Għalhekk il-kelma monoteiżmu tfisser twemmin f'Alla wieħed. It-tliet reliġjonijiet il-kbar li jemmnu fl-eżistenza ta' Alla wieħed huma l-Ġudaiżmu, il-Kristjaneżmu u l-Islam.

Dawn it-tlieta għandhom relazzjoni intima bejniethom u t-tlieta semmejniehom fl-ordni ta' kif insibuhom fl-istorja tal-umanità. It-tlieta li huma jqisu lil Abraham bħala l-missier tagħhom u li minnu beda kollox. Dan nistgħu nsibuh f'Ġenesi kapitlu 12 minn vers 1 sa vers 9.

### IL-ĠUDAIŻMU

Din hija r-reliġjon tal-Lhud u li fiha twieled Ġesù. Kien minn din ir-reliġjon li ħarġet ir-reliġjon Nisranija.

L-iktar kotba importanti għal-Lhud huma l-ewwel ħames kotba tat-Testment il-Qadim li nsibu fil-Bibbja li huma jsejħulhom it-*Torah*. Jemmnu li s-Sibt hija l-iktar ġurnata qaddisa u jħarsuha billi jmorru fis-sinagoga. L-iktar festa famuża hija l-festa tal-Għid li hija festa li tfakkar il-ħruġ mill-Eġittu, meta Alla ħelishom mill-jasar.

### L-ISLAM

L-islam hija r-reliġjon tal-Musulmani, li bdiet fil-Lvant nofsani mill-profeta Muhammed li qal li deherlu l-anġlu Gabrijel u qallu biex iwassal il-messaġġ ta' Allah. Il-ktieb il-qaddis tal-musulmani huwa l-*Qu'ran* li kitbu Muhammed innifsu. Il-Musulmani jemmnu li Ġesù huwa profeta bħall-oħrajn iżda li mhux Alla, filwaqt li Muhammed jibqa' l-akbar profeta. Huma jitolbu ħames darbiet kuljum,

**Għixha!**
Waqt diversi kunċerti, Bono, l-kantant tal-grupp U2, jistaqsi għaliex ulied Abraham illum huma miġġielda bejniethom. Bil-frażi 'COEXIST' jipproponi li nfittxu modi ġodda biex ngħixu flimkien bħala familja waħda. Ejjew aħna wkoll nisimgħu dan il-messaġġ u bi kliemna u dak kollu li nagħmlu nfittxu li nkabbru l-għaqda bejnietna.



## Din kont tafha?

Fid-disa' xahar tal-kalendarju Musulman jiġi ċċelebrat ir-Ramadan u jdum minn 29 sa 30 ġurnata. Dan iż-żmien huwa assoċjat mas-sawm, minħabba li wieħed jista' jiekol u jixrob biss wara li tinżel ix-xemx. Għalkemm din tidher diffiċli huma jarawh bħala opportunità biex huma jagħmlu għadd ta' affarijiet tajbin, bħal iqattgħu aktar ħin mal-familja, ma jgħidux gideb u jgħinu lill-oħrajn!



ikunu fejn ikunu; jagħtu karità, iħarsu s-sawm waqt iż-żmien tar-Ramadan u jagħmlu pellegrinaġġ għal Mekka darba f'ħajjithom. Għall-musulmani, il-jum tal-Ġimgħa huwa l-iktar jum qaddis.

Kull reliġjon hi mibnija fuq it-tajjeb. Huwa ħażin li aħna ningħalqu fit-twemmin tagħna u ma nagħtux kas ta' dak li jemmen fih ħaddieħor. Il-bnedmin kollha jinsabu fi tfittxija dwar x'sens fiha l-ħajja, minn fejn ġejjin u l-fejn sejrin. Ir-reliġjonijiet kollha huma risposti għal dawn il-mistoqsijiet importantissimi tal-bniedem. Infatti l-kelma reliġjon, tfisser 're-ligare' terġa' tgħaqqad lill-bniedem ma' Alla.

Ġesù jurina li aħna għandna ninteressaw ruħna fihom, bħalma għamel hu meta kien hemm xi Griegi li riedu jkellmuh. Nistgħu nistaqsuhom dwar fuqiex hi bbażata l-fidi tagħhom, kif iħarsu lejn il-ħajja, kif jiċċelebraw dak li jemmnu fih, kif ukoll ma nibżgħux jekk huma jistaqsuna l-istess affarijiet! San Pietru f'waħda mill-ittri tiegħu qalilna: "Kunu dejjem lesti li tagħtu tweġiba lil min jistaqsikom il-għala tat-tama tagħkom." B'hekk inkunu ħloqna klima ta' djalogu.

Ma nistgħux nassumu li l-oħrajn huma inferjuri għalina għax ma jemmnux bħalna. Dan jista' jwassal għall-fanatiżmu u għall-fundamentaliżmu reliġjuż. Ħafna drabi min ikun fundamentalist isostni li dak li jemmen hu biss tajjeb u li ħaddieħor huwa essenzjalment ħażin għax ma jemminx bħalu. Il-konsegwenzi ta' dan jistgħu jkunu drastiċi u fatali, kif sfortunatament naraw kultant fil-*media*.

## Fittex

Il-Lhud jiċċelebraw ħafna festi, fosthom il-Festa tal-Għid, tal-Għarejjex, tad-Dedikazzjoni u l-Purim. Fittex dwar xi festa tal-Lhud u l-ħsieb wara din iċ-ċelebrazzjoni.

# Lil min tammira?

## Xi jkun mudell?

## Inti għandek mudelli f'ħajtek?

## X'tip ta' mudelli għandek?



Aħna minn meta twelidna sa ma mmutu dejjem inħarsu biex naraw lil min ser nimitaw, u kif ser nimitawhom. Dan ma jfissirx li hu ħażin, anzi jurina biċ-ċar li aħna dejjem ikollna lil xi ħadd f'ħajjitna lejn min inħarsu, lil min nammiraw. Din hi xi ħaġa naturali. Irridu nitgħallmu minn oħrajn li forsi b'dak li għaddew minnu kisbu ċerta esperjenza u għerf li lilna jista' jiswielna. Ma tistax tammira lil kulħadd! Ikun hemm min jogħġbok u min le. Imma qisu dejjem ikollok lil xi ħadd li jolqtok b'mod partikulari. Kultant ċerti nies li jolqtuna lanqas aħna stess ma nindunaw kemm ikunu qed iħallu effett fuqna. L-importanti f'dan kollu hu li nagħrfu nagħżlu bejn influwenza għat-tajjeb jew il-kontra. Ma nistgħux inħallu kollox jinfluwenzana bla ma nagħżlu.

Meta qed nitkellmu fuq nies li f'ħajjitna nistgħu nżommuhom b'mudell għax inkunu nammirawhom, m'aħniex qed nitkellmu l-iżjed fuq l-apparenza, fuq in-nies kif jidhru minn barra. M'hemm xejn ħażin li l-apparenza nagħtu kas tagħha wkoll! Imma lil min nammiraw u nħalluh



**Agħmel**
Numru ta' nies jiġbdu l-ammirazzjoni tagħna għal raġunijiet differenti. Aħseb dwar xi ħadd li bħalissa qed jiġbed l-ammirazzjoni tiegħek u għid għaliex.























jinfluwenzana, importanti li nidħlu fil-ħsieb tiegħu jew tagħha, fil-qalb, għaliex il-bniedem huwa qalbu, kien jgħid il-Papa Ġwanni Pawlu II. Jeżistu f'kull qasam tal-ħajja nies bis-sens li għandhom valuri u f'kulma jagħmlu jesprimu dawn il-valuri li jħaddnu. Bħalma jeżistu wkoll nies li għall-popolarità kapaċi jbigħu kollox, anke lilhom infushom u qalbhom. Tajjeb għalhekk li nidentifikaw lil xi ħadd li nammiraw b'mod partikulari u nistaqsu x'nammiraw fih jew fiha. Meta nitkellmu fuq nies li nammiraw, ovvjament m'hemmx għalfejn nirreferu biss għad-dinja tad-divertiment jew tal-ispettaklu, għall-artisti fil-films jew għall-kantanti. Hemm ukoll nies sempliċi anke madwarna li jagħmlu sagrifiċċji kbar fis-skiet u b'fedeltà. Dawk ma rridux ninsewhom. Kif tista' ma tammirax missier li kuljum b'rutina joħroġ għax-xogħol biex imantni l-familja tiegħu u mbagħad jagħti sehmu fil-kura u l-edukazzjoni tat-tfal u fix-xogħol tad-dar? Jew omm li l-istess, għall-familja toħroġ taħdem, minkejja li wara x-xogħol għandha t-trobbija tat-tfal u xogħol tad-dar? Fil-ħajja ta' kuljum hemm ħafna u ħafna nies li jagħmlu mirakli kbar fis-skiet, li huma nies li jafu jħobbu tassew b'qalb kbira u b'fedeltà. Bħal ngħidu aħna għalliem li jkun jinteressah minnek ħafna aktar mill-marki li ġġib. Dawn u ħafna oħrajn ħaqqhom l-ammirazzjoni tagħna. Huma mudelli li għandna nħarsu lejhom.

**Idħol fil-fond**
Qatt smajt b'Malala Yousufzai? Twieldet il-Pakisatan fl-1998. Magħrufa għall-ħidma tagħha favur id-dritt li t-tfajliet jirċievu edukazzjoni f'pajjiżi fejn dan huwa mċaħħad lilhom. Dal-kliem u kitbiet tagħha waslu biex tkun fil-mira tat-Taliban li sparawlha waqt li kienet l-iskola.

# Ġesù bħala mudell

Il-fidi tagħna bħala nsara u dixxipli ta' Ġesù, tpoġġilna lil Ġesù nnifsu bħala l-akbar eżempju għal ħajjitna. Ġesù m'huwiex xi ħadd li nammirawh biss, imma nimxu warajh ukoll. Anzi Ġesù f'ħajjitna jippreżentalna sfida biex inkunu bħalu, biex nagħrfu b'liema mod se nagħtu ħajjitna għal min inħobbu bla ma noqogħdu nagħmlu l-kontijiet u l-kundizzjonijiet. Ġesù jurina li ħajtek issibha u tkun sħiħa meta tagħtiha, meta titlifha.

Fil-lejl tal-Għid, waqt it-tberik tan-nar li jiftaħ iċ-ċelebrazzjioni tal-lejl qaddis, iċ-ċelebrant jixgħel il-Blandun u jkanta: 'Kristu l-bieraħ u llum, il-bidu u t-tmiem, tiegħu għal dejjem hu ż-żmien, lilu kull glorja u ġieħ'. Kristu hu ċ-ċentru ta' kollox. Ħajjitna tista' tkun differenti ħafna jekk hu jkun iċ-ċentru tagħna. Il-Knisja għalhekk tpoġġi bħala mudell lil dawk li f'ħajjithom lil Ġesù poġġewh verament fiċ-ċentru u ħallewh jiggwidahom tassew u b'ħafna paċenzja jiffurmalhom qalbhom. Dawn huma l-qaddisin, li kienu





kollha nies tad-demm u l-laħam bħalna, li kollha kellhom id-difetti u d-dnubiet bħalna, li bħalna f'ħajjithom, iddubitaw. Imma f'ħajjithom ukoll għamlu xi ħaġa li żammithom wara Ġesù.

L-appostli kienu jafuh wiċċ imb wiċċ, miegħu kielu, xorbu, raqdu u vvjaġġaw għal tliet snin sħaħ. Saru jafuh sew! L-ewwel komunitajiet saru jafu lil Ġesù permezz tal-esperjenza tal-appostli, u kull komunità baqgħet tgħaddi din l-esperjenza minn ġenerazzjoni għal oħra.

X'inhuma dawk il-kwalitajiet li kellu Ġesù, u li permezz tagħhom ried jurina l-qalb t'Alla nnifsu? X'għandu differenti minna?

Nistgħu nagħmlu lista sħiħa dwar il-kwalitajiet sbieħ li għandu Ġesù. Nistgħu ngħidu li qatt ma nistgħu nsibu xi eżempji ta' egoiżmu fih, għax dejjem jaħseb f'ħaddieħor. Kien dejjem jgħix ħajja sempliċi mimlija b'ħafna paċi u li dejjem wassal din il-paċi, kemm bil-kliem u wisq iktar bil-fatti. Kien kalamita, kien jiġbed lil kulħadd lejh, għax kien speċjali. Però l-iktar ħaġa li kien oriġinali fiha hija li dejjem kien ipatti l-ħażen li jirċievi b'ħafna ġid. Kien iħobb lil dawk li jagħmlulu l-ħsara. Dejjem joħloq il-ħajja fejn kien hemm il-mewt, u kienet din l-istess imħabba li wasslitu biex imut u jqum mill-mewt għalina. Din hi l-ġrajja li fuqha huwa mibni l-Kristjaneżmu u li tagħmlu reliġjon differenti minn oħrajn.



**Għixha!**

Immaġina li kont tgħix fi żmien Ġesù u li kont hemm waqt li kien qed jgħallem meta ħin minnhom jiġi ħdejk u jgħidlek "Ejja imxi warajja." Kieku int x'kont tagħmel? Għalkemm qed ngħixu aktar minn elfejn sena minn dan iż-żmien, Ġesù għadu jsejħilna biex nimxu warajh u nsiru nixbhu lilu. Kif qegħdin nilqgħu din l-istedina?

# L-esperjenza miktuba



Kull poplu u kull pajjiż għandu l-istil ta' ħajja tiegħu li normalment ivarja minn ta' ħaddieħor. Kif jgħixu ċ-Ċiniżi m'huwiex kif jgħixu l-Amerikani, u dawn huma differenti minn kif ngħixu aħna l-Maltin. L-istil ta' kif poplu jgħix huwa wkoll il-kultura tiegħu. Kull kultura ħadet ħafna snin biex żviluppat u saret kif inhi llum b'mod li kull poplu għandu t-tradizzjoni tiegħu li jgħaddi minn ġenerazzjoni għal oħra. Il-kelma 'Tradizzjoni' tiġbor fiha ħafna affarijiet: karatteristiċi, valuri, twemmin, drawwiet. Hija xi ħaġa ħajja li kull ġens jagħmel minn kollox biex iżommha ħajja.

Aħna qed nitgħallmu minn ta' qabilna u ta' qabilna tgħallmu minn ta' qabilhom. Din it-tradizzjoni tinkludi stili ta' kif ngħixu bħala poplu, kultura, karatteristiċi, valuri, kif ukoll storja ta' kif issawwarna bħala poplu.

Il-kelma 'Tradizzjoni' tfisser eżattament dan. Hija t-trażmissjoni ta' informazzjoni jew stil ta' ħajja li tgħaddi minn ġenerazzjoni għal oħra.

Sa minn żminijiet 'il bogħod, meta ma kinitx teżisti l-kitba jew il-meżżi li għandna llum, ġenerazzjoni kienet tgħaddi dak li hi lill-ġenerazzjoni oħra permezz ta' rakkonti, stejjer u proverbji. Iż-żgħar kienu jitgħallmu ħafna bl-amment u b'hekk it-tradizzjoni kienet tiġi trasmessa b'mod ħaj u permezz tal-memorja.

Dan nistgħu ngħidu kien l-istess oriġini tal-Bibbja li bħala kelma miktuba ġiet wara tradizzjoni ħajja li ma kinetx miktuba, imma li kienet tgħaddi permezz ta' rakkonti u stejjer. Qabel it-tradizzjoni miktuba kien hemm it-tradizzjoni orali, li tfisser trasmissjoni bil-fomm. Din it-tradizzjoni nkitbet ħafna wara u kien proċess li ħa mijiet ta' snin. Dan ġara kemm fit-Testment il-Qadim kif ukoll fil-Ġdid. Qabel il-kitba kien hemm il-kelma.

Il-komunità ta' dawk li jemmnu, dik li aħna nsejħulha l-Knisja, dejjem tat importanza kemm lit-testi tal-Kotba Mqaddsa li hija l-Kelma miktuba, kif ukoll lit-tifsira tagħha li minn żmien għal żmien żviluppat fi Tradizzjoni u anke influwenzat il-kultura sħiħa ta' poplu. Il-Kotba Mqaddsa mingħajr il-ħajja ta' poplu u x-xhieda ta' tant nies, tista' tibqa' ktieb li ma jiftiehemx. Min-naħa l-oħra, il-kultura ta' poplu weħedha, mingħajr ma għandha għal xiex tirreferi, tista' faċilment tixxejjen bil-bidliet li jseħħu matul iż-żmien.

Darba San Ġilormu qal: 'Min ma jafx l-Iskrittura, ma jafx lil Kristu!' U din hija verità. Lil Kristu nistgħu nsiru nafuh mill-Kelma tiegħu stess. Però mhux biss. Matul iż-żminijiet il-komunitajiet li emmnu fih kellhom esperjenza tiegħu u ħallewlna ħafna xhieda u linji gwida li jiffurmaw it-tradizzjoni ħajja. Din ix-xhieda tagħmel il-messaġġ ta' Kristu sħiħ għax tagħtih forma, issaħħu b'esperjenza ħajja ta' dawk li emmnu fih u għexu l-messaġġ.

Ġesù qalilna b'xejn ħadtu u b'xejn agħtu. Kelma li tagħtina ħafna libertà, li turina kemm hu sabiħ li inti dak li rċevejt tgħaddih lil ħaddieħor mhux bilfors imma liberament, għax tħoss li dak li hu tajjeb għalik għandek taqsmu ma' ħaddieħor. Dan iwassalna biex anke aħna llum inħossuna impenjati li l-ewwel nirċievu dak li għaddewlna ta' qabilna, biex wara li nagħmluh tagħna, inkunu nistgħu b'konvinzjoni ngħadduh lill-oħrajn.



### Din kont tafha?

Fis-sena 1946 xi rgħajja kienu qrib il-Baħar Mejjet, illum magħruf bħala x-Xatt tal-Puntent. Biex jgħaddu ż-żmien tefgħu ġebla fi ftuħ li kien hemm fl-irdum u semmgħu ħoss ta' xi ħaġa tinkiser. Daħlu f'xi għerien u sabu ammont ta' ġarar tal-fuħħar. F'sebgħa minnhom sabu xi parċmini. Wara nstabu aktar fdalijiet ta' kitbiet f'għerien fil-qrib. B'kollox instabu fdalijiet mill-kotba kollha tat-Testment il-Qadim, ħlief mill-Ktieb ta' Ester.



## NARAW X'TGĦALLIMNA

**A KLIEM IMPORTANTI**

Ikteb sentenza li tfisser fil-qosor x'nifhmu b'dan il-kliem:

- Fanatiżmu
- Kristu ċ-ċentru ta' ħajjitna
- Tradizzjoni

**B IDEAT PRINĊIPALI**

Ikteb paragrafu dwar dawn:

- Uri għalfejn inqisu lil Abraham bħala l-missier tal-Insara, Musulmani u Lhud.
- Għalfejn għandna nieħdu interess f'reliġjonijiet oħra?
- Ġesù u jien ... kif nista' nsir aktar bħalu.
- Għalfejn it-Tradizzjoni hija importanti?

**Ċ AĦSEB B'MOĦĦOK**

Uża dak li tgħallimt biex twieġeb dawn:

- Għalfejn il-bniedem dejjem ifittex li jpoġġi l-fiduċja tiegħu f'xi ħaġa jew xi ħadd aqwa minnu?
- Ikteb dwar l-importanza ta' mudelli f'ħajjitna.

**D IDDISKUTI D-DAR**

Tkellem mal-membri tal-familja dwar dawn:

- Minn huma n-nies li nammiraw u għalfejn?

# Matul il-mixja ta' ħajjitna



# Gambetti u tfixkil

**ĦEJJI RUĦEK:**

Qatt ħsibt li l-isfidi f'ħajjitna jistgħu jkunu ta' għajnuna għalina biex nikbru?

Aħna dejjem inkunu verament liberi?

**IMMARKA ✓ ĦDEJN IL-KLIEM LI TAF XI JFISSER:**

- [ ] Libertà
- [ ] Għażliet
- [ ] Gambetti
- [ ] Tentazzjonijiet
- [ ] Karattru
- [ ] Vjaġġ ta' fidi

4

# Mhux dejjem minn fuq

Fil-mixja tal-ħajja faċli nsibu lil min jagħtina l-gambetti u jfixkilna u daqstant ieħor hi faċli li aħna stess inkunu ta' tfixkil għall-oħrajn. Drabi ngħaddu mill-esperjenza li xi ħadd minn sħabna flok insibuh ta' għajnuna, ifixkilna. Ġieli għamilna hekk aħna wkoll, meta xi ħadd li kellu bżonn min jgħinu flok għamilnielu kuraġġ komplejna kissirnieh b'kelma jew sempliċement għax injorajnieh.

Il-ħajja mimlija sfidi u gambetti. L-isfidi huma kbar jew żgħar skont kif tħares lejhom u tiffaċċjahom. Niltaqgħu ma' problemi fil-ħajja li jekk nidħlu għalihom b'attitudni tajba, isiru sfidi li jgħinuna nikbru. Imma jekk l-attitudni tagħna quddiem ċerti problemi, tkun ħażina, flok jgħinuna nikbru jistgħu ikissruna.

Hemm min jgħid li l-ħajja hi bħall-baħar. Il-proverbju Malti jgħid li l-baħar żaqqu ratba u rasu iebsa. Hekk il-ħajja. Żaqqha ratba u rasha iebsa għaliex jekk tissara magħha taf tkun rasha iebsa miegħek, imma jekk teħodha bil-ħlewwa taf ma tkunx daqshekk iebsa. Quddiem il-ħajja u l-problemi tagħha importanti li nibqgħu liberi, ma nikkundizzjonawx lilna nfusna jew ma nħossuniex ikkundizzjonati, speċjalment minn dak li jgħid ħaddieħor. Tajjeb li dejjem nieħdu parir. Imma fl-aħħar mill-aħħar aħna rridu niddeċiedu għalina u nagħmlu il-pass.

F'dan kollu l-fidi tagħna tista' tkun ta' għajnuna u dawl kbir. Kultant lil Alla ninsewh jew induru lejh b'mod żbaljat. Meta nisimgħu lil xi wħud jitkellmu, nistgħu faċilment nieħdu l-impressjoni li Alla qiegħed x'imkien hemm fuq u ma jagħmel xejn ħlief jibgħat il-problemi lin-nies, qisu biex jippruvahom. Dan mhux minnu, u tajjeb li meta qed nirriflettu dwar il-ħajja u dak li ġġib magħha, kif ukoll dwar kif l-aħjar niffaċċjaw il-ħajja, ikollna wkoll ideat ċari dwar Alla kif jaħdem f'ħajjitna.

Fil-ħajja aħna ngħaddu minn diffikultajiet differenti. Imma Alla qiegħed hemm il-ħin kollu biex isostnina f'dak li nkunu għaddejjin minnu. Minħabba li l-preżenza tiegħu hi siekta, aħna rridu nitgħallmu nisktu biex nisimgħuh u nħossuh. Fl-istorbju tal-ħajja, jew meta nkunu f'paniku u tgerfix, inqas hemm ċans li nieqfu biex nisimgħu leħnu.





**Fittex**

Qatt smajt b'xi ġrajja ta' xi ħadd ieħor bħal Bear Grylls li l-fidi salvatu mid-dlam li daħal fih minħabba l-inċident li kellu? Fittex dwar xi ħadd ieħor li meta daħal fi kriżi sab l-iskop biex ikompli jgħix fil-fidi tiegħu.

## FIDI LI SSALVA

Probabbilment lil dan ġieli smajtu bih jew rajtuh fuq it-TV. Imma ftit jafu l-istorja tiegħu lil hinn mill-programmi ta' sopravvivenza fuq it-TV u l-avvenutri tiegħu fin-natura. Edward Michael Grylls, jew kif inhu magħruf Bear Grylls, twieled f'familja ta' klassi għolja u minn ċkunitu kellu ċ-ċans jitgħallem dak kollu li xtaqet qalbu. *Mountaineering*, *Yachting* u *Shotokan* huma ftit mill-affarijiet li ntefa' b'ruħu u ġismu fuqhom f'dawn is-snin. Wara li ggradwa qatta' 3 snin fis-servizz militari mal-21 SAS tal-Armata Ingliża.

Sa dan iż-żmien ħajtu kienet avvenutra waħda iżda fl-1996, waqt missjoni fiz-Zambia, Bear kellu inċident waqt manuvra bil-parachute. 4,900 metru mill-art, Bear ipprova jiftaħ il-parachute meta żviluppat tiċrita li ma ħallitux jinfetaħ kollu kemm hu. Hu ħaseb li kellu żmien biżżejjed biex jagħmel xi manuvri u jiftħu sew iżda dan ma kienx il-każ. Bear niżel mal-art b'veloċità kbira u waqa' fuq dahru b'tali mod li kiser tliet vertebri minn dahru. Din kienet daqqa kbira fil-ħajja ta' Bear. It-tobba kienu qed jitkellmu fuq possibbiltajiet li jibqa' pparalizzat għal għomru jew inkella li jitlef l-użu ta' riġlejh. Għall-ewwel beda jidher li l-ħajja ta' Bear kienet sabet ostaklu li ma jistax jingħeleb.

F'dan iż-żmien, hu jirrakkonta, il-fidi ħadet rwol importanti ħafna f'ħajtu. Hu stess jiddeskriviha bħala "*backbone of my life*". Issa li esperjenza l-fraġilità tiegħu seta' aktar jara l-qawwa tal-fidi li ssostnih. Beda wkoll tnax-il xahar ta' riabilitazzjoni u bil-mod bdew jidhru sinjali pożittivi ħafna. F'qasir żmien dak li qabel kien hemm dubju serji jekk ikunx jista' jimxi issa beda juri sinjali pożittivi ta' fejqan u hekk kif temm ir-riabilitazzjoni, tefa' l-enerġija kollha tiegħu fuq ħolma li kellu meta kien żgħir – li jitla' fuq l-Everest!

Tmintax-il xahar wara l-inċident, Bear Grylls, li kellu 23 sena, qata' din ix-xewqa u kiser ir-rekord ta' żmienu bħala l-iżgħar żagħżugħ li tela' fuq l-Everest. Sal-lum Bear għadda minn ħafna u ħafna avventuri fosthom qasam it-tramuntana tal-Atlantiku fuq dgħajsa miftuħa!

Darba staqsewh jekk il-fidi tiegħu kinitx għalih bħal krozza li żżommok meta tkun imweġġa' imma wara ma tużahiex aktar. Bear wieġeb li l-krozzi jużahom vera sikwit, għax barra li magħruf għall-avventuri, magħruf ukoll għal kemm-il darba jikser xi għadma wkoll! Imma għalih il-fidi hi 's-sinsla ta' dahru' li terfa' fuqha dak kollu li jiltaqa' miegħu fil-ħajja tiegħu. Kemm jgħodd għalih il-kliem ta' Isaija meta jgħid, "Imma dawk li jittamaw fil-Mulej jieħdu saħħithom, itellgħu l-ġwienaħ bħall-ajkli, jiġru bla ma jegħjew, jimxu bla ma jintelqu" (Is 40,31).

# Ġesù fid-deżert

Ġesù kien ilu madwar erbgħin ġurnata fid-deżert. Id-deżert fil-Bibbja hu dejjem l-ispazju fejn Alla jkellem lill-qalb tal-bniedem, imma huwa wkoll l-ispazju fejn il-bniedem jgħaddi mill-provi tal-ħajja. Ix-xitan jidħol fil-ħajja ta' Ġesù propju f'dan il-mument u b'dan il-mod il-Vanġeli juruna x'kienu l-mistoqsijiet il-kbar dwar l-identità vera ta' Ġesù kif ukoll dwar il-missjoni tiegħu bħala l-Messija. Kien hemm ħafna stennija għall-Messija f'dak iż-żmien partikulari u ħafna kienu qed jistennew Messija politiku li jkollu poter biżżejjed biex jeħles lil-Lhud darba għal dejjem mill-ħakma li kienu fiha. Ġesù, kif jidher diġà mill-istess Bibbja fil-Profeti, ma kellux ikun Messija politiku. Imma t-tentazzjoni li jkun hekk biex jintgħoġob u jkun popolari kienet hemm, kif ippreżentahielu b'mod ċar ix-Xitan fid-deżert. It-tweġiba ta' Ġesù għal dan it-tfixkil kienet l-istess Kelma t'Alla.

Dawn it-tentazzjonijiet li Ġesù kellu fid-deżert, huma rakkuntati mhux tant biex jgħidulna Ġesù minn xiex għadda, daqskemm biex fihom aħna stess naraw x'inhuma t-tentazzjonijiet l-iktar komuni li l-bniedem iħoss u li sikwit iċedi għalihom.






Fl-ewwel tentazzjoni, ix-xitan jipprova jikkonvinċi lil Ġesù biex jiekol. Imma l-bniedem mhux bil-ħobż biss jgħix. Il-ħobż hawnhekk ifisser dak kollu li aħna naħdmu għalih fil-ħajja; Ġesù jurina kemm hu importanti li jkollna prioritajiet, li nkunu nafu x'inhu l-iżjed u l-inqas importanti. Jekk inħawdu kollox nispiċċaw biex dak li hu l-iżjed meħtieġ nibqgħu ma nsibux ħin għalih.

It-tieni tentazzjoni hija tentazzjoni li aħna wkoll sikwit inġarrbu meta fil-ħajja nagħżlu mhux l-aħjar imma l-eħfef. Ġesù seta' kien Messija politikament qawwi, Messija spettakolari, Messija li bil-qawwa tiegħu jiġbed ħafna nies warajh. Imma Ġesù ried li n-nies temmen fih mhux għax tara l-mirakli imma għax tifhem li t-triq li qed juri hu hi t-triq tal-ħajja vera. It-triq li jindika Ġesù hija t-triq tas-salib, it-triq ta' min irid ikun bħall-ħabba tal-qamħ li taqa' fl-art u tmut biex tagħti l-frott. Ġesù jibqa' sal-aħħar ifittex ir-rieda tal-Missier. Ħajjitna ma nistgħux nipprogrammawha kollha aħna; irridu kontinwament nisimgħu l-leħen ta' Alla f'ħajjitna.

Fit-tielet tentazzjoni x-xitan iwiegħed lil Ġesù s-saltniet kollha tad-dinja jekk jinżel jadurah. Hija t-tentazzjoni tal-idoli f'ħajjitna. Kultant noħolqu allat foloz li nserrħu fuqhom u li mingħalina jistgħu jsalvawna. Imma Ġesù għal darb'oħra jurina li Alla biss hu l-Mulej u s-Sid ta' ħajjitna u lilu biss għandna naduraw. Nistgħu naduraw bniedem ieħor, nistgħu naduraw lilna nfusna, nistgħu naduraw affarijiet materjali li nagħtuhom importanza esaġerata f'ħajjitna. Dan kollu lilna jfixkilna milli nikbru u niskopru tassew min hu Alla f'ħajjitna u, fil-verità, jien min jien. It-tentazzjonijiet ta' Ġesù fil-verità huma t-tentazzjonijiet tagħna lkoll u aħna rridu naraw kemm qed inkunu b'saħħitna biex quddiem it-tentazzjoni nkunu kapaċi ma nitfixklux. Il-leħen ta' Alla l-Missier f'ħajjitna għalhekk jeħtieġ infittxuh u nisimgħuh, għax dak hu l-leħen tal-verità dwar ħajjitna. Tkun dixxiplu ta' Ġesù jfisser timxi warajh, titlob li telgħeb bil-qawwa it-tfixkil li niltaqgħu miegħu u li jiġi sew mill-ambjent ta' madwarna kif ukoll minn ġo fina stess meta aħna ma nkunux ċari x'irridu u għal xiex qed ngħixu. Il-kmandamenti jibdew bid-dikjarazzjoni: "Jien hu Alla sidek; ma jkollokx alla ieħor għajri." Jekk f'ħajjitna, kultant bla ma nafu, għandna allat oħra, ikun diffiċli nifhmu u ngħixu l-kmandament tal-imħabba lejn Alla u lejn l-oħrajn. Għax meta Alla ma jkunx kollox għalina, faċli ħafna npoġġu lilna nfusna fiċ-ċentru u hemm jispikka l-egoiżmu mhux is-servizz lejn l-oħrajn, is-suppervja mhux l-umiltà, il-vendetta mhux il-maħfra.

# It-tiġrib fil-ħajja

Fil-ħajja tagħna, bħalma se nsibu lil min jgħinna, se nsibu min ifixkilna. Dan hu l-qofol tal-ħidma tax-xitan fid-dinja. Imma x-xitan tassew jeżisti?

Wieħed mill-ikbar perikli huwa li ngħidu li x-xitan ma jeżistix jew li ma nagħtux kas tal-fatt li jeżisti. Fil-Bibbja, mhux biss fit-Testment il-Qadim, imma anke fit-Testment il-Ġdid insibu ħafna referenzi għall-eżistenza tax-Xitan, fosthom fil-ktieb ta' Ġob u fil-ġrajja meta Ġesù jkellem lil-Leġjun minn Gerasin. Madankollu Ġesù huwa ċ-ċentru tat-twemmin tagħna u l-qawwa tiegħu dejjem tegħleb lil dik tax-xitan. Għalhekk m'għandniex għalfejn nibżgħu għax jekk Ġesù hu magħna ħadd ma jista' jkun kontra tagħna!

Fil-Katekiżmu l-Knijsa tgħallem li l-Ħażin mhuwiex xi ħaġa fl-astratt. Hemm ħafna esperjenzi ta' nies li ġew ittentati direttament mix-xitan, speċjalment xi qaddisin bħal Padre Pio u Ġwanni M. Vianney. Dawn tant kienu qed jagħmlu ġid f'isem Ġesù li x-xitan ipprova jtellifhom bħalma għamel ma' Ġesù fid-deżert.

## 'LA DDAĦĦALNIEX FIT-TIĠRIB'

Dan il-kliem li ngħidu fil-Missierna bl-ebda mod m'għandu jinftiehem li hu Alla nnifsu li jdaħħalna fit-tiġrib. Alla m'għandux għalfejn iġarrabna. It-tiġrib hu parti mill-ħajja ta' kuljum u xi kultant frott ta' xi għażliet li nkunu għamilna aħna. San Ġakbu fl-Ittra tiegħu jikteb: "*Waqt li tkunu mġarrbin, araw li ħadd ma jgħid: 'Alla qed iġarrabni' għax Alla ma jistax iġarrab għall-ħażin, u inqas mhu se jġarrab lil ħadd. Għax kull bniedem imġarrab, jinġibed u jitħajjar mill-passjoni tiegħu stess' (1,13-14).*

L-isfida tagħna tibqa' dejjem biex nagħrfu xi jkun jiġri ġo fina, fil-qalb tagħna għax kif jgħid Ġesù stess: "*Dak li joħroġ minn ġol-bniedem, dak hu li jtebba' lill-bniedem*" (Mark 7, 28).





## Itlob

Meta tkun għaddej minn xi żmien diffiċli aqra dan il-kliem ta' kuraġġ:

"S'issa ebda tiġrib ma laħaqkom li bniedem ma jiflaħx għalih; Alla hu fidil u ma jħallikomx tiġġarrbu aktar milli tiflħu; jaħseb li mat-tiġrib jagħtikom il-qawwa u l-għajnuna biex tkunu tiflħu għalih." (1 Kor 10,13)

Itlob lil Alla biex jgħinek tegħleb dak li qed jittantak biex tagħmel il-ħażin, itlob għall-għerf biex tagħraf l-aħjar triq li trid tieħu biex timxi 'l quddiem.

Inqas ma nkunu nafu sewwa lilna nfusna, iktar inkunu dgħajfa u vulnerabbli. Imma mbagħad hemm ukoll ir-realtà madwarna li tista' tkun ta' tfixkil: ħbieb, sitwazzjonijiet li ma nkunux ippreparati għalihom, affarijiet li jiġru u ma nifhmux għaliex, u tant u tant ċirkustanzi oħra. Għalhekk Ġesù fil-Vanġelu sikwit juża l-kelma "ishru" biex jiġbdilna l-attenzjoni! Ix-xitan jittentana bħalma wara kollox ittenta lil Ġesù stess. Hu jipprova dejjem idaħħlilna d-dubju dwarna nfusna, dwar il-kapaċità tagħna u dwar Alla stess.



Jekk nieħdu l-Vanġelu ta' San Mark, il-ħajja ta' Ġesù kienet battalja waħda kontra x-xitan. Imma Ġesù joffri rimedju jew aħjar arma qawwija kontra l-ħażen, il-Kelma t'Alla li ddawwalna u tiggwidana biex fil-mument tad-dlamijiet dejjem insibu t-triq.

Għalhekk jekk irridu nkunu b'saħħitna quddiem dan it-tiġrib tal-ħajja tajjeb li nkunu ppreparati. Dan nistgħu nagħmluh bil-qari u l-meditazzjoni tal-istess Kelma ta' Alla, kif wara kollox kien jagħmel Ġesù. Barra minnhekk għandna s-sagramenti, speċjalment il-Qrar u l-Ewkaristija, li jqawwuna u jgħinuna nersqu qrib Alla. Imbagħad tajjeb li l-jiem tagħna ma jkunux mimlija biss bi storbju u xogħol imma anke b'talb u sawm. Għax jekk ma nkunux kapaċi ngħidu le lil xi ħaġa żgħira kif nistgħu ngħidu le quddiem tentazzjoni qawwija? Fl-aħħar nett il-karità hija mod qawwi ħafna biex neħilsu mit-tiġrib tax-xitan li jipprova jaqtagħna minn dawk ta' madwarna. Dawn, fil-Knisja minn dejjem kienu meqjusa bħala armi kontra t-tentazzjoni.

# L-iskuża tal-libertà



*Kien hemm raġel li kellu żewġ ulied. Iż-żgħir qal lil missieru: 'Missier, agħtini s-sehem li jmiss lili mill-ġid.' U dak qassmilhom il-ġid. Ma kinux għaddew wisq ġranet, meta ż-żgħir sarr kollox u telaq minn beltu lejn pajjiż imbiegħed, u hemm berbaq ġidu kollu f'ħajja mtajra. Meta ħela kulma kellu, fuq dak il-pajjiż waqa' ġuħ kbir u beda jħoss ruħu fil-bżonn. U mar daħal ma' wieħed minn dak il-pajjiż, li bagħtu fir-raba' tiegħu jirgħa l-ħnieżer. Kien jixtieq kieku jimla żaqqu mqar bil-ħarrub li kienu jieklu l-ħnieżer, imma ħadd ma kien jagħtih. Imbagħad daħal fih innifsu u qal: 'Kemm lavranti ma' missieri għandhom ħobż bix-xaba', u jien qiegħed hawn immut bil-ġuħ! Ha nqum u mmur għand missieri u ngħidlu: "Missier, dnibt kontra s-sema u kontra tiegħek; ma jistħoqqlix iżjed nissejjaħ ibnek; żommni b'wieħed mil-lavranti tiegħek". Qam u telaq għand missieru. Iżda kif kien għadu fil-bogħod, missieru lemħu u tħassru, u b'ġirja waħda mar inxteħet fuq għonqu u biesu.* (Lq 15, 11-20)

## Din kont tafha?

Il-missirijiet f'dak iż-żmien kienu josservaw numru ta' regoli ta' mġiba. Waħda minnhom kienet li ma jiġrux. L-ilbies tagħhom kien twil sal-art għalhekk biex jiġru kien ikollhom jgħollu ħwejjiġhom. Din żgur ma kinitx tkun imġiba dinjituża ta' raġel Lhudi!

Il-missier kien ukoll jistenna li qabel ma jwieġeb, it-tfal kellhom l-ewwel ikellmuh b'rispett. Dan il-missier iżda mhux talli ma stenniex, talli telaq jiġri biex ibus u jgħannaq lil ibnu. Ġesù ried juri li l-imħabba ta' Alla għalina hi bla qies.



### DEĊIŻJONIJIET

F'din il-parabbola Ġesù juri kif anke meta aħna bl-għażliet li nagħmlu ninfirdu minn Alla, jew nitbiegħdu mit-tfittxija tiegħu, Alla bħall-Missier tal-parabbola jħallina liberi u qatt ma jimponi xejn fuqna. Madankollu hu jibqa' jistenna sakemm aħna niġu f'tagħna u nifhmu x'inkunu għamilna.

L-iben kien liberu u allura għamel id-deċiżjonijiet li hu ħass li kienu tajbin għalih għalkemm finalment dan ma kienx il-każ. Fil-fatt dawn id-deċiżjonijiet ġabu konsegwenzi ferm differenti minn dak li kien qed jistenna!

L-ewwel deċiżjoni kienet li jieħu s-sehem tiegħu mill-ġid filwaqt li t-tieni deċiżjoni kienet li jitlaq lejn pajjiż imbiegħed biex jara d-dinja x'kellha toffri. Fl-aħħar nett iddeċieda, forsi bla ma ħaseb wisq, li jberbaq ġidu kollu.

Kienu deċiżjonijiet li ħa liberament imma li fetaħ għajnejh dwarhom meta daq il-konsegwenzi. L-għażliet li kien għamel kienu ġabu riżultati ferm differenti minn dak li kien qed jistenna u flok kien qed jgħix aktar liberu spiċċa waħdu, fit-tbatija u bil-ġuħ.

### ĦELSIEN MILL-PASSAT

Wara l-ħolm fil-vojt li wassluh biex jagħmel għażliet mgħaġġla u żbaljati, iż-żagħżugħ kellu ċ-ċans jaħseb fuq dak li għadda minnu u jidħol fih innifsu. Hawn jinduna li jrid jagħmel tliet deċiżjonijiet ġodda biex jagħmel tajjeb għad-deċiżjonijiet ħżiena li kien għamel. L-ewwel pass kien li jammetti l-iżball miegħu nnifsu u jiddeċiedi li jinbidel. Imbagħad kellu jqum u jmur lura għand missieru filwaqt li t-tielet pass kien li jammetti li kien naqas lil missieru u jagħmel kulma jista' biex jirranġa l-ħsara li kien għamel.

Hekk kif jasal lura f'pajjiżu l-istorja tinbidel mil-lejl għan-nhar. L-imħabba tal-Missier tiżboq is-sentiment tal-iben u l-maħfra kbira tiegħu tfejjaq kull weġgħa li kien hemm.

Il-libertà mhijiex li tagħmel li trid, imma li tagħżel dak li se jgħinek, meta tinduna li żbaljajt, ikollok il-kuraġġ terġa' lura minn dawk id-deċiżjonijiet sabiex issib it-triq li tieħu għall-ħelsien veru.

# Il-libertà vera

## Xi tfisser inkunu liberi?

## X' inhi l-libertà?

Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika jiddeskrivi l-libertà bħala s-setgħa li 'tagħmel għemil maħsub sewwa minnek' u 'qawwa fil-bniedem li biha l-bniedem jikber u jilħaq il-kobor sħiħ tiegħu fil-verità u t-tjieba' (1731-1732). Dan ifisser li aħna liberi li nagħżlu bejn it-tajjeb u l-ħażin u din il-kapaċità tal-għażla hija r-raġuni għaliex jeżisti l-ħażen fid-dinja. Il-bniedem xi minn daqqiet jagħżel dak li hu ħażin għax jaħseb li jkun jaqbillu u li b'hekk se jkun aktar liberu. Meta jiġri hekk, il-bniedem ġieli jinduna li daħal fi sqaq li jwassal għal skjavitù. Ikun ħolom il-libertà, imma sab ruħu mjassar.

Il-bnedmin, joħolmu l-libertà u jixtiquha, meta jkunu mċaħħda minnha. Hekk ġara tista' tgħid fl-istorja ta' kull poplu. L-Istorja hija miżgħuda bi ġlied għal-libertà u b'kisbiet li taw identità lill-popli. Fl-2011 id-dinja moderna rat il-proċess tar-'Rebbiegħa Għarbija' f'diversi pajjiżi, proċess li wassal biex dawk il-popli jibdew il-mixja biex jiksbu d-drittjiet tagħhom.

Aħna x'lesti li nagħmlu biex il-libertà tagħna niksbuha u biex imbagħad ma nitilfuhiex għal kull ħaġa ta' xejn?



### Din kont tafha?

Wieħed mid-dokumenti li ħareġ mill-Konċilju Vatikan II, *Dignitatis Humanae*, jitkellem propju dwar il-libertà reliġjuża. Dan id-dokument isostni li wieħed ma għandu qatt iħossu li hemm xi tip ta' pressjoni mis-soċjetà fil-qima tiegħu. Tkompli biex tgħid li ħadd ma għandu jkun imġiegħel li jmur kontra l-kuxjenza tiegħu. Id-dinjità tal-bniedem titlob li hu jkollu libertà reliġjuża.



## MOSÈ

Mosè hu figura ċentrali fl-istorja tal-poplu Lhudi. Mhux ta' b'xejn jissemma xejn inqas minn 750 darba fit-Testment il-Qadim u 80 darba fit-Testment il-Ġdid. Ma riedx jibqa' jara l-poplu tiegħu fit-tbatija u aċċetta s-sejħa u l-isfida li għamillu Alla biex jidher għall-poplu u jkun strumentali għall-ħelsien mill-iskjavitù taħt l-Eġizzjani. Xorta beża' u kellu d-dubji dwar din l-isfida, imma quddiem l-wegħda ta' Alla li se jkun miegħu din l-isfida laqagħha.

Mosè għamel minn kollox biex jikkonvinċi lill-Fargħun biex iħalli lill-Lhud jitilqu. Imma dan ma riedx. U minn hemm bdiet battalja bejn Mosè f'isem Alla u l-Fargħun. Il-Bibbja tirrakkonta li waqgħu għaxar kastigi fuq l-Eġittu, iżda l-Fargħun ma ċediex ħlief wara l-aħħar wieħed. U anke wara li ħalliehom jitilqu, il-Fargħun reġa' webbes rasu u biddel fehemtu. Kien hawnhekk, meta l-poplu wasal quddiem il-Baħar l-Aħmar, li Alla wera l-qawwa tiegħu u l-Eġizzjani sofrew telfa kbira minħabba l-ebusija ta' rashom.

## ĠESÙ U ISRAEL

Ħafna jqabblu l-istorja tal-ħelsien tal-poplu Lhudi ma' dik ta' Ġesù li ġie biex jeħlisna mill-qawwa tal-ħażen u d-dnub. Dan il-paralleliżmu jidher l-aktar meta l-poplu jaqsam il-Baħar l-Aħmar li jingħalaq warajhom biex jeħlishom mill-qawwiet li riedu jeqirduhom. Dan jaqbel ħafna mal-magħmudija ta' Ġesù fix-xmara Ġordan li kellu jkun il-bidu ta' sagrament li jeħlisna mill-qawwa tad-dnub tan-nisel.

Wara li l-poplu Lhudi jaqsam il-baħar l-Aħmar jgħaddu 40 sena fid-deżert jivvjaġġaw u bil-mod il-mod jinbidlu minn poplu li kultant jiżbalja għall-poplu l-magħżul tiegħu. Din taqbel ħafna mal-40 jum li Ġesù jagħmel fid-deżert hekk kif jitgħammed u fihom jiġġieled kontra t-tentazzjonijiet li jagħmillu x-xitan.

Il-Magħmudija fil-ħajja tan-nisrani tagħti bidu għall-vjaġġ li hu mixja lejn il-ħelsien tal-persuna. L-imgħammed jirċievi d-dilka biż-żejt tal-katekumeni u biż-żejt tal-griżma sabiex jirċievi l-qawwa biex ikun jista' b'mod ċar u determinat jiċħad lix-xitan. (KKK 1237)

Li ssir nisrani jfisser li nżergħet fik iż-żerriegħa tal-ħajja l-ġdida, li inti tkun bdejt, u li bdejt vjaġġ li jieħu ħajja ta' bniedem. F'dan il-vjaġġ ir-relazzjoni tagħna ma' Ġesù tibdilna bil-mod il-mod u turina fejn hu d-dnub biex teħlisna minn dak kollu li jżommna milli nikbru u nkunu tassew ħielsa biex ngħixu ħajjitna b'mod sħiħ.

# Il-vjaġġ ta' Mosè

Il-karattru jew il-personalità tagħna huma ġabra ta' karatteristiċi li jagħmluna differenti minn xulxin. Għalkemm hemm diversi elementi li nitwieldu bihom hemm ukoll oħrajn li niffurmawhom tul ħajjitna. Ħafna huma ċ-ċirkustanzi u l-esperjenzi li jistgħu jħallu effett fuq il-karattru tagħna u dawn l-effetti jistgħu jkunu kemm pożittiv kif ukoll negattivi. Għalhekk il-bini tal-karattru hu sfida kbira. Irridu nagħżlu ċ-ċirkustanzi li jistgħu jaffettwawna. Din hi biċċa xogħol importanti ħafna għalina.

Fil-ħajja nikbru u nimmaturaw iktar ma nkunu liberi biex inkunu dak li aħna tassew, bla ma noqogħdu nħallu tant affarijiet u nies jikkundizzjonawna. Lil Alla xi ħadd darba xebbhu ma' skultur li quddiemu għandu rħama kbira u f'idejh il-martell u l-iskalpell. B'ħafna paċenzja Alla qiegħed inaqqax fina dak il-karattru, dik ix-xbieha li hu għandu tagħna sakemm joħloqna kif jarana hu. Tul dan il-proċess aħna nistgħu nirreżistuh. Imma iktar ma nkunu u nsiru dak li tassew aħna, iktar se nkunu persuni ħielsa, bla maskri, bla pretensjonijiet, u fis-sinċerità.

L-ittra lil-Lhud fit-Testment il-Ġdid issemmi xi aspetti tal-personalità ta' Mosè li jibdew joħorġu ċari mill-mument meta Mosè wieġeb għas-sejħa li għamillu Alla u beda jħalli lil Alla jmexxih. L-istess jiġri f'ħajjitna.

### KIEN KAPAĊI JGĦID LE

'*Permezz tal-fidi, Mosè meta kiber ma riedx jissejjaħ bin it-tifla tal-Fargħun...'* (Lhud 11,24). 'Le' tista' tinstema' kelma negattiva. Imma ħafna drabi tista' ssalvana minn ħafna problemi. Il-qawwa tal-karattru ta' persuna tidher fil-kapaċità li jgħid le quddiem dak



li mhux sew. Ġesù, quddiem it-tentazzjonijiet, kien kapaċi jżomm sod u jgħid le biex jgħid iva għar-rieda tal-Missier.

### KIEN KAPAĊI JIEĦU DEĊIŻJONI... LI TWASSLU GĦALL-VERU FERĦ

*'...għażel li aħjar ikun imkasbar flimkien mal-poplu t'Alla milli jgawdi l-hena tad-dnub, hena li jgħaddi f'qasir żmien.'* (Lhud 11,25) L-għażla ta' Mosè ma kinitx faċli. Ċeda l-kumdità u r-rikkezzi tal-palazz fejn trabba biex iwieġeb għas-sejħa t'Alla. Il-karattru ta' bniedem jintgħaraf mid-deċiżjonijiet u l-għażliet li jagħmel

### KIEN BNIEDEM TA' FIDI U KURAĠĠ

*'bil-fidi ħalla l-Eġittu bla ma beża' mill-għadab tas-sultan'* (Lhud 11,27). Mosè ma kienx bniedem perfett. Bħal kulħadd kellu d-difetti u l-biżgħat tiegħu. Imma l-fidi tiegħu f'Alla tatu l-kuraġġ meħtieġ biex jaffronta s-sitwazzjoni diffiċli li sab ruħu fiha. Il-ħajja tagħna tista' toffri mumenti illi fihom ninħakmu mill-biża'. Għalhekk għandna bżonn il-kuraġġ. Kuraġġ ma jfissirx li ma tibżax imma tfisser li minkejja l-biża', tibqa' għaddej u tagħmel dak li temmen li hu tajjeb. Kuraġġ biex niftħu qalbna, nitkellmu fuq dak li qed idejjaqna u biex nibdlu t-triq li nkunu qbadna.

### KELLU VIŻJONI

*'bil-fidi qasmu l-Baħar l-Aħmar, qisu art niexfa'* (Lhud 11,29). Mosè kien jaf x'irid, lil min kellu jisma' u minn fejn kellu jgħaddi. Kien determinat li jasal minkejja li kien jaf id-diffikultajiet li kellu jiltaqa' magħhom. Il-ktieb tal-Eżodu, li fih insibu l-ħajja ta' Mosè, jgħid li Mosè 'ma tgħammxux għajnejh', jiġifieri baqa' jara ċar x'qed jagħmel. Dan jurina l-importanza li fil-ħajja jkollna direzzjoni ċara sabiex ma nitfixklux.

## IL-VJAĠĠ TA' ULISSE

L-Illjade, l-istorja epika ta' Omeru, tirrakkonta l-ġrajja kif is-Saltniet Griegi għelbu lis-Saltna ta' Trojja permezz tal-ġenju ta' Ulisse. Trojja kienet belt magħrufa ħafna mdawra bi swar hekk b'saħħithom li ħadd ma seta' jirbħilhom. Għalxejn talbu lill-allat tagħhom biex jegħlbu lil din is-saltna sakemm Ulisse ġietu l-idea taż-żiemel tal-injam. Il-pjan kien sempliċi, jagħmlu ta' bir-ruħhom li qatgħu qalbhom u jħallu żiemel kbir tal-injam bħala sinjal ta' paċi. In-nies ta' Trojja hekk kif raw ix-xwieni jħallu x-xtut tagħhom tgħidx kemm ferħu u daħħlu ż-żiemel fil-belt u qattgħu lejl ta' ċelebrazzjoni. Imma qajla immaġinaw li din kienet se tkun tfisser it-telfa aħħarija għax ġewwa dak iż-żiemel kbir tal-injam kien hemm l-aħjar suldati tal-għadu li fil-ħemda tal-lejl attakkaw u rebħu l-belt. Dan wassal biex mar-rebħa Ulisse jdur lejn l-allat tiegħu u jgħidilhom li l-gwerra rebaħha mingħajr l-għajnuna tagħhom. Dan ġab fuqu r-rabja tal-allat, b'mod speċjali ta' Poseidon li qatagħha li joqtlu. Fil-ġrajja tal-Odissea, li tkompli eżattament fejn tispiċċa l-Illjade, naraw il-vjaġġ ta' Ulisse lejn artu. Ħafna huma d-diffikultajiet li jiltaqa' magħhom matul it-triq u bil-għajnuna ta' Atena, l-alla tal-ġustizzja, jirnexxilu jegħleb dawn il-perikli. Imma fuq kollox dan il-vjaġġ jgħin lill-Ulisse jeħles mill-kburija żejda li kellu li wasslitu li jiġġieled mal-allat l-oħra. It-tbatijiet u t-telfiet kollha li jbati Ulisse waqt il-vjaġġ jgħinuh isib l-umiltà li kienet dik il-virtù li kien jonqsu biex ikun tassew sultan għaref u tajjeb.



# Gambetti u tfixkil



## NARAW X'TGĦALLIMNA

**A KLIEM IMPORTANTI**

Ikteb sentenza li tfisser fil-qosor x'nifhmu b'dan il-kliem:

- Sfidi u gambetti
- Tentazzjonijiet
- Libertà

**B IDEAT PRINĊIPALI**

Ikteb paragrafu dwar dawn:

- Kif nistgħu nirbħu l-gambetti li naqilgħu?
- X'nitgħallmu mill-ġrajja ta' Ġesù fid-deżert?
- Tajjeb li ngħid 'le'?

**Ċ AĦSEB B'MOĦĦOK**

Uża dak li tgħallimt biex twieġeb dawn:

- Għalfejn hu perikuluż li nċħdu l-eżistenza tax-xitan?
- Kif tista' tuża l-parabbola tal-Iben il-Ħali biex tgħinek fid-deċiżjonijiet tiegħek?

**D IDDISKUTI D-DAR**

Tkellem mal-membri tal-familja dwar dawn:

- Xi ħadd li għeleb id-diffikultajiet li ltaqa magħhom u mexxa 'l quddiem b'fidi aktar matura?
- Tistgħu titkellmu dwar Bear Grylls u l-esperjenza tiegħu.



# Alla kif ikellimna?

**ĦEJJI RUĦEK:**

Aħna fejn infittixuh lil Alla?

Aħna bil-kliem biss nikkomunikaw?

**IMMARKA ✓ ĦDEJN IL-KLIEM LI TAF XI JFISSER:**

- [ ] Pjan divin
- [ ] Sinjal
- [ ] Komunikazzjoni
- [ ] Qima
- [ ] Kuraġġ
- [ ] Talb
- [ ] Sitwazzjoni
- [ ] Esperjenza

5

# Alla hu mħabba

Kienu l-vaganzi tal-Milied u konna qegħdin ġurnata Għawdex. Ħija l-kbir qalli biex immur miegħu mixja fil-kampanja. Tlaqna minn Marsalforn fejn konna qegħdin, u bdejna mexjin lejn l-għolja tas-Salvatur. Kienet ġurnata sabiħa bix-xemx. U f'nofs it-triq jien kont diġà bdejt neqred li bil-għatx! Imma ħija baqa' jinsisti li rridu naslu sa fuq l-għolja u allura kelli nissaporti. Aktar ma bdejna telgħin 'l fuq, l-istatwa tas-Salvatur li hemm fuq l-għolja bdejna narawha tikber... minn isfel vera kienet tidher żgħira. Malli wasalna fuq, għal mument insejt l-għatx kollu għax minn hemm fuq hemm dehra li taffaxxinak u l-istatwa meta tkun hdejha hemm fuq vera kbira. Poġġejna għal ftit minuti nammiraw il-kampanja u nieħdu gost biż-żiffa ħelwa li kienet tinħass fuq l-għolja.

F'mument bħal dak meta qiegħed fl-għoli, b'dak il-kwiet, tisma' l-ilma tax-xita li kienet għamlet ġranet qabel għadu għaddej, bilfors tieqaf u moħħok jibda jaħseb. Kważi kważi dawk huma l-mumenti meta tiltaqa' miegħek innifsek bla m'għandek xejn xi jtellfek. Tibda tara n-natura kif inhi u kif taħdem, fejn fis-sajf kien kollu niexef issa kullimkien ħdura, kultant tara xi bidwi fl-għalqa. Kważi f'mumenti bħal dawn bilfors il-ħsieb imur ukoll fuq Alla – kemm tgħallimna li kien hu li ħalaq kollox u qed iżomm kollox. Tgħid veru, tibda tħoss min jistaqsi ġo fik. Għaliex wara kollox hemm ukoll min ma jemminx f'Alla, anzi jemmen li Alla mhux veru jeżisti!

F'mumenti ta' waqfa bħal dawn f'ambjent bħal dak, il-moħħ qisu ma jiqafx. Imma wara ftit intbaħna li kien qed isir il-ħin u malajr bdejna naħsbu għan-niżla. Malli wasalna d-dar bdejt nirrakkonta lill-ġenituri x'veduta tal-ġenn hemm minn hemm fuq u ommi mill-ewwel qabżet u qalet "qed taraw kemm hu kbir Alla u kemm għandna għax nirringrazzjawh ta' kulma tana!".

F'qalbi dak il-ħin erġajt ħassejt dak li kont ħassejt fis-skiet t'hemm fuq. U komplejt nistaqsi : Jien lil Alla kemm u fejn infittxu, min jaf kemm ikellimni u jien ma nintebaħx. Fil-ħemda u s-sbuħija tan-natura waqaft naħseb. Imma kemm hu diffiċli kultant nieqfu u naħsbu, u



kemm hu iktar diffiċli nieqfu biex nisimgħu l-leħen t'Alla fil-ġeġwiġija tal-ħajja ta' kuljum!

Issa jiena kif nista' nara lil Alla f'ħajti? Din il-mistoqsija mhux kulħadd jista' jweġibha l-istess għax lil Alla kulħadd jesperjenzah b'modi differenti. Hemm min trid tkun xi waqfa fil-kwiet tal-kampanja u l-meravilja tan-natura li tgħinu jieqaf ftit u jaħseb anke dwar Alla. Hemm min trid ikun xi laqgħa f'xi grupp biex jieqaf u jinġabar ftit jew xi rtir minn dawk ta' ġurnata li kultant jorganizzawlna mill-parroċċa. Hemm imbagħad min għalih Alla qisu *vending machine,* qiegħda hemm mal-ġenb tat-triq għall-użu tiegħi meta jkolli bżonnha. Kif qed ngħixu llum, il-ħin kollu mgħaġġlin u naraw kif nimlew kull spazju li jkollna, ħafna nies mhux faċli jiftakru f'Alla u jaħsbu mhux biss li jeżisti, imma li jħobbhom.

Imma hemm ukoll ħafna li fil-ġurnata tagħhom sikwit jieqfu u jħossu l-preżenza t'Alla. Nies li kapaċi jieqfu biex jirringrazzjaw lil Alla ta' dak li jgħaddu minnu jew jieqfu biex jitolbu d-dawl u l-għajnuna tiegħu qabel jagħmlu xi ħaġa. Hemm min regolarment fil-bidu u t-tmiem tal-ġurnata jieqaf u jitlob. Issib anke persuni li minkejja li l-affarijiet fil-ħajja ma jkunux tajjeb, xorta waħda jduru lejn Alla għax iħossuh jgħinhom u jqawwihom.

## IMĦABBA LI TITTIEĦED

Madre Tereża twieldet l-Albanija iżda l-biċċa l-kbirja ta' ħajjitha qattgħetha l-Indja. Hemm iddedikat ħajjitha sabiex tgħin lin-nies l-iktar foqra tal-Indja. Rari ħafna konna narawha tipprietka imma ħajjitha kienet prietka waħda fuq l-imħabba t'Alla speċjalment lill-ifqar fost il-fqar.

Ma kinitx tibża' li tista' tlaqqat xi marda. F'għajnejha kont tilmaħ biss l-imħabba lejn dawk ta' madwarha. Kellha mħabba qawwija tħeġġeġ f'qalbha u biha rnexxielha tegħleb kull biża'. Minkejja ċ-ċokon tagħha u d-dgħufija tagħha l-imħabba kbira tagħha ħalliet marka kbira fuq id-dinja kollha. Meta mietet bkewha kemm dawk li jemmnu kif ukoll dawk li ma jemmnux, u ħafna nies ta' reliġjonijiet oħra għax l-imħabba t'Alla meta tidher fina tmur lil hinn mid-differenzi kollha bejnietna.

Bħala bnedmin, aħna lkoll qegħdin infittxu l-imħabba. Xi drabi mhux faċli li nsibu l-imħabba vera u dan jista' jkun għax infittxuha f'postijiet ħżiena. Hemm post wieħed fejn nistgħu nsibu dik l-imħabba li ma tiddiżżappuntaniex. Din l-imħabba vera hija l-istess imħabba li sabet Madre Tereża, dik l-imħabba li tibda mingħand Alla għax Alla *huwa* mħabba.

Imma fejn nistgħu nsibuha din l-imħabba vera? Fejn nistgħu nsibu lil Alla li hu mħabba? Ġesù jagħtina t-tweġiba meta jgħid, "Ħadd ma għandu mħabba akbar minn din: li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu" (Ġw 15, 13). Għalkemm mhux faċli tara l-imħabba t'Alla fil-mewt imma Alla jurina l-milja tal-imħabba tiegħu meta hu stess sar bniedem u kien lest li jmut għalina. Alla għadu jurina l-imħabba kbira tiegħu f'tant nies li jiddedikaw ħajjithom għalina u jħobbuna. L-imħabba hija ċ-ċavetta biex f'ħajjitna nagħmlu esperjenza ta' Alla. Jekk nkunu kapaċi nħobbu lilna nfusna u lil dawk ta' madwarna bl-istess imħabba li jħobbna Alla, aħna nkunu qegħdin nesperjenzaw lil Alla f'ħajitna bl-istess mod li esperjenzatu Madre Tereża. Hija din l-esperjenza ta' Alla f'ħajjitna li tista' tagħmilna bnedmin sħaħ. Irridu nkunu kapaċi nwasslu dan il-messaġġ ta' mħabba ta' Alla għalina fid-dinja u l-kultura tagħna li għalkemm qed jagħtuna ħafna opportunitajiet imma huma neqsin mill-imħabba.

Aħna nistgħu nħobbu għaliex Alla jħobbna... nistgħu nagħtu għaliex Alla lilna tana!



# L-istorja ta' Ester

Ħafna huma dawk in-nies li f'ħajjithom ħallew lil Alla jaħdem fihom. Permezz tagħhom Alla wettaq il-pjan tiegħu ta' ħelsien u huma wrew qawwa speċjali fix-xhieda li taw. Naraw flimkien l-esperjenza li se tirrakkontalna Ħadassa, jew aħjar, Ester, is-Sultana tal-Persja.

*"Għalkemm jiena tfajla Lhudija, ma noqgħodx Ġerusalemm. Il-ġenituri tiegħi kienu spiċċaw eżiljati fil-Persja. Meta għadda ftit taż-żmien, il-ġenituri tiegħi mietu u bdejt noqgħod mal-kuġin tiegħi li jismu Mordekaj. Darba minnhom ħarġet l-aħbar li s-sultan Assweru kien qed ifittex tfajla sabiħa mis-saltna tiegħu biex tkun is-sultana tiegħu. Il-kuġin tiegħi Mordekaj qalli sabiex immur mat-tfajliet l-oħra biex forsi s-sultan jagħżel lili. Kelli noqgħod attenta biex ma ngħid xejn dwar il-familja tiegħi u li jien ta' nisel Lhudi u allura biddilt ismi u minflok Ħadassa sirt Ester li jfisser stilla. Is-sultan kien se jarana waħda waħda imma qabel kellna nippreparaw ruħna għal tnax-il xahar sħaħ. Fl-aħħar waslet il-ġurnata li nidher quddiem is-sultan. Ħassejtni eċitata ħafna u ġrat ħaġa li qatt ma kont nistennieha: is-sultan għażel lili*





**Fittex**

Qatt smajt b'Ġovanna ta' Arko. Din kienet tfajla fqira li għexet fil-ħmistax-il seklu. Waslet li għenet lir-Re biex Franza tirbaħ għadd ta' battalji. Sib aktar informazzjoni dwar din il-qaddisa.

*minn fost it-tfajliet kollha u libbisni l-kuruna ta' sultana.*

*Ġara li wieħed mill-kbarat fil-palazz bl-isem ta' Ħaman, kien jobgħod lil-Lhud u ġiegħel lis-sultan sabiex joħroġ digriet u joqtol lil-Lhud kollha li jinsabu fl-imperu tiegħu. Skoprejt li r-raġuni għalfejn Ħaman ried joqtol lil-Lhud kien għax il-kuġin tiegħi Mordekaj ma kienx ibaxxi rasu quddiemu. Mordekaj ma riedx jinżel għarkupptejh quddiemu għax din il-qima kienet għal Alla biss. Il-Lhud kienu inkwetati ħafna u bdew isumu u jagħmlu sagrifiċċji waqt li jitolbu lil Alla biex jeħlishom. Minkejja li kont ngħix fil-palazz, qatt ma nsejtu lil Alla anke jekk in-nies tal-Persja jqimu allat oħra. Għamilt sagrifiċċji u sawm għal tlett ijiem sħaħ u kont kontinwament nitlob lil Alla bil-ħerqa. Irnexxieli nitkellem ma' żewġi s-sultan u fil-preżenza ta' Ħaman għedt lis-sultan li permezz tad-digriet, Ħaman kien se joqtol lili għax jien kont Lhudija u lill-poplu kollu tiegħi. Is-sultan irrabja dwar dan u ġiegħel lill-qaddejja tiegħu biex joqtlu lil Ħaman u hekk il-poplu ta' Alla kien għal darb'oħra salv. Il-Lhud għamlu festi kbar biex ifaħħru lil Alla li minkejja li kienu fl-eżilju, ma nsihomx. Indunajt li jiena kont parti mill-pjan ta' Alla. Hu ried li jien insir sultana tal-Persja biex nkun nista' nsalva lill-poplu tiegħu minn taħt idejn dan il-bniedem kiefer permezz tiegħi!"*



Ester kienet mara ta' fidi u kuraġġ kbir. Kienet turi imħabba kbira lejn Alla u lejn il-poplu tagħha, il-poplu Lhudi. Mingħajr ma kienet taf, hija kienet strument importanti ta' Alla biex isalva lill-poplu Lhudi. Hi aċċettat dan il-pjan tiegħu għaliha u qatt ma warrbitu minn ħajjitha avolja kienet is-sultana tal-Persja.

# Kemm naf nikkomunika?

Il-komunikazzjoni llum saret essenzjali fil-ħajja tagħna. Lanqas nimmaġinaw ħajjitna mingħajr dawk li nsejħulhom in-networks ta' komunikazzjoni li l-ħajja tagħna qed jagħmluha dak li hi, għat-tajjeb u l-ħażin. Fuq livell iktar sempliċi, aspett importanti tal-komunikazzjoni hu kif aħna nikkomunikaw bejnietna. Biex ikun hemm komunikazzjoni jrid ikun hemm persuna li qed twassal messaġġ u xi ħadd li suppost qed jirċievi. Dan il-proċess jista' jkollu interruzzjonijiet u allura l-komunikazzjoni ma sseħħx, il-messaġġ ma jasalx, jew għax min wasslu ma wasslux sew jew għax min kellu jirċevih ma setax jasallu għal diversi raġunijiet.

Fil-ħajja tagħna hija importanti ħafna l-komunikazzjoni. Il-bniedem għandu ħafna modi kif jista' jwassal il-messaġġ li jrid jgħaddi. Aħna nibdew nikkomunikaw sa minn meta nkunu trabi. It-tarbija tibki meta tkun bil-ġuħ jew muġugħa sabiex tiġbed l-attenzjoni tal-ġenituri. Meta jiena nkun irrabjat, se nikkommunika r-rabja tiegħi ma' ħaddieħor. Bniedem li ma jirnexxilux jikkomunika mal-oħrajn iħossu mdejjaq u frustrat. Komunikazzjoni sinċiera bejn tnejn min-nies tevita l-ġlied u l-bniedem iħossu ħafna iktar kuntent.



## Din kont tafha?

Aħna ma nikkomunikawx biss bil-kliem. Fil-fatt studji juru li l-kliem jifforma biss 10 fil-mija tal-komunikazzjoni tagħna, imbagħad aħna nikkomunikaw ukoll bit-ton li nużaw, kif ukoll bil-ġesti u l-mod kif inżommu lilna nfusna, il-body language tagħna.



Samwel fil-Bibbja kien żagħżugħ li kellu ħiliet kbar kif jikkomunika ma' dawk ta' madwaru. Kulħadd kien jisimgħu. Dan narawh mill-esperjenzi li għadda minnhom matul ħajtu. Naħseb kulħadd jiftakarha l-ġrajja ta' meta Samwel kien għadu żgħir! Samwel kien rieqed fit-tempju u sema' lil xi ħadd isejjaħlu. Għall-ewwel ħaseb li kien qiegħed isejjaħlu Għeli u mar biex jara x'kellu bżonn dan ir-raġel xwejjaħ. Imma Għeli qallu li ma kienx sejjaħlu. Dan ġara għal tlett darbiet. Fl-aħħar Għeli induna li kien Alla li qed isejjaħlu u qal lil Samwel biex jekk jerġa' jisma' l-leħen iwieġeb bil-kliem: "Tkellem, Mulej, għax il-qaddej tiegħek qiegħed jisma'." Alla reġa' sejjaħlu lil Samwel u din id-darba Samwel tkellem ma' Alla. Alla kellu pjan speċjali għal Samwel u Samwel aċċetta li jwettaq dan il-pjan. Hu kellu jkun profeta ta' Alla.

Jekk niftħu l-ewwel ktieb ta' Samwel naqraw fuq il-ħiliet kbar li kellu Samwel fil-komunikazzjoni tiegħu man-nies ta' madwaru. Din il-kwalità għenitu jkun ħabib kbir tan-nies ta' madwaru u hekk seta' jwassalhom lejn Alla.

Kien jikkomunikalhom affarijiet divini li huma ma kinux jafu. (7,3)

Permezz tal-komunikazzjoni tiegħu għen lil Sawl jirbaħ il-biża'. (10, 3-6)

Irnexxielu jinkoraġġixxi lill-poplu biex jimxi wara Sawl bħala s-sultan ġdid tagħhom. (10,24)

Permezz tal-komunikazzjoni tiegħu, kien jgħallem lil ta' madwaru. (10,25)

Il-komunikazzjoni tiegħu tat direzzjoni u tama għall-futur. (12, 20-25)

Is-sigriet biex Samwel seta' jwettaq il-missjoni li Alla fdalu kien li jibqa' f'kuntatt ma' Alla. Kien jitkellem miegħu daqs li kieku qiegħed jitkellem ma' xi ħabib kbir.

Bħal Samwel u Ester kien hemm ħafna nies oħra li aċċettaw lil Alla f'ħajjithom. M'hemmx għalfejn inkomplu nfittxu fil-Bibbja jew immorru 'l bogħod. Biżżejjed inħarsu madwarna u naraw li hawn nies li ħajjithom tixbah ħafna lill-ħajja ta' Samwel u Ester. Nistgħu nsibu ħafna stejjer ta' nies li ħajjithom għexuha għall-oħrajn għax aċċettaw l-imħabba t'Alla li lilna lkoll ma tħalliniex kif inkunu. Dawn in-nies kienu leaders, kienu profeti, ispiraw lil oħrajn, u ħallew marka fuq id-dinja mhux biss ta' madwarhom. Imma l-qawwa ta' dawn in-nies kienet ġejja mill-kuntatt tagħhom ma' Alla.

# Naqraw is-Sinjali

Kont fuq il-karrozza tal-linja u qgħadt nosserva kemm għandna sinjali differenti fit-toroq tagħna li jservu biex jiggwidaw it-traffiku u hekk, jekk kulħadd josservahom, ikun hemm l-ordni u inqas inċidenti. Issa jien min jaf kemm-il darba għaddejt mill-istess toroq u qatt ma tajt kas. Kieku kulħadd jimxi ma' dawn is-sinjali tat-traffiku żgur li nkunu ħafna iktar moħħna mistrieħ mill-perikli. Imma minkejja li lilna jgħinuna u huma ta' ġid għalina, sikwit nisimgħu lil xi ħadd igerger għax dik it-triq ma tistax tgħaddi minnha u għaliex ma tistax tikser lejn in-naħa l-oħra. Dan ifisser li dak li jkun ma jkunx fehem li jrid ikun responsabbli lejh innifsu u lejn l-oħrajn.

Ħajjitna hi mimlija sinjali. Imma jien irrid inkun naf naqrahom u nifhimhom dawn is-sinjali. Anke Alla lilna jkellimna bis-sinjali li jistgħu jkunu kemm nies li jippruvaw jgħinuna u jiggwidawna, kif ukoll ċirkustanzi li jiġru u li ngħaddu minnhom. Xejn ma jiġri b'kumbinazzjoni. Irridu nkunu attenti biex xejn ma jiġri u jaħsadna. Irridu nagħtu kas ta' kollox, nieqfu u nippruvaw nifhmu xi jkun jiġri. Fl-istess ħin aħna lkoll għandna l-għażla f'idejna.

Bħalma Alla kellu pjan għall-poplu l-magħżul tiegħu, hekk ukoll għandu pjan għalina llum. Alla għandu pjan għal kull wieħed u waħda minna.



Imma aħna fejn se nkunu nafu x'inhu l-pjan li għandu Alla għalina? Lilna Alla kontinwament qed jibagħtilna sinjali biex aħna nippruvaw nifhmu hu x'irid minna. Dawn m'humiex sinjali li nsibuhom stampati fit-triq bħalma huma s-sinjali tat-traffiku jew xi anġlu li narawh itir fid-dar tagħna. Alla jinqeda b'dak kollu li ngħaddu minnu biex iwasslilna l-messaġġi tiegħu. Basta aħna ma nkunux aljenati. Kull sitwazzjoni li ngħaddi minnha hija parti mill-pjan ta' Alla għalija. Irrid inkunu kapaċi nieqfu ftit, naqbdu dik is-sitwazzjoni partikulari li nkunu għaddejna minnha u fid-dawl tal-Kelma t'Alla nipprovaw nifhmu fejn hu Alla u x'jista jkun qed jgħidilna. Forsi dan għal uħud jinstema' diskors bla sens, għax xi ħadd jista' jgħid imma allura Alla l-ħin kollu jdur magħna u jkellem lil dak u lill-oħra? Santu Wistin, li fl-avventura ta' ħajtu għadda minn ħafna toroq u esperimenta ħafna, fir-rakkont ta' ħajtu hekk kiteb : Lil Alla tibda tfittxu meta ssibu! Li tfisser li hu biss meta inti tagħmel esperjenza vera ta' Alla f'ħajtek li tibda tfittxu f'kulma tagħmel u f'kulma tgħaddi minnu.

Il-ħajja tagħna hija rigal u iktar ma napprezzawha, iktar nintebħu kemm hu importanti li ma ngħixux aljenati. Tgħix aljenat tfisser tgħix bl-amment, kif ngħidu bil-Malti fejn laqat laqat! Iktar milli tgħix tkun qed teżisti. U meta aħna sempliċement neżistu, dak li jiġri lilna jew li jiġri madwarna hemm ċans ikissirna għaliex aħna ftit nissaportu affarijiet f'ħajjitna li ma nkunux nifhmu għaliex qed jiġru u għaliex qed jiġru lilna. Alla fil-ħajja tagħna jista' jagħmel differenza kbira. Imma rridu nfittxuh, inkunu kapaċi nisimgħuh u nħallulu spazju. Iżda jekk dan l-ispazju jkun kollu okkupat, aħna nkunu qed ngħixu għalina nfusna u mbagħad Alla jidħol biss jekk l-affarijiet ma jmorrux sew. Din narawha tiġri ħafna fil-kultura tagħna, nies li jgħidu li jemmnu f'Alla imma Alla m'għandux post u spazju f'ħajjithom.

M'hemmx dubju li aħna bnedmin tad-demm u l-laħam u mhux dejjem kapaċi nifhmu kollox. Anzi fil-ħajja hemm ħafna mumenti ta' dlam li ngħaddu minnhom. Anke min jemmen f'Alla jkollu dawn il-mumenti. Temmen f'Alla ma jfissirx li qatt ma tiddubita jekk Alla hux veru hemm jew le. Aħna ngħaddu minn mumenti, speċjalment mumenti ta' niket u tbatija li jekk ma nkunux sodi faċli nitfixklu. Dawk huma l-mumenti ta' ħafna mistoqsijiet. U t-tweġibiet għal mistoqsijiet bħal dawn ma tistax issibhom fi ktieb jew jagħtihomlok xi ħadd. Dawk it-tweġibiet rridu nfittixuhom f'qalbna, meta nkunu waħedna. Dawk huma l-mumenti li fihom nkunu qed nfittxu verament lil Alla u hemm nindunaw li wara kollox ikun Alla li lilna qed ifittixna. Nagħmlu tajjeb li aħna nistaqsu: Għaliex? Għaliex ġralna hekk? Għaliex jiġru affarijiet ħżiena lil min hu tajjeb? Il-moħħ u l-qalb, meta nkunu f'mumenti ta' tbatija u wġigħ, jistaqsu ħafna. Dan hu naturali u ma jmur xejn kontra l-fidi f'Alla.

Hemm tbatija fil-ħajja li nkunu ġibnieha b'idejna, u allura nkunu nbatu konsegwenzi ta' għażliet ħżiena li nkunu għamilna. U hemm tbatija li tiġri u ma nifhmux għaliex. Hemm anke tbatija li jikkawżawha n-nies fuq xulxin. Alla quddiem dawn il-forom ta' tbatija, jidħol f'ħajjitna biex isostnina, biex ma nispiċċawx vittmi. Xi ħadd qabbel lil Alla ma' skultur li għandu rħama quddiemu, f'moħħu diġà għandu xbieha tal-istatwa li jrid joħroġ, u b'ħafna paċenzja bl-iskalpell u l-martell qiegħed inaqqax l-istatwa. Alla magħna għandu ħafna paċenzja, anke meta aħna m'għandniex u ma nkunux kapaċi nistennew. Jiena qiegħed inħalli lil Alla jiffurmani?



## Din kont tafha?

Il-Bibbja hija mimlija sinjali. Dawn kienu jiffurmaw parti mill-pjan ta' Alla għalihom. Dawn is-sinjali kultant kienu għeġubijiet u mirakli sabiex min jarahom jinduna kemm hu kbir Alla u jdur lejh. Drabi oħra kienu jkunu sinjali ta' twissija sabiex il-poplu jinduna li miexi fit-triq il-ħażina, u kultant sinjali ta' kuraġġ biex il-poplu jinduna li huwa mhux waħdu imma Alla hu preżenti.

# Kif nitlob?



Darba waħda bidwi kien sejjer lura d-dar mis-suq, meta nqalgħatlu r-rota tal-karrettun tiegħu. Issa kien se jasal tard id-dar. F'daqqa waħda nduna li kien nesa l-ktieb tat-talb warajh u li lanqas kien se jkollu ħin biex jitlob. Għalhekk dar lejn Alla u qal: "Mulej illum għamilt żball kbir. Bil-għaġla dalgħodu nsejt il-ktieb tat-talb warajja u tant sirt ninsa kollox li lanqas biss nista' niftakar talba waħda milli ngħid kuljum. Allura Mulej illum se jkolli nitlob b'mod differenti mis-soltu. Illum se ngħid l-alfabett bil-mod għal ħames darbiet, u inti li taf kollox, tista' tirranġa dawn l-ittri kollha fit-talba li jien ma nistax niftakar." U Alla dar lejn l-anġli u qal, "Mit-talb kollu li smajt illum, din hija żgur l-aqwa u l-aħjar għax għalkemm sempliċi ġiet mill-qalb u mimlija sinċerità."

(Mill-kitbiet ta' Anthony de Mello)



Hemm modi differenti ta' talb, hemm min jitlob fis-skiet; jaħrab minn kull distrazzjoni u joqgħod għall-ħin kwiet mal-Mulej. F'dan it-tip ta' talb mhux bil-fors nużaw kliem. Fit-talb aħna nitkellmu ma' Alla, allura rridu nagħtuh ċans ikellimna lura u biex nisimgħuh rrid inkunu fis-skiet. Oħrajn jaqraw silta mill-Iskrittura u jimmeditaw dwar dak li jkunu qraw, hemm min isib għajnuna meta jikteb il-ħsibijiet tiegħu, dak li għadda minnu matul il-ġurnata u jitlob b'dan il-mod. Il-mużika tista' tkun ukoll sors ta' talb, hemm oħrajn imbagħad li jippreferu li jkollhom lil xi ħadd li jitolbu miegħu b'mod regolari. Imbagħad inkunu fejn inkunu dejjem hemm it-talb spontanju. X'aktarx wieħed ma jużax dejjem l-istess metodu ta' talb, iżda taħlita, skont il-ħin, il-bżonn u s-sentimenti li jkun qed iħoss. Int x'metodu ssib li jgħinek l-aktar?

Ħafna drabi sħabna jisfidawna nagħmlu xi ħaġa u aħna nidħlu għaliha. Wara nindunaw li dak li għamilna għoġobna u nkomplu nagħmluh. Pereżempju xi ħadd iridu jidħol fit-*team* tal-*volleyball* iżda jaf li ma tantx qiegħed f'kondizzjoni tajba għax qed jiekol ikel li ma tantx huwa sustanzjuż u ma tantx qed jagħmel eżerċizzju. U sħabu jisfidawh. Imma għax jixtieq ikun fit-team jagħmel wegħda miegħu nnifsu u jibda jagħmel eżerċizzju kuljum u jiekol bil-qies. Għalhekk jirnexxielu jidħol fit-team u jżomm id-dieta li jkun qabad għax jinduna li qed ikunli ta' ġid.

Nistgħu nilqgħu tip ta' sfida oħra, sfida li forsi qatt ma għamilna bħalha – li nitolbu. Matul din il-ġimgħa sib ħin li titlob. Importanti li qabel ma tibda din l-isfida tiddeċiedi l-ħin meta se titlob u fejn. Imbagħad sib xi ħaġa li trid titlob dwarha: x'inhu dak li tixtieq li Alla jagħmel xi ħaġa dwarha? Xi diffikultà li għaddej minnha bħalissa, jew li xi ħadd qrib tiegħek għaddej minnha. Matul din il-ġimgħa itlob għal dan il-għan.

It-talb huwa konverżazzjoni ma' Alla. Ma għandniex bżonn xi kliem speċjali jew xi mod speċifiku kif nitolbu. Nistgħu nitolbu li ninstemgħu jew nitolbu f'qalbna. Naraw kif aħna l-aktar komdi. Alla jaf diġà dak li nixtiequ u li għandna bżonn, imma jixtieq li jisma' dan il-kliem mingħandna. Nistgħu nibdew l-ħin ta' talb, b'xi talb li tgħallimna, nistgħu nużaw mużika bħala sfond, imbagħad nitkellmu ma' Alla daqslikieku qed narawh ħdejna. Fl-aħħar tajjeb naraw kif morna matul din il-ġimgħa. Niftakru li t-talb mhux sinjal ta' dgħufija, anke Ġesù kien jitlob; ftakar ukoll li Ġesù qalilna: "itolbu u jingħatalkom!" Din ukoll għandha tkun ta' kuraġġ għalina.



# Imħabba tal-Ġenn!

## Din kont tafha?

Il-Għanja tal-Għanjiet tista' tinqara bħala l-imħabba ta' Alla għall-poplu tiegħu. Din l-għanja hija djalogu bejn żagħżugħ u l-maħbuba tiegħu. Għalhekk tista' tinqara bħala Alla li hu l-maħbub u l-għarusa li hija l-poplu tiegħu. Dan il-ħsieb insibuh ukoll fit-Testment il-Ġdid, pereżempju fl-Ittra tal-Efesin fejn San Pawl jitkellem dwar l-imħabba ta' Ġesù għall-Knisja tiegħu.



Fost l-arti sagra l-aktar famużi fid-dinja żgur li nsibu 'l-Ħolqien ta' Adam' ta' Michelangelo di Lodovico Buonarroti Simoni. Din insibuha fis-saqaf tal-Kappella Sistina fil-belt tal-Vatikan. Michelangelo di Lodovico Buonarroti Simoni twieled fl-1475 f'Toskana u kien tassew bniedem tar-rinaxximent – skultur, pittur, arkitett, poeta u inġinier. Hu kien ta' influwenza kbira fl-iżvilupp tal-arti fil-punent. Hu meqjus bħala wieħed mill-aqwa artisti fl-istorja kemm fl-iskultura kif ukoll fil-pittura u arkitettura. Fost il-kapolavuri tal-iskultura tiegħu nsibu l-Pietà li hemm il-Vatikan u l-istatwa ta' David li hemm Firenze.

Il-ħolqien ta' Adam minnaħa l-oħra hija fost l-aktar riproduzzjonijiet li tintuża kif ukoll saru numru ta' imitazzjonijiet, u ntużat ukoll f'għadd ta' parodiji. Il-ħsieb tal-pittura ta' Michelangelo ġej mill-Ktieb tal-Ġenesi, Alla ħalaq il-bniedem fuq "is-sura u x-xbieha" tiegħu. Id Alla tidher qegħda maħruġa l-barra biex tmiss lil dik ta' Adam. F'dan il-mument Adam isir ħlejqa ġdida – differenti millbqija. L-idejn qegħdin tali mod li juru li Alla huwa li qiegħed jagħti u Adam qiegħed jirċievi.

Aħna nemmnu f'Alla li sa mill-bidu kien hu li fittex lill-bniedem. Hu jfittixna qabel infittxuh aħna. Il-Bibbja stess, din l-imħabba t'Alla għalina tqabbilha mar-relazzjoni bejn tnejn maħbubin. Tnejn li jinħabbu jfittxu li jkunu ħafna ħin flimkien, joħolmu flimkien, isibu ħin għal xulxin, u jippruvaw jagħmlu ħafna affarijiet flimkien. Din hija l-istess imħabba li Alla għandu lejna… hija mħabba tal-ġenn. Ġesù, Alla li sar bniedem, hu dak li lilna wriena din l-imħabba u wriena mod kif nistgħu niskopruha.

Din ir-relazzjoni ma' Alla, permezz ta' Ġesù tinbena tul il-mixja ta' ħajjitna u ssir dik li Ġesù talab minn dawk li jimxu warajh – dixxipulat. Id-dixxiplu hu dak li jimxi wara xi ħadd, isegwih. Imma biex inkunu dixxipli, irridu nkunu kapaċi nisimgħu leħnu u nagħrfuh bħala l-leħen tar-ragħaj tagħna.

Tajjeb li f'ħajjitna niskopru modi differenti ta' kif nitolbu skont il-mumenti u l-esperjenzi differenti li nkunu għaddejjin minnhom. Meta rridu nfaħħru lil Alla għal dak li qiegħed jagħmel magħna u nagħrfu l-kobor tiegħu aħna nużaw talb ta' adorazzjoni u barka. Drabi oħra jkollna bżonn nitolbu għall-għajnuna għalina nfusna minħabba xi deċiżjoni diffiċli li rridu nieħdu, xi mard, problemi ma' sħabna jew ma' tal-familja, u biex ma naqtgħux qalbna quddiem xi proġett li bdejna, f'dan il-waqt nitolbu dak li nsejħulu talb ta' petizzjoni. Aħna ma nitolbux għall-bżonnijiet tagħna biss, iżda wkoll għal tal-oħrajn, dan huwa talb ta' interċessjoni. Meta aħna naqilgħu xi ħaġa nagħmlu talb ta' ringrazzjament; nirringrazzjaw lil Alla wkoll għal dak kollu li aħna, it-talenti sbieħ li żejjinna bihom. Nirringrazzjawh ukoll għall-familja u ħbieb, għassaħħa u tant affarijiet oħra. Fl-aħħar ukoll ikun hemm drabi fejn aħna jkollna bżonn nagħmlu talb għall-maħfra, fejn aħna nitolbu skuża għal dak li għamilna ħażin jew għal dak li konna fid-dover li nagħmlu u skartajnieh.

Meta jirnexxilna nidħlu f'din ir-relazzjoni ma' Alla, lil Alla se nsibuh f'kull esperjenza li nkunu għaddejjin minnha u r-relazzjoni tagħna ma' Alla tkun waħda li timliena bil-ferħ minkejja t-taqlib ta' madwari.



## NARAW X'TGĦALLIMNA

**A KLIEM IMPORTANTI**

Ikteb sentenza li tfisser fil-qosor x'nifhmu b'dan il-kliem:

- Komunikazzjoni
- Kuraġġ
- Gwida

**B IDEAT PRINĊIPALI**

Ikteb paragrafu dwar dawn:

- X'għandi nagħmel biex ikolli komunikazzjoni tajba mal-oħrajn?
- Jien u t-talb
- Ma xiex nista' nqabbel l-imħabba ta' Alla għalija? Spjega

**Ċ AĦSEB B'MOĦĦOK**

Uża dak li tgħallimt biex twieġeb dawn:

- Kif tista' tesperjenza lil Alla f'ħajtek?
- X'hemm komuni bejn is-sinjali li niltaqgħu magħhom f'ħajitna u l-pjan li Alla għandu għal kull wieħed u waħda minna?

**D IDDISKUTI D-DAR**

Tkellem mal-membri tal-familja dwar dawn:

- Kif nistgħu ntejbu l-komunikazzjoni ta' bejnietna.

# Alla kif ikellimna?



# Salib it-toroq

**ĦEJJI RUĦEK:**

Jien kif nidher li qed nikber?

Jien differenti, jew ħaddieħor ukoll għaddej minn dak li qed inħoss jien?

**IMMARKA ✓ ĦDEJN IL-KLIEM LI TAF XI JFISSER:**

- ☐ Personalità
- ☐ Filosofija tal-ħajja
- ☐ Kultura
- ☐ Valuri
- ☐ Riflessjoni
- ☐ Maturità
- ☐ Dinjità

6

# Żmien ta' deċiżjoni

Is-sabiħ tal-ħajja hu li hi avventura. Qatt ma nibqgħu l-istess. Jgħaddi ż-żmien u ninbidlu, nikbru, u suppost nimmaturaw. Ngħidu 'suppost' għax mhux bilfors meta tikber fiż-żmien tkun qed tikber ukoll fl-għerf, fl-għaqal jew fil-maturità. Dawn huma meħtieġa fil-ħajja speċjalment f'dawk il-mumenti ta' deċiżjoni li jitolbu minna iktar konċentrazzjoni.

Tkellimna dwar dak li sa mill-bidu nett ta' ħajjitna inżera' fina, dwar kif l-esperjenzi tal-ħajja jagħġnuna u jgħinuna niżviluppaw jekk nagħrfu ngħixuhom kif suppost. Fil-ħajja, l-aktar meta nkunu żgħar, kważi hu dejjem ħaddieħor li jagħmel id-deċiżjonijiet għalina. Imma jiġi żmien meta aħna rridu nibdew infendu għal rasna.





**Għixha!**

Qabel ma tieħu deċiżjoni, x'tagħmel? Taħseb dwar il-konsegwenzi? Kif din se teffetwak? Ġieli ħadt parir mingħand xi ħadd qabel ma wasalt għad-deċiżjoni? Lil min tistaqsi? Ġenituri, ħbieb, *religious counsellor*? Hemm xi ħadd ieħor li tkellimt miegħu u sibtu ta' għajnuna biex inti tasal tieħu deċiżjoni tajba?



Immaġina li kont bla dar u kellek tgħix tiġġerra mat-triq. Kif kont tgħix? B'xi mod trid ta' lanqas issib x'se tiekol u ħwejjeġ x'tilbes. Din il-ħajja żgur mhix waħda faċli. Fl-1857 fl-Italja ma kinitx xi ħaġa rari li tfal jispiċċaw jiġru mat-toroq. Michele Magone kien wieħed minnhom. Bħal sħabu kien jisraq biex jgħix, il-kumpanija li kien iżomm ma tantx kienet xi waħda tajba. Darba waħda, meta kellu tlettax-il sena iltaqa' ma' Don Bosco u dan ħa interess fih. Michele ma kienx ferħan bil-ħajja li kellu. X'uħud minn sħabu kienu diġà spiċċaw il-ħabs. Ħadd qabel ma kien waqaf ikellmu. Don Bosco kellu Oratorju fejn kien jieħu ħsieb tfal oħra bħal Michele. F'dan il-post Michele sab ħajja oħra, post fejn seta' jistudja u sab ukoll għajnuna biex jibdel il-mod ta' kif kien iġib ruħu, speċjalment kif jitkellem! Għall-ewwel li wasal l-Oratorju ma tantx kien jieħu gost imur il-knisja u meta kien imur ma tantx kellu kwiet. Imma nbidel ukoll; u jekk seta' jgħin lil xi ħadd kien ikun minn tal-ewwel. F'Jannar tal-1859, Michele ma tantx ħassu sew. Lanqas biss ried jilgħab ma' sħabu! Kellu marda li ma setax ifiq minnha. Minkejja t-tfulija diffiċli li kellu Michele ried li jinbidel u bid-determinazzjoni qawwija li kellu rnexxielu. Aħna wkoll ma rridux naqtgħu qalbna. Waħedna forsi diffiċli imma jekk inħallu lil min jgħinna jirnexxilna żgur.

Dan hu żmien li jitlob minna li nkunu moħħna hemm, li ma nħallux kollox jgħaddi bla ma jġegħelna naħsbu u nirriflettu fil-fond. Ma nistgħux ngħixu għall-mument, kif naħsbuha dak il-ħin mingħajr ma nqisu l-konsegwenzi tal-għażliet tagħna għax inkella l-esperjenzi li ngħaddu minnhom ma jgħinuniex nikbru. U l-agħar ħaġa li tista' tiġrilna fil-ħajja hi li nikbru fl-età u nibqgħu żgħar fil-moħħ u fil-qalb.

Fiż-żmien meta fiżikament aħna nibdew niskopru iżjed min aħna u nibdew inħossu l-bżonn ta' relazzjonijiet ma' oħrajn, hu importanti wkoll li nibdew inħaddmu moħħna biex l-għażliet li nagħmlu nagħmluhom b'maturità. F'dan iż-żmien nibdew inħossuna ninbidlu fil-mod kif inħarsu lejna nfusna, kif nirrelataw mal-oħrajn u anke kif nifhmu r-relazzjoni tagħna ma' Alla. L-imġiba tagħna taf tibda tkun differenti minn qabel u nibdew inbatu bil-burdati. Anke l-attitudnijiet tagħna għal ħafna affarijiet jibdew jinbidlu forsi iktar spiss. Il-karattru tagħna donnu jibda jgħaddi minn ħafna taqlib u allura jibda jinbidel anke kif ħaddieħor iħares lejna.

Dan iż-żmien f'ħajjitna faċli ħafna jkun żmien meta aħna stess ma nkunux kuntenti bina nfusna. Propju għalhekk hu żmien delikat, hu żmien meta m'għandniex nieħdu deċiżjonijiet mgħaġġla u weħedna, m'għandniex ninqatgħu mill-oħrajn u ngħaddsu rasna. Dan hu żmien fejn il-ferħ u d-dwejjaq jibdew ta' spiss jalternaw u jikkundizzjonawna fil-burdati tagħna. Madanakollu dan iż-żmien huwa xorta żmien tad-deheb f'ħajjitna. Jekk nagħraf nagħmel id-deċiżjonijiet it-tajba, bil-mod il-mod nibda ninbidel u mhux talli nsir aħjar, talli nkun kapaċi nilħaq il-potenzjal kbir li hemm mistur ġewwa fija. Għax aħna mhux biss ħolqien ta' Alla fost il-ħafna affarijiet li ħalaq imma aħna l-kapolavur tal-ħolqien kollu tiegħu.



# Awtonomija u Kunflitti



Din il-familja tiegħi ma tifhimnix! Kull xħin inkunu flimkien dejjem nispiċċa niġġieled. Qisu xi ħaġa fija timbuttani biex ninqata' minnhom. Il-ħin kollu nippruvahom billi nimbotta bil-kontra tagħhom. Meta smajthom jitkellmu fuq kemm jixraqli xagħri twil, rajt kif għamilt biex naqtgħu; kull meta jgħiduli nistudja biex la nikber naqbad karriera, ngħidilhom li rrid ngħix ħajti. Kull meta nħoss li qed jissikkawni, nirrabja u nagħmel skoss storbju, inkella nitlaq 'il barra mingħajr ma ngħid kelma.

Imma tgħid Petra kelltha raġun meta qaltli li jekk iħalluni nagħmel li rrid, kont ngħid li ma jħobbunix jew li ma jimpurtahomx minni? Min jaf?! Lanqas jien stess ma naf.



Min jaf kemm-il darba ħassejna sentimenti jixbhu lil dawn imsemmija fil-paġna tad-djarju! Forsi mhux eżatt jew ma nagħmluhiex daqstant bi kbira. Imma fil-fond ta' qalbna hemm sentimenti li ma nistgħux nifhmuhom.

**Qatt tħossok li qisu ħadd mhu jifhmek?**

**Taħseb li waħdek qed tħosshom dawn is-sentimenti jew sħabek ukoll qed iħossuhom?**

**Kif tistgħu tgħinu lil xulxin tifhmu x'inhu jiġri fikom u x'inhu l-aħjar?**

**Għalkemm għaddej minn żmien ta' bidliet kbar, tħoss li għandek tagħmel sforz biex tapprezza l-imħabba tal-oħrajn?**

Bħalma aħna f'dan iż-żmien tal-ħajja ma nkunux komdi fir-relazzjonijiet mal-oħrajn, l-istess jista' jkun iħossu ħaddieħor magħna. Dan qisu żmien meta rridu nagħmlu iżjed ta' rasna, meta rridu naqtgħu rabtiet ta' dipendenza anke fid-dar u fil-familja, meta noħolmu libertà ikbar, meta nippretendu anke li noħorġu iżjed bla ma nkunu kontrollati x'ħin nidħlu.
Dan ifisser li nibdew nidħlu f'ħafna konflitti li qabel ma kellniex.

F'din l-età partikulari l-ħbieb huma importanti ħafna u għalhekk hu ħafna importanti t-tip ta' ħbiberiji li nagħżlu. Mal-ħbieb nibdew inħossuna iżjed komdi u naslu anke niftħu iktar qalbna magħhom għax nibdew inħossu li l-ħbieb biss jistgħu jifhmuna f'dak li għaddejjin minnu. Imma filwaqt li fih il-pożittiv tiegħu li nibdew inserrħu iżjed fuq ir-relazzjonijiet mal-ħbieb, jibqa' importanti ħafna li nżommu wkoll relazzjoni tajba mal-ġenituri tagħna u fid-dar. Niftakru li għalkemm lill-ġenituri, u oħrajn li jieħdu ħsiebna bħan-nanniet u z-zijiet, mhux qed narawhom f'dawl sabiħ, l-akbar interess tagħhom huwa l-akbar ġid tagħna.

## Idħol fil-fond

Min huma l-ħbieb tagħna? Xi nfittex fi sħabi? Nagħti aktar importanza lejn il-mod kif jidhru u l-fama tagħhom mal-oħrajn jew aktar kif inhuma minn ġewwa u l-karattru tagħhom? Huwa importanti ħafna li l-ħbieb jgħinuni biex jien nimxi 'l quddiem fil-ħajja tiegħi u jien ukoll irrid nkun ta' għajnuna għalihom.



# X'inhu jiġri ġo fija!?

## Itlob

Meta nkunu nħossuna waħedna, forsi anke sħabna jkunu warrbuna, naħsbu li Alla wkoll insiena. Mhux aħna biss nirranġunaw hekk. F'salm 42, is-salmista juri eżatt din l-attitudni. Is-salmista iżda jagħraf li Alla hu fil-qrib u li ma nsiehx.

Bħalma għażżiela tixxennaq  
għan-nixxigħat tal-ilma,  
hekk tixxennaq ruħi għalik,  
o Alla… Ngħid lil Alla,  
il-blata tiegħi:  
"Għaliex tlaqtni?  
Għax għandi ngħix imdejjaq  
taħt it-tagħkis tal-għadu?"  
Kull meta jgħajruni  
l-għedewwa tiegħi,  
qishom qed ikissruli għadmi,  
meta jgħiduli l-ħin kollu…  
Ittama f'Alla,  
għax jien nibqa' nfaħħru;  
hu l-għajnuna tiegħi  
u Alla tiegħi!



Żmien bħal dan f'ħajjitna, barra li jġib taqlib fir-relazzjonijiet tagħna mal-oħrajn u fil-mod kif inħarsu lejhom, iġib ukoll miegħu inċertezzi kbar anke dwarna nfusna. Dan jaffettwa wkoll il-mod kif inħarsu lejn il-ħajja u lejn Alla f'ħajjitna.

Dan hu żmien meta nibdew nagħtu ħafna iżjed kas ta' kif nidhru quddiem l-oħrajn. Imma daqskemm hu importanti kif nidhru minn barra, daqstant ieħor hu importanti li nieħdu ħsieb tagħna nfusna minn ġewwa. Hemm id-dinja li qed ngħixu fiha, imma mbagħad hemm dinja oħra ġo fina. U rridu nagħtu kas xi jkun qed jiġri hemm ġew. Għax jekk ma niżviluppawx relazzjoni tajba magħna nfusna, nistgħu nitilfu lilna nfusna u jkun hemm ħafna affarijiet f'ħajitna li ma nifhmuhomx u li ma naċċettawhomx.

Il-mod kif inkunu naħsbu fuqna nfusna, jista' jaffettwana wkoll, bħal pereżempju l-mistħija. F'dan iż-żmien nistgħu nibdew nipparagunaw wisq lilna nfusna ma' oħrajn. Is-sensazzjoni tista' anke tkun li nħossuna mwarrba mill-oħrajn. Allura dan jista' jwassal biex aħna nagħmlu dak li jkun hemm bżonn, basta nkunu aċċettati mill-ħbieb. Dan jista' jkollu effett negattiv fuqna għax biex inkunu aċċettati nistgħu nispiċċaw nagħmlu affarijiet sempliċement biex ningħoġbu. M'hemmx dubju li f'dan iż-żmien tal-ħajja, aħna stess nibdew inħossuna skomdi ma' dawk f'ħajjitna li b'xi mod jirrappreżentaw l-awtorità, iktar u iktar jekk ikunu nies li dejjem jimponu fuqna.

Kollox ma' kollox, dan hu żmien sabiħ! Imma daqstant ieħor delikat! Għalhekk tajjeb li nħossuna liberi, li jkollna sens ta' tfittxija, li nibqgħu nesploraw, li nagħmlu l-mistoqsijiet li jtaqqlu lil qalbna u lil moħħna. Imma tajjeb ukoll ikollna xi ħaġa soda li nistgħu nżommu magħha.

F'dan iż-żmien ta' ħajjitna ma rridux naraw lil Alla qisu pulizija li qiegħed josservana l-ħin kollu biex jiksirna jew jiġġudikana. Lil Alla rridu niskopruh bħala dak li jħobbna u li f'ħajitna jista' jgħinna nifhmu iżjed lilna nfusna u x'inhu jiġri.

# Meta nirża' l-vizzju

## Xi jkun vizzju?

## Taf lil xi ħadd li f'ħajtu sab ruħu jitħabat kontra xi vizzju?

## Taħseb li faċli tirbaħ vizzju?

Il-bniedem dejjem irid joqgħod attent li ma jdaħħalx f'ħajtu drawwiet ħżiena. Dawn id-drawwiet, li ħafna drabi nsejħulhom vizzji, jistgħu jnaqqsulna l-libertà li Alla tana bħala wieħed mill-ikbar rigali għalina. F'dan iż-żmien ta' ħajjitna rridu noqogħdu attenti ħafna mill-vizzji għax għalkemm dawn jeffetwaw lil kulħadd, imma l-fatt li għaddejjin minn tant taqlib ġewwa fina u fir-relazzjonijiet tagħna faċli ħafna nkunu aktar dgħajfa u nċedu malajr. Xi kultant dawn il-vizzji naqgħu fihom mhux għax inkunu rridu aħna iżda biex inkunu aċċettati minn xi grupp li nammiraw jew li nkunu nixtiequ nsiru ħbieb tagħhom.

Periklu ieħor f'dan iż-żmien hu li xi drabi meta naqgħu għal xi vizzju ma jkunx faċli li noħorġu minnu. Dan għaliex hija parti min-natura tal-vizzji li jsiru parti importanti minn ħajjitna u kultant jieħdu l-post ta' affarijiet li ħajjitna tassew għandha bżonn.






**THE HUMAN EXPERIENCE** jirrakkonta l-esperjenza ta' żewġt aħwa li kellhom tfulija diffiċli. Jeffrey Azize jistqarr li missieru ma kienx bniedem ħażin u jirrakkonta li kien hemm jiem li fihom kien iħares lejn missieru bħala l-eroj tiegħu. Imma dawk l-iljieli meta kien jiġi lura d-dar fis-sakra kienu esperjenzi li ħallew marka kbira fuqu. Kien għalhekk li meta ħuh il-kbir Clifford kiber ftit iddeċieda li jitlaq u jsib dar aħjar għalih u għal ħuh. Madankollu Jeffrey iħoss li hu u jikber xorta kellu xi ħaġa nieqsa u għalkemm qajla seta' jesprimi dak li kien iħoss imma xi kultant kien iħossu nieqes mit-tama fil-ħajja. Kien għalhekk li ż-żewġt aħwa flimkien ma' xi ħbieb, li bħalhom kellhom esperjenza diffiċli, jibdew vjaġġ, jew aħjar numru ta' esperjenza ma' nies li normalment naħsbuhom mingħajr tama. L-ewwel jibdew b'esperjenza fi New York qalb nies li m'għandhomx dar. Bħalhom ifittxu li jsibu post kenni fl-iljieli kesħin u xi qalb tajba li tagħtihom xi ħaġa x'jieklu. Wara din l-esperjenza jmorru f'orfanatrofju fil-Perù bi tfal diżabbli. Hawn Clifford u Jeffrey jiltaqgħu ma' tfal li minkejja t-tbatija kbira tagħhom huma mimlija mħabba. Fl-aħħar nett jiddeċiedu li jqattgħu l-aħħar esperjenza tagħhom f'komunità ta' lebbrużi fil-Ghana. Dawn l-esperjenzi jgħinu liż-żewġt aħwa jaraw u jsibu t-tama ta' dawn in-nies minkejja t-tbatijiet kbar tagħhom u din tgħinhom jegħlbu t-tbatija tagħhom. Jeffrey, diversi drabi waqt dawn l-esperjenzi jitkellem fuq dak li jkun qed iħoss u fl-aħħar tal-film jasal li jerġa' jiltaqa' ma' missieru. Hawnhekk il-missier jitlob 'l uliedu jaħfrulu ta' dak li kien għamel sforz il-vizzji tiegħu u wara ħafna snin Jeffrey u Clifford jaraw il-qawwa tat-tama fil-ħajja tal-bniedem.

X'uħud minn dawn il-vizzji jista' jkollhom effett ħażin ħafna fuq ġisimna u saħħitna għalkemm dan l-effett ma jidhirx mal-ewwel. Fosthom tajjeb insemmu Anorexia li hija diżordni fl-ikel li jaqqgħu fiha żgħażagħ li jibżgħu li se jeħxienu u għalhekk jiddeċiedu li joqogħdu lura mill-ikel b'detriment kbir għal saħħithom.

Hemm vizzji li jistgħu jħallu effetti xejn sbieħ fuq il-karattru tagħna bħall-gideb, id-dagħa jew l-egoiżmu. Il-gideb ħafna drabi jimbuttana f'ċirku ta' gideb, waħda wara l-oħra u dan ser itaqqalna u jikkomplika r-relazzjoni tagħna mal-oħrajn. Mill-banda l-oħra x'uħud jużaw id-dagħa biex jidhru kbar jew inkella interessanti mingħajr ma jindunaw li qed iwaqqgħu lilhom infushom mal-maġġoranza ta' sħabhom li fil-paroli żejjed tagħhom jaraw biss lil xi ħadd li jrid jilgħabha ta' xi ħadd li mhux. Hemm imbagħad min jibda jġib ruħu qisu hu kien iċ-ċentru ta' kollox u f'qasir żmien isib li l-ħbieb tiegħu qed iwarrbuh għal oħrajn li huma aktar komdi magħhom.

Fl-aħħar nett x'uħud minn dawn il-vizzji jbegħduna minn dik il-verità dwar ħajjitna li lilna tgħinna nikbru f'armonija ikbar minn ġewwa. Dawn il-vizzji jaqtgħuna mill-imħabba ta' dawk li jridulna l-akbar ġid u saħansitra ma jħalluniex naraw l-imħabba kbira ta' Alla għalina. Ħafna drabi l-ħajja ta' dawk maħkuma minn dawn il-vizzji titlef dawk l-elementi li jagħmlu mill-ħajja avventura u l-aqwa rigal ta' Alla. Madankollu dan ma jfissirx li Alla jinsiehom lil dawk maħkuma minn dawn il-vizzji imma jfisser li huma jkunu nsew li Alla jħobbhom, mhux għal dak li jagħmlu imma għal dak li huma. Meta dawn jindunaw b'din l-imħabba kbira tiegħu, ikunu bdew l-ewwel pass biex jegħlbu dawn il-vizzji li żergħu f'ħajjithom u mbagħad jibdew biex jiżirgħu xi ħaġa li tħalli frott mill-isbaħ fil-ħajja tagħhom – il-virtu!

# Meta niżra' l-virtù

Qalbna hi spazju sagru u ma nistgħux inħalluha miftuħa beraħ b'mod li jista' jidħol fiha minn kollox. Irridu nieħdu ħsiebha, nikkultivawha u nipproteġuha.

L-għorrief tal-Greċja l-Antika, l-aktar Platun u Aristotile li kienu jgħixu aktar minn 300 sena qabel Kristu, kienu jitkellmu u jiktbu dwar liema huma dawk il-karatteristiċi fil-bniedem li jistgħu jagħmluh aktar tajjeb u allura aktar kuntent. Aħna jeħtieġ niżviluppaw dik li tissejjaħ 'filosofija tal-ħajja' – jiġifieri niżviluppaw l-mod tagħna kif naħsbuha u kif nirreaġixxu għal dak li jiġri fil-ħajja. Imma din il-filosofija tal-ħajja, biex niżviluppawha, għandna bżonn niskopru l-għejun mnejn nixorbu, minn fejn niskopru dawk il-valuri tal-ħajja li jagħmluna tassew bnedmin sħaħ li kapaċi nirrispettaw id-dinjità tagħna u tal-oħrajn. Daqskemm hu ikrah il-vizzju, għax huwa drawwa li tgħawġilna d-direzzjoni fil-ħajja, daqstant ieħor hu sabiħ li niskopru liema huma dawk il-virtujiet li joħorġu s-sabiħ ġo fina.

Fit-Testment il-Qadim għandna l-kotba msejħa tal-Għerf u l-Ktieb tal-Proverbji li jitkellmu



### NELSON MANDELA

Nelson Mandela twieled fl-Afrika t'Isfel fit-18 ta' Lulju 1918. Daħal fil-politika biex jagħti sehmu fil-ġlieda f'pajjiżu kontra d-diskriminazzjoni li kienet sistematika bejn il-bojod u s-suwed. Kienet dik li tissejjaħ il-politika tal-'Apartheid'. Din kienet mifruxa f'kull aspett tas-soċjetà. Biżżejjed insemmu li kien hemm karozzi tal-linja differenti għas-suwed u għall-bojod, li kienu anke jieqfu f''bus stops' differenti. Mandela spiċċa b'sentenza t'għomru l-ħabs. Kellu 44 sena. Seta' kieku ried jinħeles, basta jibdel l-opinjoni tiegħu, imma s-sens ta' ġustizzja li kellu, l-imħabba li kellu għal pajjiżu u l-poplu tiegħu, kif ukoll il-qawwa li kellu bħala karattru li kien lest jagħti ħajtu għal din il-kawża, wassluh biex jirrinunzja għal-libertà. Minn ġol-ħabs imma xorta beda jikseb fama ta' mexxej li seta' jeħles lill-Afrika minn dak li kien qed jiġri, inkluż vjolenza kbira fil-pajjiż. Fl-1990, wara kważi 27 sena, inħeles mill-ħabs. Id-dinja kollha rat dan l-avveniment fuq it-televiżjoni. Irnexxielu jasal saħansitra jsir president ta' pajjiżu fl-1994 b'mod li mbagħad kien f'pożizzjoni li bil-mod imma b'determinazzjoni jżarma sistema ta' inġustizzja u jħejji t-triq biex f'pajjiżu r-razez differenti jkun kapaċi jgħixu flimkien f'armonija. Nies bħal Mandela d-dinja tħares lejhom mhux biss bħala eroj għal dak li għamlu għal pajjiżhom, imma anke bħala xempji ta' qawwa li kapaċi jispiraw tant u tant nies oħra.




ħafna dwar il-virtujiet umani li jagħmluha iktar possibbli li niskopru lilna nfusna u nkunu kapaċi ngħixu mal-oħrajn.

Fl-istorja tal-Knisja, insibu għorrief kbar li tkellmu fuq dan. Fosthom insibu lil San Tumas t'Akwinu li qabel jitkellem fuq il-virtujiet ta' fidi, tama, u mħabba, li bihom aħna nirrelataw ma' Alla, jitkellmu dwar dawk il-virtujiet li neħtieġu bħala bnedmin. San Tumas isejħilhom il-virtujiet 'kardinali'. Il-kelma 'kardinali' ġejja minn kelma bil-Latin li tfisser 'ċappetta'. Għax bħalma l-bieb ikollu ċ-ċappetti li fuqhom iserraħ u jdur biex jinfetaħ u jingħalaq, hekk aħna għandna bżonn dawn il-virtujiet li jagħmluna iktar nies li kapaċi nagħrfu x'inhu dak li jgħinna nikbru. Dawn huma l-virtujiet li nistgħu nqisuhom il-pedament tal-umanità tagħna. Fuq dan il-pedament aħna rridu nibnu lilna nfusna bħala bnedmin.

### IL-VIRTUJIET KARDINALI

**L-Għaqal** L-għaqal huwa l-għerf tal-ħajja li huwa differenti mill-għerf tal-kotba. L-għerf tal-ħajja neħtiġuh fid-deċiżjonijiet u l-għażliet li nagħmlu, fil-mod kif nippruvaw nifhmu l-ħajjitna.

**Il-Ġustizzja** Meta fil-ħajja jkollna sens ta' ġustizzja kif nimxu mal-oħrajn, dan jagħmilna ferm iktar sensittivi għall-oħrajn u għall-ħtiġijiet tagħhom. Meta jonqos fina dan is-sens ta' ġustizzja, nitilfu r-rispett li għandu jkollna lejn dak li hu ta' ħaddieħor. U fostna jkun hawn konfużjoni kbira.

**Il-Qawwa** Il-qawwa tista' anke tfisser kuraġġ, dak li l-bniedem għandu bżonn biex jiffaċċja l-ħajja. L-oppost tal-kuraġġ hu l-biża'. Bniedem beżgħan joqgħod lura, jibża' jagħmel dak li għandu jagħmel, għax forsi jibża' li jiżbalja. Il-qawwa hi virtù li tagħmilna b'saħħitna fil-karattru, nafu fiex nemmnu u kapaċi nieqfu għall-ħażen.

**It-Temperanza** Jew 'qies' hija l-virtù li tagħmilna kapaċi nikkontrollaw l-esaġerazzjonijiet fil-ħajja. Ma nistgħux inkunu nies ta' estremi, mingħajr it-triq tan-nofs. Il-kontroll jagħmilna nies meqjusa, nafu meta għandna nitkellmu u meta għandna nisktu. Inkunu nies ta' kontroll tfisser ma nħallux iċ-ċirkustanzi jmexxuna.



# Il-vjaġġ ġewwieni

**Fittex**

Qatt smajt b'Santa Tereża t'Avila jew Thomas Merton. Dawn huma żewġ persuni importanti ħafna fil-Knisja. Fittex ftit dwarhom u ara x'tista' titgħallem mill-ħajjiet tagħhom.



## Itlob



Fl-istorja tal-Knisja niltaqgħu ma' diversi persuni li f'ħajjithom għamlu dan il-vjaġġ ġewwieni. Wieħed minn dawn huwa San Franġisk t'Assisi, li wara ħajja ta' xalar sab li xejn ma seta' jimlielu ħajtu daqs dak li ħalqu. Minn hawn beda l-vjaġġ ġewwieni tiegħu u sal-lum għad għandna ħafna kitbiet frott ta' din l-avventura ta' ħajtu. Waħda mit-talbiet ta' San Franġisk, titlob propju biex aħna nsiru persuni aħjar u għalhekk nimxu 'l quddiem fil-vjaġġ tagħna.

Mulej agħmilni strument
tal-paċi tiegħek.
Fejn hemm il-mibegħda,
ħallini nħeġġeġ l-imħabba;
fejn hemm il-ħtija,
ħallini nferrex il-maħfra;
fejn hemm id-dubju,
ħallini ndaħħal il-fidi;
fejn hemm il-qtigħ il-qalb,
ħallini nqawwi t-tama;
fejn hemm id-dlam,
ħallini nkebbes id-dawl;
fejn hemm in-niket;
ħallini nxerred il-ferħ...
Għax meta nagħtu,
aħna naqilgħu.
Għax meta naħfru,
aħna nkunu maħfura.
Għax meta mmutu,
inqumu għall-Ħajja ta' dejjem

Santa Tereża t'Avila, qaddisa Spanjola tas-seklu sittax, qabblet ir-ruħ tagħna ma' kastell b'sebat ikmamar, waħda wara l-oħra. Ix-xewqa li nikbru fil-ħajja spiritwali hija mxebbha max-xewqa li noħorġu mill-kamra li nkunu u nidħlu niskopru l-kamra ta' warajha. Fi kliem sempliċi, il-kmamar jissimbolizzaw passi differenti li lkoll irridu nagħmlu biex bil-mod u b'ħafna paċenzja magħna nfusna niskopru min aħna. Għax kultant ma' nindunawx li l-ewwel rridu nkunu kapaċi niltaqgħu magħna nfusna sabiex imbagħad niltaqgħu verament mal-oħrajn u finalment anke ma' Alla. Din il-mixja titlob li aħna ninbnew f'nies maturi, b'karattri b'saħħithom, b'mod li tispikka fina l-ewwel u qabel kollox l-umanità tagħna.

Hemm dinja sħiħa ġo fina lkoll u din qiegħda hemm biex aħna nesplorawha. Ma nistgħux nibżgħu minnha. M'għandniex noqgħodu lura milli niskopruha, u m'għandniex għalfejn nibżgħu niffaċċjaw il-verità mistura f'qalbna.

Jekk nibżgħu niskopru lilna nfusna hemm ċans li fina jiżviluppa dak li Thomas Merton isejjaħlu '*the false self*'. Huwa important ħafna li aħna noħolqu spazju biex bil-mod il-mod niżviluppaw '*the true self*'. Hekk biss niskopru min aħna tassew. Hekk biss nistgħu niskopru min huma l-oħrajn. Kif ukoll hekk biss nistgħu nsibu lil Alla f'ħajjitna. F'dan kollu, niskopru li Alla fina għamel ħolqien sabiħ li qed jistenna li jesprimi ruħu u jsir ħolqien ġdid li jibdel dak kollu li hemm madwaru.

Din hi l-istedina li Alla jagħmel lilna lkoll. Stedina li din l-avvenutra ma nħalluhiex fuq il-karta antika u musfara ta' xi mappa imma li lkoll kemm aħna ngħixuha billi ngħixu ħajjitna b'mod sħiħ.



**NARAW X'TGĦALLIMNA**

**A KLIEM IMPORTANTI**

Ikteb sentenza li tfisser fil-qosor x'nifhmu b'dan il-kliem:

- Attitudnijiet
- Vizzju
- Virtù

**B IDEAT PRINĊIPALI**

Ikteb paragrafu dwar dawn:

- Il-vizzju jnaqqasli l-libertà.
- Id-deċiżjonijiet f'ħajti.
- Tajjeb li nirraġuna 'Ħajti tiegħi u allura niddeċiedi jien?

**Ċ AĦSEB B'MOĦĦOK**

Uża dak li tgħallimt biex twieġeb dawn:

- Faċli li taqa' f'vizzju. X'tista' tagħmel biex dan ma jibqax parti minn ħajtek?
- X'tifhem b'ħajja spiritwali? Dan kif jaqbel mal-ħajja spiritwali tiegħek?

**D IDDISKUTI D-DAR**

Tkellem mal-membri tal-familja dwar dawn:

- Kif nistgħu ngħixu l-virtujiet fid-dinja tal-lum.

# Salib it-toroq